



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

18 ta' Settembru 2020

Werrej

I Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-552 sessjoni plenarja tal-KESE (+ Telekonferenza permezz ta' Interactio), 10.6.2020–11.6.2020

2020/C 311/01

Riżoluzzjoni dwar "Proposti tal-KESE għar-rikostruzzjoni u l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19: 'L-UE jeħtiġilha tkun iggwidata mill-prinċipju li titqies bħala komunità ta' destin komuni.'" abbażi tax-xogħol tas-Sottokumitat dwar l-irkupru u wara l-pandemija tal-COVID-19

1

OPINJONIJIET

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-552 sessjoni plenarja tal-KESE (+ Telekonferenza permezz ta' Interactio), 10.6.2020–11.6.2020

2020/C 311/02

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Suq uniku għal kulħadd" (Opinjoni esploratorja)

19

2020/C 311/03

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-effetti tal-kampanji fuq il-parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet politiċi" (Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Kroata)

26

2020/C 311/04

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u l-isfidi fil-finanzjament tal-adattament għat-tibdil fil-klima" (Opinjoni esploratorja)

36

III Atti preparatorji

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Il-552 sessjoni plenarja tal-KESE (+ Telekonferenza permezz ta' Interactio), 10.6.2020–11.6.2020

2020/C 311/05	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea għall-2020” (COM(2019) 486 final)	45
2020/C 311/06	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (Kodifikazzjoni)” (COM(2020) 48 final — 2020/0029 (COD))	52
2020/C 311/07	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19” (COM(2020) 233 final — 2020/0113 (COD))	53
2020/C 311/08	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża” (COM(2020) 22 final — 2020/0006 (COD)) u dwar “Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi” (COM(2020) 23 final — 2018/0196 (COD))	55
2020/C 311/09	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli — Il-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew” (COM(2020) 21 final)	63
2020/C 311/10	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward tal-aġġustamenti, b'rispons għall-pandemija tal-Covid-19” (COM(2020) 310 final — 2020/0066 (COD))	71
2020/C 311/11	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE biex tiġi indirizzata l-ħtieġa urġenti li jiġu posposti ċerti limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19” (COM(2020) 197 final — 2020/0081 (CNS)) dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 fir-rigward tad-dati tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni minħabba t-tifqigħa tal-kriżi tal-COVID-19” (COM(2020) 198 final — 2020/0082 (CNS)) dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2454 f'dak li jirrigwarda d-dati tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19” (COM(2020) 201 final — 2020/0084 (CNS))	76
2020/C 311/12	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b'rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19” (COM(2020) 186 final — 2020/0075 (COD))	79
2020/C 311/13	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (kodifikazzjoni)” (COM(2020) 49 final — 2020/0022 (CNS))	81

2020/C 311/14	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta’ miżuri speċifiċi għall-indirizzar tal-kriżi tal-COVID-19” (COM(2020) 223 — 2020/0105 (COD)) . .	82
2020/C 311/15	Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ” (COM(2020) 206 <i>final</i> — 2020/0086 (COD))	83

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-552 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE (+ TELEKONFERENZA PERMEZZ TA' INTERACTIO),
10.6.2020–11.6.2020

Riżoluzzjoni dwar “Proposti tal-KESE għar-rikostruzzjoni u l-irkupru wara l-kriżi tal-COVID-19: ‘L-UE jeħtiġilha tkun iggwidata mill-prinċipju li titqies bħala komunità ta’ destin komuni.” abbażi tax-xogħol tas-Sottokomitat dwar l-irkupru u wara l-pandemija tal-COVID-19

(2020/C 311/01)

Relaturi: **Petr ZAHRADNIK (Gr. I)**

Stefano PALMIERI (Gr. II)

Jan DIRX (Gr. III)

Matul is-sessjoni plenarja tiegħu tal-10 u l-11 ta' Ġunju 2020 (laqgħa tal-11 ta' Ġunju), il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta r-Riżoluzzjoni li ġejja b'221 vot favur, 0 voti kontra u 6 astensjonijiet.

1. Introduzzjoni

1.1. Il-KESE jilqa' bi pjaċir u jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni Ewropea: il-pjan Next Generation EU u l-baġit ġenerali tal-UE għall-2021-2027. F'din l-istqarrija aħna niddeskrivu x'għandhom jiksbu fil-fehma tagħna l-proposti għall-irkupru u r-rikostruzzjoni wara l-kriżi tal-coronavirus. L-erba' punti li ġejjin huma ċentrali għalina:

1.2. Il-KESE huwa konvint li l-irkupru mill-effetti tal-kriżi tal-coronavirus jirnexxi biss jekk ikun akkumpanjat mir-ristrutturar tas-soċjetà tagħna: jeħtieġ li niffukaw fuq ir-rikostruzzjoni kif ukoll fuq l-irkupru. Ma nistgħux sempliċement nerġgħu niksbu dak li kien jeżisti fil-passat: irridu nirristrutturar u ntejbuh. Għall-KESE, ir-ristrutturar u t-titjib ser ikollhom jissejsu fuq il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat ix-xogħol kollu tagħna: il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali, il-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt, l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku, il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), il-ħolqien ta' ekonomija ċirkolari u l-kisba tan-newtralità klimatika fl-UE sa mhux aktar tard mill-2050. Irridu niżguraw ukoll governanza tajba u responsabbiltà demokratika. Huwa wkoll imperattiv li wieħed jifhem għaliex ċerti gruppi soċjali tħallew aktar vulnerabbli matul il-kriżi, kemm f'termini ta' protezzjoni insuffiċjenti kontra l-kontaġġ u t-telfien ta' mezzi ta' għajxien, kif ukoll li ssir ħidma biex vulnerabbiltà bħal din tiġi limitata fil-futur.

1.3. Il-proċess tas-Semestru Ewropew se jikseb rwol dejjem aktar importanti fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-interventi stabbiliti fil-qafas ta' “Next Generation EU” u, f'dan il-kuntest, il-KESE jemmen li l-imsieħba ekonomiċi u soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandu jitqies li għandhom rwol importanti f'dan il-proċess.

1.4. F'dan il-proċess għdid ta' rkupru u rikostruzzjoni, il-KESE jittama li l-Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa tista' tkun opportunità biex tissaħħaħ u tiġi approfondita l-istruttura istituzzjonali tal-UE u sabiex jitwettaq tiġdid reali tal-proġett tal-UE, li jkun kapaċi jiffaċċja l-isfidi tad-deċennji li ġejjin.

1.5. L-investimenti li saru taħt l-istimolu ekonomiku fuq medda qasira ta' żmien għandhom ikunu newtrali lejn, jew għandhom jaċċelleraw, it-trasformazzjoni strutturali tal-ekonomija Ewropea lejn tniġġis zero, ir-restawr tal-bijodiversità u n-newtralità klimatika sal-2050.

1.6. Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha, permezz tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili, se tagħmel il-proċess ta' riforma tal-ekonomija u tas-soċjetà possibbli. L-Istati Membri u l-UE għandhom għalhekk jiżguraw li f'dan il-proċess kumpless ħadd ma jitħalla barra.

1.7. L-aktar importanti, waħda mit-tagħlimiet ewlenin tal-kriżi tal-coronavirus hija li s-sistemi tas-saħħa fi kważi kull pajjiż Ewropew jeħtieġ li jissaħħu permezz tal-ħolqien ta' "Unjoni tas-Saħħa tal-UE".

2. Il-kriżi tal-COVID-19: skoss simmetriku estern għall-UE b'effetti differenti minn Stat Membru għal ieħor tal-UE

2.1. Il-kriżi tal-COVID-19 u l-effetti tagħha fuq l-UE

2.1.1. Filwaqt li valutazzjoni tal-impatt sħiħ tal-pandemija tal-COVID-19 tkun prematura fiż-żmien meta tiġi abbozzata din ir-riżoluzzjoni, diġà huwa ċar li dan huwa l-aġar skoss ekonomiku li l-ekonomija Ewropej qed iħabbtu wiċċhom miegħu mit-Tieni Gwerra Dinjija 'l hawn. It-triq lejn l-irkupru x'aktarx li tkun twila u mimlija skossi. It-tbassir tal-FMI u tal-Kummissjoni Ewropea jikkonferma li din il-kriżi affettwat lill-Istati Membri kollha tal-UE bi gradi differenti ta' intensità⁽¹⁾, kriżi li qed tisfida mhux biss ix-xejriet tal-imġiba tagħna iżda wkoll ix-xejriet tagħna tal-produzzjoni, il-konsum u l-impjiegi.

2.1.2. Hija kriżi serja minħabba li laqtet lill-UE fi żmien ta' dgħufija ekonomika u politika kbira. F'xi pajjiżi l-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja preċedenti (2008-2010) għadhom ma battewx u l-ekonomija tagħhom għadhom pjuttost sensitivi, fraġli u vulnerabbli għal skossi. Bl-istess mod, xi gruppi soċjali, anke fl-Istati Membri l-aktar għonja, għad iridu jirpiljaw mill-impatt tal-aħħar kriżi ekonomika. Dan huwa l-każ, pereżempju, għall-persuni b'diżabilità⁽²⁾. Barra minn hekk, il-kriżi seħħet f'mument kruċjali għall-UE: f'fażi ta' tranżizzjoni lejn ekonomija diġitali sensitiva għas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali.

2.1.3. Din hija kriżi li qed ikollha impatt ta' tfixkil mil-lat ekonomiku u soċjali u l-Ewwel prijorità hija sett sħiħ ta' attivitajiet u politiki li jregġgħulna lura "normali għdid" f'haġitna, is-sistemi ekonomiċi, soċjali u ambjentali u l-organizzazzjonijiet tagħna.

2.1.4. Il-kriżi se tkun test tal-istress serju għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi, għas-sistema ekonomika u l-mudelli soċjali tagħna, għall-valuri tagħna u għad-demokrazija tagħna.

2.2. Effetti ekonomiċi

2.2.1. Kuntrarju għall-kriżi ta' qabel, did-darba sibna ruħna immedjatament f'llockdown totali għal ħafna attivitajiet, u dan wassal għal tnaqqis qawwi fil-produzzjoni, żieda rapida fil-qgħad u deterjorament tal-istandards tal-għajxien (tnaqqis fid-dħul reali, inċertezza fl-impjiegi, mobilità ristretta), tnaqqis drastiku fid-dħul mill-kummerċ barrani kemm fl-UE kif ukoll ma' pajjiżi terzi, u deterjorament drastiku fl-indikaturi tal-finanzi pubbliċi.

(1) Georgieva, C., 2020, *The Great Lockdown: Worst Economic Downturn Since the Great Depression*. Stqarrija għall-Istampa tal-FMI Nru 20/98.

(2) Iċ-ċifri mill-Istatistika tal-UE dwar l-Introitu u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien (EU SILC) juru żieda fil-faqar u l-esklużjoni soċjali għal persuni b'diżabbiltà bejn l-2010 u l-2018 fl-Estonja, il-Lussemburgu, il-Ġermanja, l-Iżvezja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, l-Italja, in-Netherlands, Malta u Spanja.

2.2.2. Abbażi tal-analiżi disponibbli tal-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq it-tkabbir ekonomiku, bi tbażir ta' tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG ta' madwar 8 % ⁽³⁾, il-qgħad globali għandu jżied b'24,7 miljun, b'inċertezza li taffettwa bejn 13-il miljun u 36 miljun impjeg ⁽⁴⁾. Għall-UE, ir-rata tal-qgħad hija mistennija li tiżdied minn 6,7 % (2019) għal 9,0 % (2020) ⁽⁵⁾. Din il-kriżi tisfida wkoll b'mod gravi: i) is-sistema ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju li jirrappreżentaw is-sinsla tas-sistema tal-produzzjoni Ewropea; ii) il-kompetittività tas-sistema ta' kumpaniji Ewropej kbar; iii) is-sopravivenza proprja ta' xi setturi ekonomiċi bħall-ospitalità, it-turiżmu, it-trasport u l-kultura.

2.2.3. L-istimi għall-2021 ⁽⁶⁾ huma ħafna aktar ottimisti, b'irkupru kundizzjonali li, madankollu, jiddependi fuq il-parametri li ġejjin: il-miżuri restrittivi jridu jkunu tneħħew diġà; il-pandemija tibqa' taħt kontroll; u l-miżuri monetarji, fiskali u regulatorji bla preċedent adottati mill-Istati Membri u l-UE jkunu taw prova li huma effiċjenti f'termini ta' tnaqqis tal-impatt ekonomiku u soċjali immedjat tal-kriżi u l-mitigazzjoni tal-ħsara fit-tul għal relazzjonijiet ekonomiċi u soċjali u għal ktajjen ta' valur globali.

2.2.4. Mill-perspettiva tal-UE, is-Suq Uniku prattikament ġie paralizzat. Barra minn hekk, il-pakketti ta' kriżi tal-Istati Membri rriżultaw f'riskju li jinħolqu kundizzjonijiet mhux ekwi li jridu jiġu indirizzati b'mod urġenti. L-inċertezza rigward l-investimenti futuri żdied qatigħ u indikaturi ewlenin bħall-PMI, jew il-kunfidenza tan-negozju u tal-konsumatur, laħqu livelli baxxi storiċi.

2.2.5. L-impatt ekonomiku u soċjali l-aktar profond għalhekk probabbilment se jiġi rreġistrat matul it-tieni tliet xhur ta' din is-sena, skont il-grad ta' intensità esperjenzata mid-diversi setturi. Fit-tieni sitt xhur tal-2020 nistgħu nistennew li naraw xi rkupru ekonomiku, għalkemm it-tip ta' rkupru jista' jvarja minn pajjiż għal ieħor.

2.2.6. Iżda b'mod aktar serju, l-iskoss interrompa u biddel għal kollox il-mudelli u l-iskemi ta' stil ta' ħajja normali tagħna. Bħala parti mill-proċess ta' rkupru u ta' attivazzjoni mill-ġdid, huwa neċessarju li wieħed jiffoka mhux biss fuq il-kisba lura tal-prestazzjoni ekonomika, iżda forsi b'mod aktar urġenti u importanti ssir enfasi fuq l-għoti ta' tama u l-oportunità li jiġu adattati ħajitna għan-"normali ġdid", inkluża l-konformità sħiħa mal-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli.

2.3. Effetti soċjali

2.3.1. Il-COVID-19 se jkollu impatti estensivi fuq l-eżiti tas-suq tax-xogħol. Lil hinn mit-tbażir urġenti dwar is-saħħa tal-ħaddiema u l-familji tagħhom, il-virus u l-iskossi ekonomiċi sussegwenti se jkollhom impatt fuq id-dinja tax-xogħol fi tliet modi ewlenin: 1) il-kwantità ta' impjegi (kemm il-qgħad kif ukoll is-sottoimpjeg); 2) il-kwalità tax-xogħol; u 3) effetti fuq gruppi speċifiċi li huma aktar vulnerabbli għall-eżiti negattivi tas-suq tax-xogħol. Xi kategoriji ta' ħaddiema huma aktar affettwati minħabba li huma mingħajr xbieki ta' sikurezza soċjali: żgħażaġħ fimpjegi prekarji, ħaddiema ta' età ikbar, ħaddiema b'diżabbiltà, nisa għaliex huma soprarappreżentati fis-setturi l-iżjed milquta ħażin ħafna jew għaliex jibqgħu d-dar biex jieħdu ħsieb il-membri tal-familja, ħaddiema li jaħdmu għal rashom jew fuq pjattaformi diġitali, ħaddiema bi dħul baxx, ħaddiema migranti, u nies li huma riferuti bħala ħaddiema "inviżibbli", jiġifieri dawk li jaħdmu xogħol mhux iddikjarat. Il-faqar fost dawk li jaħdmu x'aktarx ukoll li se jżied b'mod sinifikanti ⁽⁷⁾.

2.3.2. Is-salvagwardja tal-impjegi u tad-dħul għall-ħaddiema kollha hija prijorità u jeħtieġ li nsawru l-politiki tal-lum b'perspettiva fit-tul. L-UE teħtieġ strateġija soċjali Ewropea b'saħħitha għall-irkupru u r-rikostruzzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali bl-involviment attiv tal-imsieħba soċjali sabiex tingħata nifs ġdid l-ekonomija, jiġu ssalvagwardati d-drittijiet tal-ħaddiema u tiġi żgurata l-benesseri għal kulħadd. Huma meħtieġa riformi istituzzjonali u tal-politiki aktar fil-fond biex jissaħħaħ l-irkupru u tinbena r-reżiljenza permezz ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali robusti u universali li jistgħu jaġixxu bħala stabbilizzaturi ekonomiċi u soċjali awtomatiċi b'rabta mal-kriżijiet. Dan se jgħin ukoll biex terġa' tinbena l-fiducia fl-istituzzjonijiet u l-gvernijiet.

⁽³⁾ Kummissjoni Ewropea, DG ECFIN.

⁽⁴⁾ Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Marzu 2020, *COVID-19 and the world of work: Impact and policy responses*.

⁽⁵⁾ Kummissjoni Ewropea, Rebbieġha 2020, *Tbażir Ekonomiku Ewropew..* Dokument Istituzzjonali 125. Mejju 2020.

⁽⁶⁾ Kummissjoni Ewropea, DG ECFIN.

⁽⁷⁾ L-ewwel sejba tal-Eurofound dwar il-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol u l-COVID-19 – April 2020: "Ir-riżultati tal-istħarriġ juru li minħabba l-implikazzjonijiet ekonomiċi tal-kriżi tal-pandemija tal-COVID-19, aktar unitajiet domestiċi qed isibu ruħhom taħt pressjoni finanzjarja milli qabel ma bdiet il-kriżi. Kważi nofs dawk kollha li wiegħu (47 %) indikaw li l-unità domestika tagħhom qed issibha diffiċli tlaħħaq mal-ħajja. (...) Minn dawk kollha li wiegħu li tilfu l-impjeg tagħhom b'mod permanenti matul il-kriżi, 90 % rrapportaw li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-unità domestika tagħhom marret għall-agħar, 44 % ma għandhom l-ebda flus imfaddlin u 35 % għandhom biss biżżejjed flus imfaddlin biex iżommu l-istandard attwali tagħhom ta' għajxien għal tliet xhur.

2.3.3. Id-djalogu soċjali bipartitiku u tripartitiku bejn il-gvernijiet, l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem huwa għodda ewlenija għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet sostenibbli, mil-livell komunitarju sal-livell globali. Dan jirrikjedi organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali b'saħħithom, indipendenti u demokratiċi.

2.3.4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm irkupru b'żewġ velocitàjiet minn din il-kriżi, kif rajna fl-aħħar kriżi. Għandu jingħata appoġġ lill-gruppi kollha biex ikunu jistgħu jirprijaw flimkien, mingħajr ma jkun hemm aktar gruppi soċjali vulnerabbli li jridu jstennew bil-paċenzja biex jaraw l-istess titjib fl-istandards tal-impjieg u tal-għajxien bħall-bqija tal-popolazzjoni. Dan huwa partikolarment il-każ għaż-żgħażaġh, il-persuni b'diżabilità, persuni minn minoranzi etniċi, kif ukoll migranti u refuġjati.

2.3.5. Hemm bżonn ukoll ta' attenzjoni u azzjoni speċjali għal gruppi barra mis-swieq tax-xogħol li diġà qed jesperjenzaw il-faqar, kif ukoll gruppi ġodda ta' faqar, li huwa mistenni li jiżdiedu. Dawn il-gruppi jirriskjaw aktar l-emarġinazzjoni flimkien ma' ħafna kwistjonijiet soċjali u tas-saħħa.

2.3.6. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili stess huma fost il-vittmi tal-inugwaljanzi u d-dgħufijiet fis-sistema. Il-kapaċità attwali u futura tagħhom li jirrispondu għal ħtiġijiet hija mhedda minn riżorsi ta' spiss skarsi u mhux kostanti. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat billi jiġu żgurati mekkaniżmi ta' finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

3. Evalwazzjoni tar-rispons tal-UE għall-kriżi tal-COVID-19

3.1. Il-miżuri ta' emerġenza

3.1.1. Bħalissa fl-Ewropa (u b'mod komparabbli fid-dinja kollha), il-pandemija tal-coronavirus qed tiddetermina l-parametri kollha ta' ħajjtna, li jinkludu l-attività, l-organizzazzjoni u s-sistemi ekonomiċi. L-ekonomija u l-instrumentarium tal-politika ekonomika huma kompletament subordinati biex isolvu b'suċċess il-kriżi u jagħtu kontribut sostanzjali biex din tintemm. Madankollu, anke f'dan il-perjodu kritiku, ikun jaqbel li jiġi ggarantit li:

- is-sorsi finanzjarji mmobilizzati jintużaw b'mod effettiv u jkunu mmirati sew skont il-ħtiġijiet;
- is-suġġetti eliġibbli kollha (persuni fiżiċi, negozji u impriżi, organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, fornituri ta' servizz pubbliku, eċċ.) affettwati mill-pandemija jirċievu kumpens ġust;
- l-ekonomija tkun lesta biex terġa' tibda meta tispiċċa l-pandemija, filwaqt li nkunu tgħallimna tagħlimiet mill-pandemija attwali dwar kwistjonijiet soċjali li jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod urġenti.

3.1.2. Għalkemm is-suq u l-ekonomija ma jstax ikollhom ir-rwol ta' djanjostiku u evalwatur ta' problema medika mhux magħrufa, fl-istess ħin ikun pjuttost impossibbli li tiġi solvuta l-problema tal-pandemija mingħajr ma jitqiesu b'mod xieraq l-ispejjeż u l-konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji mġarrba.

3.1.3. S'issa, l-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet rispettivi tal-UE adottaw sensiela ta' miżuri ta' emerġenza, ta' prevenzjoni, ta' stabbilizzazzjoni u ta' kumpens biex jirreaġixxu għall-kriżi. Nistgħu naqsmu dawk il-miżuri f'diversi kategoriji skont it-tipoloġija, bħal: monetarji u stabilizzanti, fiskali, ta' garanzija u bbażati fuq il-kreditu, kif ukoll regolatorji u proċedurali. Il-miżuri huma ffukati fuq l-aspetti kollha tal-għajxien, għalkemm prinċipalment fuq l-ekonomija u n-negozju, u kwistjonijiet soċjali (ara l-Anness I).

3.1.4. Il-miżuri jirrappreżentaw taħlita komprensiva ta' politiki ekonomiċi, inkluża reazzjoni politika monetarja, prinċipalment permezz ta' mewġa ġdida ta' taffija kwantitattiva, ikkumplementata mill-iskema l-ġdida ta' xiri ta' titoli bħala appoġġ għal-likwidità tas-suq finanzjarju taħt ir-responsabbiltà tal-BĊE, funzjoni ta' stabbilizzazzjoni makroekonomika mill-MES, sett ta' miżuri fiskali, li jibdeu bl-adozzjoni temporanja ta' regoli fiskali u dwar l-għajxien mill-istat flessibbli, permezz ta' injezzjonijiet fiskali enormi b'appoġġ għan-negozji u l-individwi affettwati mill-pandemija, il-posponiment ta' obbligi ta' ħlas lura, u r-riallokazzjoni massiva ta' flussi baġitarji tal-UE. Huwa importanti wkoll li jkun hemm pakkett ta' miżuri regolatorji u proċedurali ta' tipi differenti.

3.1.5. Huwa stmat li l-ammont ta' sorsi finanzjarji marbuta mal-miżuri għall-appoġġ tas-soċjetà Ewropea huwa ta' kważi EUR 3 000 biljun (16 % tal-PDG tal-UE fl-2019). S'issa, din kienet taħlita ta' miżuri ta' politika ekonomika li qed jiġu implimentati fil-livell tal-UE u, fil-parti l-kbira tagħhom, tal-Istati Membri. Taħt il-Pjan inizjali ta' Rispons Ekonomiku għall-Coronavirus tal-UE, EUR 165 biljun biss huma relatati direttament ma' sorsi ta' finanzjament komuni tal-UE fil-forma ta' sussidji u strumenti finanzjarji; il-passi l-oħra mibdiya mill-UE jinkludu miżuri li jappoġġjaw il-likwidità, biex jiġu implimentati regoli aktar flessibbli, jew biex jinbnew strumenti finanzjarji bbażati fuq garanzija; il-miżuri l-oħra kollha diretti jew fuq bażi fiskali kienu jikkonsistu f'passi li ttehdju jew li qed jiġu implimentati mill-Istati Membri. Il-proporzjon tal-passi mħejjija mill-UE sussegwentement żdied.

3.1.6. Aktar reċenti, il-pakkett tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-finanzjament tal-UE fil-futur, inkluża proposta għal Strument temporanju ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea marbut ma' stat ta' emerġenza (imsejjaħ Next Generation EU) u aġġustament sostanzjali tal-proposta oriġinali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 tal-UE, fil-fatt jirrappreżentaw rivoluzzjoni f'dan il-qasam.

3.1.7. Fl-aħħar nett, il-pakkett komprensiv imħabbar fl-aħħar nett ta' Mejju jirrappreżenta kontribut sostanzjali min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea biex tissolva s-sitwazzjoni attwali. Huwa konness ma' strument ġdid b'saħħtu u mmirat b'mod rilevanti esklussivament fuq il-ħruġ, il-bidu mill-ġdid u l-irkupru fil-perjodu wara l-COVID-19. Jipprova jiffoka fuq il-ħtiġijiet reali sabiex is-Suq Uniku jinżamm omoġenju u operattiv. Il-mudell ta' finanzjament jidher li huwa pjuttost raġonevoli, u jirrappreżenta innovazzjoni kif ukoll solidarjetà lejn l-Istati Membri. Il-funzjonament tal-istrument futur Next Generation EU għandu jkun jikkumplimenta l-QFP il-ġdid, fejn prijoritajiet oħra tal-UE, mhux neċessarjament konnessi mal-pandemija, għandhom ikunu riflessi biżżejjed ukoll (pereżempju l-Patt Ekoloġiku tal-UE, it-titjib tas-Suq Uniku u l-kundizzjonijiet għall-kompetittività tal-UE, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-aġġustament gradwali għall-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli), kif ukoll it-trattati u l-konvenzjonijiet internazzjonali kollha ffirmati u ratifikati mill-UE u l-Istati Membri tagħha.

3.2. Analiżi u konklużjoni rigward l-adeqwatezza/(in)suffiċjenza tal-miżuri

3.2.1. Kif imsemmi qabel, il-kwistjoni hija tant komprensiva li s-soluzzjoni t-tajba hija possibbli biss permezz ta' taħlita ta' politiki koordinata tajjeb u b'kompetenzi ċari min-naħa tal-atturi partikolari, b'miri u skeda ta' azzjoni rilevanti. Fi ħdan is-sett ta' miżuri adottati, nistgħu nsibu wkoll diversi approċċi innovattivi ġodda li jistgħu jintużaw ukoll għall-perjodu ta' wara.

3.2.2. Din hija l-ewwel darba mill-aħħar kriżi u l-konsegwenzi tagħha li l-MES li għadu kif ġie stabbilit għandu l-opportunità li jistabbilizza l-ambjent makroekonomiku taż-żona tal-euro. Ir-reazzjoni tal-politika monetarja kienet ukoll rilevanti ħafna biex is-settur finanzjarju jkun jista' jibqa' funzjonali u effiċjenti, b'likwidità adegwata. Huma wkoll importanti ħafna l-miżuri li jintroduċu regoli aktar flessibbli għall-għajna mill-Istat kif ukoll id-dixxiplina fiskali, li jagħmluha possibbli li jinżammu fiċ-ċirkolazzjoni r-riżorsi finanzjarji meta jaċċellera r-riskju ta' domanda aggregata mnaqqsa. Huwa vitali li jiġu kkompensati kemm jista' jkun malajr l-entitajiet kollha affettwati mill-kriżi – l-individwi, in-negozji kif ukoll l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ – f'termini tal-posponiment tal-obbligi tagħhom u l-provvediment ta' kumpens għad-dannu mġarrab matul il-perjodu tal-lockdown.

3.2.3. Il-miżuri ta' emerġenza kienu wkoll adatti ħafna. Ir-realtà fil-prattika wriet li f'perjodu ta' riskji fatali, l-Istati Membri għadhom jippreferu jimxu għal rashom; xi miżuri koordinati marbuta mal-konsenja ta' prodotti u tagħmir mediku essenzjali kienu jkun meħtieġa mhux biss għal raġunijiet prattiċi, iżda wkoll sabiex tingħata tifsira lill-valuri tas-Suq Uniku tal-UE. Dan iservi wkoll ta' ispirazzjoni għall-introduzzjoni ta' miżuri ta' strateġija ta' ħruġ u t-tneħħija ta' restrizzjonijiet, li jeħtieġ li jiġu kkoordinati bir-reqqa. Din is-sitwazzjoni ta' emerġenza tiftaħ ukoll spazju kbir ħafna għal strumenti bbażati fuq garanzija u kreditu, did-darba mmexxija l-iżjed mill-*instrumentarium* tal-BEI. Dan jirrifletti l-ħtieġa li jkun hemm aktar kapital privat skont ir-regoli ta' allokkazzjoni rigward l-interess pubbliku. Meta l-ħtieġa reali taqbeż bil-kbir ir-riżorsi limitati tal-finanzi pubbliċi, din hija l-unika soluzzjoni li tista' tiġi żviluppata ulterjorament fi żmien ta' "normali ġdid".

3.2.4. Bħal fil-każ tal-kriżi għaxar snin ilu, il-perjodu preżenti wera wkoll limitazzjonijiet serji fil-Baġit tal-UE f'termini ta' kif jirreaġixxi għal skossi mhux mistennija, speċjalment meta dawn iseħħu fi tmiem il-qafas finanzjarju attwali. Il-flessibilità tal-Baġit tal-UE ripetutament tesponi wieħed mid-dgħufijiet ewlenin tal-arkitettura finanzjarja tal-UE. F'każ li jkun meħtieġ li jiġu mobilizzati ammonti kbar ħafna ta' riżorsi finanzjarji, ser ikollu jinħoloq mekkaniżmu ġdid (bħal Next Generation EU), jew inkella l-Istati Membri ser ikun hemm dipendenza fuq l-Istati Membri biex jagħmlu dan huma stess. Din is-sitwazzjoni turi biċ-ċar il-ħtieġa li titjeb aktar is-sistema finanzjarja tal-UE, speċjalment f'każ ta' skossi mhux mistennija; il-mudell attwali joffri bażi finanzjarja komuni tal-UE li mhux biżżejjed biex tappoġġja l-istabbiltà makroekonomika tal-UE u taż-żona tal-euro.

3.3. Evalwazzjoni tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet tal-UE biex jipprovdu dawn il-miżuri

3.3.1. Wara d-deskrizzjoni u l-analiżi ta' hawn fuq, aħna napprezzaw ħafna r-reazzjoni rilevanti u f'waqtha tal-BĊE u tal-Grupp tal-Euro biex jattivaw l-MES. Barra minn hekk, kienet estremament rilevanti r-reazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, speċjalment fir-rigward tal-adozzjoni ta' regoli aktar flessibbli u miżuri ta' emerġenza bħala appoġġ għall-ktajjen ta' konsenja ta' oġġetti u tagħmir kruċjali fir-rigward tar-reazzjoni għall-bidu u għat-tixrid tal-pandemija. Wara xi żmien, il-Kummissjoni bdiet tieħu rwol ta' tmexxija, li tintroduċi u timplimenta l-pakkett komprensiv f'Mejju, inkluża l-proposta l-ġdida aġġustata dwar il-QFP u l-mekkaniżmu New Generation EU. Issa, huwa importanti li jingħata appoġġ mill-Istati Membri biex jintlaħaq kunsens dwar il-pakkett u jiġi implimentat malajr kemm jista' jkun fil-prattika. L-akbar tagħlima li għandha tittieħed tibqa' l-fatt li l-UE kollha kemm hi għadha pjuttost vulnerabbli fil-każ ta' skossi eżoġeni fuq skala kbira u minkejja t-titjib kontinwu, f'xi modi hija mġhamra ħażin biex tindirizzahom. L-eżempju l-aktar illustrattiv f'dan ir-rigward huwa l-flessibbiltà u l-istat ta' tħejjija limitati ħafna tal-Baġit tal-UE f'termini ta' rispons.

3.3.2. Barra minn hekk, kien għadda xi żmien qabel ma l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri bdew jadottaw miżuri biex jissalvagwardjaw l-integrità, l-omoġeneità u l-effiċjenza tas-Suq Uniku, l-aktar kisba ekonomika importanti tal-proċess ta' integrazzjoni tal-UE.

3.4. Xenarji u sfidi għall-futur

3.4.1. L-aktar xenarju probabbli għall-futur jikkonsisti f'li jintlaħaq il-qiegħ taċ-ċiklu ekonomiku matul it-tieni tliet xhur tal-2020, b'sinjali gradwali ta' rkupru fit-tieni sitt xhur tas-sena. Jekk ma jkunx hemm it-tieni mewġa tal-pandemija u jekk l-istrateġiji tal-ħruġ u tal-irkupru jkunu xierqa u effiċjenti, it-titjib huwa mistenni li jkompli matul l-2021, u jilħaq il-livelli ta' qabel il-COVID-19 fl-2022 f'termini tal-output ekonomiku u fl-2023 f'termini ta' attività ta' investiment. Dan ix-xenarju jista' jitqies bħala realistiku, għalkemm kemxejn ottimistiku. Madankollu, peress li l-inċertezza għadha għolja ħafna, l-UE għandha wkoll tkun ippreparata għal żviluppi inqas pożittivi, forsi anke l-introduzzjoni mill-ġdid ta' miżuri restrittivi, aktar passi ta' emerġenza, impenn akbar biex jittaffew il-konsegwenzi u kumpens aktar immirat għan-negozji u l-individwi fil-bżonn.

3.4.2. Is-sitwazzjoni attwali mhijiex biss fażi ta' żvilupp ekonomiku ċikliku, iżda wkoll mument importanti u deċiżiv f'termini ta' bidliet strutturali u ta' riforma fis-sistemi u l-organizzazzjoni ekonomiċi u soċjali Ewropej. L-għan tal-perjodu attwali mhuwiex biss li terġa' tiġi attivata l-ekonomija fil-prattika (li jwassal iċ-ċiklu lura għal-livelli ta' qabel il-COVID-19), iżda forsi aktar importanti minn hekk li jiffasslu u jiġu implimentati bidliet kwantitattivi u kwalitattivi ewlenin. L-għan huwa li tiġi pprovduta evalwazzjoni globali tal-mudell soċjoekonomiku ambjentali tagħna u li jiġu identifikati l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu. Ir-rikostruzzjoni radikali għandha tiġi riflessa mhux biss f'politiki ġodda jew aġġustati, iżda wkoll f'kompetenzi ġodda li jinvolvu l-atturi kollha (fir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, u internament fost l-istituzzjonijiet tal-UE stess) skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Huwa wkoll iż-żmien biex jiġi mistħarreġ għalfejn l-istrutturi soċjali u ekonomiċi attwali tagħna jħallu lil tant nies friskju minn skossi bħal dawn. Il-pandemija attwali esponiet vulnerabbiltajiet partikolari għal dawk li l-istatus ta' impjeg prekarju tagħhom ċaħħadhom mill-protezzjoni soċjali u l-possibbiltà li jingħataw liv speċjali f'ċirkostanzi ta' bżonn, kif ukoll dawk li ġew iżolati mill-komunitajiet tagħhom u n-networks ta' appoġġ li jeżistu fi ħdanhom.

3.4.3. L-oqsma ewlenin tal-proċess ta' rkupru u rikostruzzjoni jinkludu:

- l-isfruttar tal-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku bil-għan li jinżamm integrat, funzjonali, effiċjenti, sabiex terġa' tinkiseb il-kompetittività;
- li s-Suq Uniku jiġi kkomplementat minn aġenda soċjali ambizzjuża, speċjalment l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali sabiex tiġi żgurata konverġenza soċjali 'l fuq.
- jitkompla l-insewiment tal-bidliet strutturali meħtieġa u l-attivitajiet ta' investiment konnessi, prinċipalment fir-rigward ta' innovazzjonijiet diġitali, intelliġenti u soċjali u t-tranżizzjoni ekoloġika;
- titjib kontinwu tal-kompetittività tal-UE;
- il-ħolqien ta' kundizzjonijiet biex jissaħħu l-awtosuffiċjenza u r-reżiljenza tal-UE biex tindirizza l-impatti globali;
- il-ħolqien ta' kundizzjonijiet biex jinżamm il-kontroll fuq l-assi u l-industriji strateġiċi tal-UE;

- l-appoġġ tal-aċċess għas-suq tax-xogħol għal kulħadd sabiex tinbena forza tax-xogħol inklużiva u reżiljenti;
- l-investiment fl-inklużjoni ta' ċerti komunitajiet emarġinati biex tiġi żgurata parteċipazzjoni soċjali u ekonomika sħiħa;
- titjib sostanzjali tal-ktajjen ta' konsenja tal-UE f'każ ta' riskji u emerġenzi.

4. Il-kriżi ta' wara l-COVID-19: opportunità u hteieġa għal bidla fl-Unjoni Ewropea

4.1. *Iċ-“ċinju iswed”*

4.1.1. Ħafna osservaturi jassoċjaw il-kriżi tal-COVID-19 mad-definizzjoni tal-kunċett ta' “ċinju iswed”, stabbilit mill-matematiku Lebaniż Nassim Nicholas Taleb: “avveniment rari u imprevedibbli, minħabba li ma jaqax taħt l-aspettattivi normali tal-bniedem, iżda tant huwa ta' tfixkil billi huwa kapaċi jfixkel il-ħajjiet, jibdel il-perċezzjonijiet u jbidel darba għal dejjem il-komunitajiet li jintlaqtu minn dan il-fenomenu”⁽⁸⁾. Iżda fl-indirizzar tal-emerġenza tal-COVID-19, verament qed niffaċċjaw “ċinju iswed”? Huwa avveniment daqstant mhux mistenni? Jew dgħajjifna s-sistemi tas-saħħa, il-produzzjoni strateġika u l-istrutturi soċjali tagħna permezz ta' sensiela ta' għażliet ħżiena? Li l-affarijiet jibqgħu għaddejnin bħas-soltu ma jistax ikun li tibqa' għażla politika biex jiġu indirizzati l-effetti tal-kriżi. L-Ewropa għandha l-possibbiltà u l-opportunità li tibni dinja oħra, u l-UE għandu jkollha rwol ewlieni biex tagħmel dan.

4.1.2. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm taħlita differenti ta' risponsi ta' politika kif ukoll skedi taż-żmien differenti biex iseħħ l-irkupru minn din il-kriżi. Jekk naħdmu tajjeb, nistgħu nissuperaw dan kollu, insalvaw il-ħajjiet u l-benesseri tas-soċjetà, nittrasformaw il-mudelli soċjoekonomiċi tagħna f'oħrajn dejjem iktar iffukati fuq il-persuni u fuq l-ambjent naturali u nagħtu spinta lis-sħubija globali għall-iżvilupp sostenibbli.

4.1.3. Għalhekk, issa rridu niffukaw fuq l-essenzjali għal kulħadd: nappoġġjaw in-negozji biex jegħlbu l-kriżi sabiex ikunu fil-pożizzjoni li joffru xogħol deċenti, kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tajbin, aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa, ikel u ilma nadif, arja nadifa kif ukoll oġġetti tal-konsumatur nodfa, dinja naturali li tiffjorixxi, klima sikura għall-ġenerazzjoni li jmiss, soċjetà li hija dejjem aktar inklużiva u aċċessibbli għal kulħadd, demokrazzi b'saħħithom u li jaħdmu tajjeb u li jkomplu jipproteġuna fi żminijiet ta' bżonn. Sabiex dan il-għan jintlaħaq, jeħtieġ li nkunu ambizzjużi u rridu nieħdu d-deċizzjonijiet it-tajba f'ħin f'waqtu: “Pjan tal-UE għar-rikostruzzjoni u l-irkupru”.

4.1.4. Il-Kummissjoni Ewropea trid tieħu azzjoni konkreta biex twaqqaf il-gvernijiet milli jħaddnu “stat ta' allarm” li jhawwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt. Il-gvernijiet m'għandhomx jabbużaw mill-kriżi tal-coronavirus u jniedu miżuri li jmorru lil hinn minn dak li huwa assolutament meħtieġ biex tiġi indirizzata l-kriżi – eż. miżuri li jiksru l-privatezza, il-proċess dovut għal-leġislazzjoni, is-setgħat u r-rwoli tal-ġudikatura, jew id-drittijiet taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili. Kwalunkwe miżura li tittieħed għandha tkun proporzjonata u għandu jkollha l-għan li tiżgura s-sikurezza pubblika. B'mod partikolari, il-libertà ta' espressjoni għandha tiġi ssalvagwardjata għal dawk li jixħtu dawl fuq l-isfidi kkawżati mis-sitwazzjoni attwali.

4.2. *Il-linji gwida għal pjan ta' rkupru u rikostruzzjoni tal-UE*

4.2.1. Il-KESE huwa konvint li l-irkupru mill-effetti tal-kriżi tal-coronavirus jirnexxi biss jekk ikun akkumpanjat mir-ristrutturar tas-soċjetà tagħna: jeħtieġ li niffukaw fuq ir-rikostruzzjoni kif ukoll fuq l-irkupru. Ma nistgħux sempliċement nerġġu niksbu dak li kien jeżisti fil-passat: irridu nirristrutturaw u ntejbuh. Għall-KESE, ir-ristrutturar u t-titjib ser ikollhom jissejsu fuq il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat ix-xogħol kollu tagħna: li s-suq intern jiffunzjona b'mod sħiħ, jiġu protetti d-drittijiet tal-bniedem, il-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt, jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), tinħoloq ekonomija ċirkolari u tinkiseb in-newtralità klimatika fl-UE sa mhux aktar tard mill-2050. Irridu niżguraw ukoll governanza tajba u responsabbiltà demokratika.

4.2.2. Tajbin u estensivi kemm ikunu l-miżuri li għandhom jittieħdu, huma effettivi u jstgħu jingħataw appoġġ biss jekk jiġu implimentati fuq il-post u jilħqu n-nies li huma maħsuba għalihom. Huwa għalhekk vitali li jkun hemm hídma intensiva biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva, kemm mill-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll mill-Istati Membri.

⁽⁸⁾ Nassim Nicholas Taleb (2007), *The Black Swan: the impact of the highly improbable*.

4.2.3. B'mod kruċjali, jeħtieġ li nitgħallmu minn falliment soċjali li ssarra f'għadd sproporzjonat ta' mwiet matul din il-pandemija. Hawnhekk nirreferu għall-istituzzjonijiet residenzjali għall-persuni b'diżabilità u l-anzjani. Dawn l-ambjenti saru ċentri ta' infezzjoni u ta' mwiet matul il-kriżi. Dan għandu jkun sinjal ta' twissija li l-ebda flus mill-UE ma jstgħu qatt jiġu investiti f'ambjenti bħal dawn li mhux biss jiċċdu lin-nies id-dritt tagħhom għal-libertà tal-għażla dwar kif jgħixu ħajjithom, iżda huma wkoll strutturalment mhux adatti biex jiproteġu lin-nies f'sitwazzjonijiet ta' forza maġġuri.

4.2.4. Il-kriżi tal-coronavirus sfortunatament għamlitha ċara wkoll li huwa essenzjali li jiġi approfondit ix-xogħol pedagoġiku intensiv madwar l-UE dwar il-kultura taċ-ċittadin tad-drittijiet tal-bniedem u l-koeżistenza demokratika fuq il-bażi tal-prinċipji u l-valuri tal-Artikolu 2 tat-TFUE. Intenu l-impenn profond u kostanti tagħna għall-valuri fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif espressi fit-trattati fundaturi tal-UE.

4.2.5. Solidarjetà hija l-kelma ewlenija fl-indirizzar tal-kriżi. Solidarjetà ma' dawk li jipprovdu l-kura fl-isptarijiet u fid-djar tal-kura tal-anzjani. Solidarjetà mal-ħaddiema li baqgħu bla paga u ma' dawk li jħaddmu li wkoll irrinunzjaw il-pagi u l-bonusijiet biex isalvaw in-negozji tagħhom. Solidarjetà min-naħa tal-gvernijiet ma' setturi ekonomiċi, iżda wkoll kulturali u setturi oħrajn tas-soċjetà li ma jstgħux jgħaddu mingħajr għajnuna. U fuq kollox, solidarjetà bejn il-pajjiżi, speċjalment fi ħdan l-UE, minħabba li l-pajjiżi fi ħdan l-UE tant huma marbuta mill-qrib ekonomikament li approċċ konġunt u ta' appoġġ għall-impatt tal-kriżi biss jista' jkun effettiv.

4.2.6. Pjan ta' investiment ekoloġiku fuq skala kbira ħafna ser iwassal l-istimolu ekonomiku meħtieġ u jibni reżiljenza għal skossi futuri. It-twettiq ta' tali mandat ambizzjuż u trasformattiv jista' jseħħ biss taħt ċerti kundizzjonijiet speċifiċi, li jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti b'mod espliċitu. Għalhekk l-ambizzjonijiet ekonomiċi u ambjentali tal-pjan ta' rkupru tal-UE wara l-kriżi tal-coronavirus għandhom jimxu id fid, u dan għandu jirriżulta f'sitwazzjoni fejn jirbaħ kulħadd. Dan jirrikjedi għażla rigoruża ta' programmi ta' investiment, li jimmiraw lejn setturi b'potenzjal għoli għal stimolu ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trasformazzjoni ambjentali (l-istimolu ekoloġiku).

4.2.7. Għal dan il-għan, jeħtieġ li l-istimolu ekoloġiku Ewropew ikun imfassal b'mod li jitwettqu żewġ għanijiet ewlenin. L-ewwel, jistimola l-ekonomija u joħloq l-impjiegi filwaqt li jiżgura dawk li huma mhedda, u t-tieni, jappoġġja t-trasformazzjoni tal-ekonomija Ewropea lejn futur nadif u reżiljenti. Jew, kif kiteb il-Viċi President Frans Timmermans fuq Twitter: "L-irkupru li nipproponu se jwassal għas-soċjetà dak li din il-ġenerazzjoni u li jmiss għandhom b'żonn: nadifa, prosperuża, reżiljenti. Fejn ħadd ma jitħalla barra."

4.2.8. Ir-reċiproċità għandha ssir rekwiżit. Meta r-riżorsi pubbliċi jintużaw biex joffru perspettiva futura lis-settur privat, li jingħata valur lis-soċjetà huwa aspettattiva leġittima min-naħa tas-soċjetà. Eżempji ta' dan jinkludu ftehimiet dwar il-ħlas ta' taxxi, li nkunu impjegaturi soċjali tajbin, it-tnaqqis ta' dividendi u bonusijiet, u obbligu li jsiru sforzi biex jitnaqqas is-CO₂, konformità mal-liġijiet ambjentali u ħidma biex il-politiki ta' mobilità korporattiva jsiru aktar sostenibbli.

4.2.9. Il-mudell ekonomiku attwali għandu l-kejl (totem) ta' referenza fil-PDG, kejl li qatt ma rnexxielu jikkalkula x'għodd l-iżjed għall-bnedmin. Fil-fehma tal-KESE, jekk nirriflettu mill-ġdid skont il-mudell ġdid ta' żvilupp ekonomiku u soċjali għall-UE, dan l-indikatur ekonomiku ewleni għandu jiġi integrat ma' ieħor daqstant importanti: dak tal-benesseri ta' komunità.

4.2.10. Il-KESE jemmen li pjan ta' rikostruzzjoni u ta' rkupru għandu jqiegħed lin-nies u 'l-futur tal-pjaneta tagħna fil-qalba tiegħu. F'dan ir-rigward huwa kruċjali li jinżamm kemm jista' jkun l-impjeg nett fuq medda qasira ta' żmien. Iżda huwa wkoll kruċjali li wieħed iżomm f'moħħu l-punt fuq l-orizzont. Jiġifieri, ekonomija li tibqa' valida fil-futur u li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-soċjetà, ma tikkontribwixxi għat-tibdil fil-klima, tuża r-riżorsi b'mod intelliġenti u timla l-kapaċità Ewropea ta' qligħ b'ambjent ta' għajxien tajjeb għas-saħħa u b'impjiegi tajbin. Jeħtieġ li nimmiraw lejn dak il-punt fuq l-orizzont, għal futur sostenibbli. Ekonomija li tibqa' valida fil-futur tiddependi wkoll fuq il-fatt li tkun kemm jista' jkun aċċessibbli għal kull tip ta' ħaddiem, u li tippermetti li kull persuna tikkontribwixxi lill-komunità tagħha u lis-soċjetà kollha kemm hi. Irridu nitgħallmu mill-esperjenzi ta' flessibilità ġdida li l-impjegaturi adottaw matul il-kriżi biex jakkomodaw il-ħtiġijiet ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol (persuni b'diżabilità, persuni qiegħda fit-tul, ħaddiema akbar fl-età) biex niffaċilitaw l-involvement tagħhom f'ekonomija ġdida u aktar ekoloġika. Ejjew nimmiraw id-direzzjoni tagħna lejn dan il-punt, futur sostenibbli.

4.2.11. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jiżguraw li kumpaniji ġodda b'ekonomija nadifa, b'mod partikolari start-ups u SMEs, ikollhom aċċess għall-kapital li jeħtieġu biex ikomplu jiżviluppaw is-soluzzjonijiet ta' għada.

4.2.12. L-imsieħba soċjali għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp u t-tisħiħ ta' miżuri ta' appoġġ biex jikkompensaw għan-nuqqas ta' attività ekonomika f'ħafna setturi u sabiex jiproteġu t-tipi kollha ta' ħaddiema u negozji żgħar. Benefiċċji tal-qgħad adegwati u sostenibbli u forum oħra ta' assistenza huma meħtieġa, inklużi standards minimi Ewropej rigward ir-rata netta ta' sostituzzjoni, it-tul ta' intitolament għall-benefiċċji tal-qgħad u l-kopertura. F'setturi fejn huwa fattibbli, jistgħu jiġu introdotti skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (STW), f'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali. F'xi Stati Membri, il-ħaddiema fil-kwarantana jistgħu jkunu koperti mill-benefiċċju tal-mard. Is-simplifikazzjoni tal-aċċess għat-telexogħol, b'konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, hija possibbiltà oħra biex tittaffa s-sitwazzjoni ta' kumpaniji, ħaddiema u dawk li jaħdmu għal rashom. Barra minn hekk, il-gvernijiet jistgħu jipprovdu għajjuna finanzjarja u appoġġ tekniku lill-SMEs biex għinuhom jiżviluppaw malajr il-kapaċitajiet ta' telexogħol.

4.2.13. Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha, permezz tal-organizzazzjonijiet tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili, se tagħmel il-proċess ta' riforma tal-ekonomija u tas-soċjetà possibbli. L-Istati Membri u l-UE għandhom għalhekk jiżguraw li f'dan il-proċess kumpless ħadd ma jibqa' lura, b'mod partikolari: l-aktar ħaddiema prekarji, persuni fl-età ta' qabel l-irtirar, persuni b'diżabilità, nisa li jaħdmu f'pożizzjonijiet li jitqiesu ta' valur baxx u żgħażaġh, speċjalment dawk li jagħmlu parti minn minoranzi viżibbli u dawk li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni u, b'mod partikolari, dawk li jappartjenu għal aktar minn wieħed minn dawn il-gruppi.

5. Il-pjan ta' rkupru

Il-KESE jappella għal **irkupru ekoloġiku b'irkupru soċjali b'saħtu kif ukoll irkupru ekonomiku qawwi**, filwaqt li jargumenta li din l-aġenda ambizzjuża u trasformattiva tista' titwettaq jekk tkun ibbażata fuq sitt prinċipji: is-solidarjetà, il-kompetittività, is-sostenibbiltà, is-salvagwardja tal-impjeggi, is-salvagwardja tad-dħul u l-parteċipazzjoni. Aktar ma l-miżuri ta' rkupru jkunu b'saħħithom u aktar ma jkunu mfassla skont il-ħtiġijiet tas-sitwazzjoni tal-Istati Membri u tal-popolazzjonijiet tagħhom, aktar tkun kredibbli l-Ewropa u aktar turi li hija kapaċi tilqa' l-isfidi bla preċedent li qed niffaċċjaw f'din il-kriżi.

5.1. Is-Suq Uniku

5.1.1. L-Istrateġija tas-Suq Uniku tinsab fil-qalba tal-proġett Ewropew, u tippermetti lin-nies, is-servizzi, il-prodotti u l-kapital jiċċaqalqu b'mod aktar liberu, u b'hekk toffri opportunitajiet għan-negozji, il-konsumaturi u l-ħaddiema Ewropej. Hemm bżonn ta' miżuri sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal kollu tagħha li tneħħi l-ostakli. Barra minn hekk, fiż-żmien ta' wara l-kriżi u fid-dawl ta' aspetti oħrajn ta' ambjent li qed jinbidel, bħad-diġitalizzazzjoni, is-Suq Uniku jeħtieġ li jadatta bis-sħiħ għal ideat u mudelli ta' negozju ġodda. Għalhekk, l-għan huwa r-restawr, nifs ġdid u rikostruzzjoni għas-Suq Uniku bħala strument ta' rkupru. Azzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien jinkludu l-ftuħ immedjat tal-fruntieri. Barra minn hekk, għandna bżonn azzjonijiet fuq medda qasira ta' żmien fuq żewġ binarji:

L-indirizzar tat-tensjonijiet. F' dan ir-rigward, is-sitwazzjoni ta' kundizzjonijiet mhux ekwi li qed tinħoloq hija ta' tħassib serju. Il-pakketti ta' stimolu tal-Istati Membri huma estremament varjati u (bl-intenzjoni tajba li jassorbu parti mill-iskoss fid-domanda) irriżultaw f'kundizzjonijiet mhux ekwi bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-għajjuna bħala appoġġ mill-Istat għandha tiġi indirizzata u analizzata minn perspettiva settorjali, filwaqt li wieħed iħares lejn kif fit-termini qosra u fit-tul dawn l-azzjonijiet se jfixklu l-kompetizzjoni u l-kundizzjonijiet ekwi.

L-attivazzjoni mill-ġdid tal-ekonomija u l-produttività. Neħtieġu produttività fl-ekonomija reali (dan ifisser impjeggi, kapaċità tal-akkwist u prodotti u servizzi bażiċi). Din il-produttività tista' tkun f'forma differenti u tiġi pprovduta minn diversi mudelli ta' negozju, iżda għandna bżonn azzjoni f'dan il-qasam jekk irridu nevitaw li jkomplu jkbr u d-diskrepanzi fl-inugwaljanza. Din l-attivazzjoni mill-ġdid tfisser pakketti ta' appoġġ u ambjent favorevoli għall-SMEs u l-industrija. Kif nafu sew, l-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea u jeħtieġu appoġġ speċifiku, iżda mingħajr piżijiet żejda jew burokrazija żejda. L-irkupru jkun possibbli biss għall-SMEs jekk l-appoġġ finanzjarju nazzjonali u tal-UE jkun disponibbli. Hawnhekk se jkunu kruċjali s-sussidji, is-self, l-iżgurar tal-likwidità, l-inċentivi tat-taxxa, kundizzjonijiet favorevoli biex il-persunal jinżamm u jingħata x-xogħol, revizzjoni tal-leġislazzjoni dwar il-falliment u appoġġ ieħor. Rigward il-liġijiet dwar il-falliment, l-UE għandha tiegħu azzjoni leġislattiva biex tippermetti li negozji żgħar li f'lewn minħabba l-COVID-19 ikunu f'pożizzjoni li jerġgħu jibded l-attività tagħhom malajr. Dawn l-azzjonijiet għandhom ikunu limitati fiż-żmien.

5.2. Strateġija industrijali

5.2.1. Politika industrijali Ewropea kkoordinata tajjeb li tqis kemm l-isfida tal-COVID-19 attwali kif ukoll l-isfida tas-sitwazzjoni ta' wara l-COVID-19, u anke l-aspetti ta' diġitalizzazzjoni u sostenibbiltà. Din irid ikollha l-appoġġ minn investment massiv fi strutturi ekonomiċi sostenibbli u kumpaniji sostenibbli, u fil-ħolqien ta' kuntratti regolari permanenti

ta' kwalità għolja. Meta jintlaħaq il-potenzjal ta' innovazzjoni tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u meta ssir it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u newtrali għall-klima u inklużiva jkunu jistgħu jiġu żgurati kemm is-sigurtà fit-tul tar-riżorsi kif ukoll provvisti fuq perjodu qasir li huma importanti għal sfidi futuri.

5.2.2. Industriji u setturi ewlenin, mir-riżorsi umani sar-riċerka, għandhom jiġu identifikati u appoġġjati biex iwasslu għal politika industrijali Ewropea li tiproteġi dawn is-setturi strateġiċi mis-suq u tiżgura s-sigurtà tal-provvista ta' elementi ewlenin, bħalma huma r-respiraturi, il-maskri u prodotti oħra f'sitwazzjoni ta' pandemija. Dan jimplika li jiġu appoġġjati l-korporazzjonijiet li jirrilokaw il-kapaċità ta' produzzjoni lejn l-Ewropa, biex jippermettu li l-UE terġa' tikseb kontroll fuq il-produzzjoni u tiżgura l-awtonomija fis-suq dinji, dejjem f'konformità ma' tranżizzjoni ambjentali ġusta. Dawn il-korporazzjonijiet u l-kumpaniji jridu jkunu sostenibbli, b'involvement qawwi tal-ħaddiema, u jieħdu sehem fil-Patt Ekoloġiku bħala qafas għal pjani ta' rkupru u ta' rikostruzzjoni.

5.2.3. Il-viżjoni ta' intrapriża bħala servizz tfisser li jitrawmu intrapriżi li jikkontribwixxu l-aktar għall-prosperità komuni, bħas-saħħa, il-kura soċjali, l-edukazzjoni, ir-rinnovazzjoni, il-kultura, l-artiġjanat u l-kreattività, li tibbenefika minn ambjent tan-negozju ġust, kompetittiv u sostenibbli, u tikkontribwixxi għalih. L-urġenza soċjali u dik ekoloġika jimxu id f'id naturalment, iżda aktar minn qatt qabel, l-imperattiv ambjentali se jkollu jinfiltra fl-azzjonijiet u l-politiki kollha tagħna biex nindirizzaw il-qerda tal-(eko-)sistema tagħna. F'dan ir-rigward, pereżempju, l-appoġġ finanzjarju mogħti lil kumpaniji f'setturi li jniġġsu għandu jiġi ddeterminat abbażi ta' tranżizzjoni reali lejn mod ta' produzzjoni soċjali u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent.

5.2.4. L-Ewropa trid tiffinanzja attivitajiet li jissodisfaw żewġ kriterji: ripatrijazzjoni tal-produzzjonijiet strateġiċi sabiex l-Ewropa ssir indipendenti, partikolarment rigward il-protezzjoni u r-rispons fil-qasam tas-saħħa, u impjegji ta' kwalità għolja kif ukoll enfasi fuq investimenti sostenibbli li jkunu soċjalment responsabbli u favur l-ambjent. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), l-istess bħal intrapriżi kbar u intrapriżi soċjali, jista' jkollhom rwol kruċjali fir-ristrutturar tas-sistema ta' produzzjoni Ewropea.

5.3. Il-Patt Ekoloġiku

5.3.1. Waqt li jrawwem it-tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea aktar sostenibbli u reżiljenti, l-istimolu ekoloġiku jrid jiżgura rkupru inklużiv u li ma jħalli barra l-ebda Ewropew.

5.3.2. F'konformità mal-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara", l-investimenti li saru taħt l-istimolu ekonomiku fuq medda qasira ta' żmien għandhom ikunu newtrali lejn, jew għandhom jaċċelleraw, it-trasformazzjoni strutturali tal-ekonomija Ewropea lejn tniġġis zero, ir-restawr tal-bijodiversità u n-newtralità klimatika sal-2050. Għal dan il-għan, l-istimolu ekoloġiku għandu jiffoka b'mod partikolari fuq miżuri li jaffettwaw b'mod pożittiv iż-żieda fl-effiċjenza tar-riżorsi, u jirrispetta l-kapital naturali tagħna u t-tnaqqis fuq perjodu medju u twil tal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra (GHG) skont in-newtralità tal-klima.

5.3.3. B'mod kruċjali, l-istimolu ekoloġiku għandu jkun immirat, billi jipprovdi appoġġ ekonomiku u inċentivi lil setturi bl-akbar effett pożittiv fuq id-domanda aggregata. Filwaqt li jimmira lejn output ekonomiku massimu, id-destinatarji tal-istimolu ekoloġiku għandhom ikunu setturi li jipprovdu potenzjal sinifikanti għall-ħolqien tal-impjeggi, bil-kundizzjoni li jkunu disponibbli ħiliet adegwati. B'dan il-mod, għandu jitqies l-impatt asimmetriku tal-kriżi tal-coronavirus, li affettwa l-ekonomiji tal-Istati Membri tal-UE tan-nofsinhar b'mod sproporzjonat.

5.3.4. Permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Unjoni Ewropea bdiet tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli. Għalhekk jagħmel sens li l-miżuri ta' appoġġ ekonomiku jiġu kkombinati ma' stimolu ulterjuri għal dik it-tranżizzjoni. Il-fondi pubbliċi għandhom jintużaw b'effett soċjali u ambjentali pożittiv. Għall-impjeg, dan mhux bilfors ifisser li l-istess impjeggi jew l-istess attivitajiet ekonomiċi jeħtieġ li jiġu ppreservati jew salvati. Jekk kumpanija jew settur ma jkollhomx prospettivi raġonevoli f'ekonomija sostenibbli, il-pakkett ta' għajnuna jista' jintuża tajjeb għal bidla fi ħdan is-setturi jew għal bidla bejn settur u ieħor.

5.3.5. Il-Patt Ekoloġiku jirrikjedi forzi tan-negozju futuri li jkunu reżiljenti u b'impenn li jirnexxu. Il-korporazzjonijiet Ewropej, li joperaw b'mod transfruntier, huma atturi soċjali rilevanti u importanti. Il-kunċett politiku ta' "tranżizzjoni ġusta" għandu jiġi għidhom fin-negozji tagħhom. "Kumpanija sostenibbli" b"vuċi tal-ħaddiema" b'saħħitha hija attur politiku ewlieni li fi ħdanha d-drittijiet ta' informazzjoni u konsultazzjoni obligatorji huma garantiti flimkien mal-parteċipazzjoni fil-livell tal-bord, u fejn il-politika makroekonomika tiġi integrata mal-ftehimiet kollettivi. Meta l-impjegati, it-trade unions u l-kunsilli tax-xogħol jingħataw il-possibbiltà jipparteċipaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-pjan dwar il-politika tal-kumpanija abbażi tal-kunċett ta' "kumpanija sostenibbli għal tranżizzjoni ġusta" dan jipprovdi prospettivi għal postijiet tax-xogħol deċenti, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti f'ambjenti u reġjuni b'saħħithom fejn wieħed ikun jixtieq jgħix fihom.

5.3.6. Iridu jitħejjew pakketti ta' appoġġ fi stadji, għax ħadd ma jista' jbassar kif l-ekonomija se tiżviluppa wara l-kriżi tal-coronavirus. Din hija r-raġuni għaliex aħna nirrakkomandaw li l-miżuri ta' appoġġ jiġu implimentati fi stadji, sabiex ikunu jistgħu jsiru aġġustamenti abbażi tal-progress u l-evalwazzjoni ta' settur speċifiku, parzjalment abbażi tal-livell ta' impatt pożittiv fuq il-klima u n-natura.

5.3.7. Il-Patt Ekoloġiku se jkollu jippreserva l-mudell agrikolu Ewropew ibbażat fuq il-kwalità u s-sostenibbiltà. Il-pjan ta' rkupru se jkollu jippromovi:

- sistemi alimentari aktar sostenibbli, kemm fil-livell tal-produzzjoni kif ukoll dak tal-konsum, f'konformità mal-intenzjonijiet tal-Kummissjoni fl-istrategġija "Mill-għalqa sal-platt" għal ikel sostenibbli;
- is-sovranià tal-ikel tal-UE fi spirtu ta' solidarjetà bejn id-diversi forom ta' agrikoltura Ewropea u l-integrazzjoni ta' aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali;
- il-proposta ambizzjuża tal-istrategġija ġdida tal-UE għall-bijodiversità: l-istrategġija għall-bijodiversità għandha tkun komponent ewlieni tal-isforzi kollha ta' rikostruzzjoni. Strategġija ambizzjuża għandha tibgħat sinjal b'saħħtu u koerenti għal azzjoni favur l-ambjent, il-klima, is-saħħa pubblika u l-qasam soċjali. Din għandha tkun ta' benefiċċju kemm għall-PAK kif ukoll għas-sistema alimentari Ewropea, u b'hekk tista' tkompli tagħmilhom aktar sostenibbli.

5.4. Il-prijoritajiet ta' investment

5.4.1. Biex tintlaħaq ekonomija ta' "benesseri" se jkun essenzjali li jsir investment sostenibbli fil-komunitajiet, fi spazji pubbliċi aċċessibbli, fil-kura tas-saħħa, fl-edukazzjoni inklużiva, fis-servizzi soċjali, f'akkomodazzjoni u infrastruttura b'emissjonijiet żero tal-karbonju u fil-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, u fid-deċentralizzazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija. Qasam partikolari li għandu jingħata prijorità hija r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini. Din il-mewġa ta' rinnovazzjoni jeħtieġ li tkun ukoll opportunità biex fl-istess ħin l-istokk tal-bini jibqa' validu fil-futur permezz ta' titjib tal-binjet għal popolazzjoni li qed tixjeh u għal għadd dejjem jikber ta' persuni b'diżabilità.

5.4.2. Is-settur tal-kostruzzjoni huwa importanti: ir-rinnovazzjoni ta' miljuni ta' djar biex isiru effiċjenti fl-enerġija u sostenibbli se tagħti spinta ġdida lil dan is-settur u jwassalna pass eqreb biex nilħqu n-newtralità klimatika. Il-kostruzzjoni tirrikjedi ħafna ħaddiema, u l-konsum tal-enerġija fil-bini (tidwil, tisħin) jirrappreżenta terz tal-emissjonijiet tas-CO₂ fl-Ewropa. Din hija ħidma enormi, peress li 75 % tal-bini residenzjali u kummerċjali nbnew qabel ma kien hemm fis-seħħ regoli tal-UE dwar il-konsum tal-enerġija. Ir-rinnovazzjoni tad-djar ta' persuni milquta mill-faqar enerġetiku fl-UE tista' twassal għal tnaqqis sinifikanti fl-infiq fuq is-saħħa pubblika, u studji preċedenti jissuġġerixxu li, bħala medja, l-ispiża tal-faqar enerġetiku f'sistema ta' kura tas-saħħa li hi moderna x'aktarx se tkun tliet darbiet ogħla mill-ispiża tal-miżuri ta' riabilitazzjoni tad-djar⁽⁹⁾.

5.4.3. Fid-dawl tat-tixjeh tal-wirt tal-abitazzjoni, arkitettoniku u infrastrutturali, il-KESE jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza li jiġi attivat volum adatt ta' investimenti mmirati għal titjib fis-sikurezza (f'żoni ta' terremoti) u għar-ristrutturar tad-djar, tal-wirt artistiku (iż-żoni metropolitani, il-bliet, il-villaġġi) u tal-assi tal-infrastruttura tat-trasport (portijiet, pontijiet, awtostradi, eċċ.).

5.4.4. L-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' karbonju mhux biss tirrikjedi l-installazzjoni ta' faċilitajiet adatti, iżda wkoll l-immodernizzar tal-grilja tal-elettriku u tal-alternattivi ta' ħżin Ewropej kollha.

5.4.5. Il-pjan ta' rkupru huwa opportunità biex isir investment fi trasport pubbliku li tant huwa meħtieġ, u biex tiġi żgurata bidla modali reali, bi tnaqqis fit-tniġġis tal-arja u kontribut għall-azzjoni klimatika. Dan ifisser aktar trammijiet, aktar xarabanks regolari u xarabanks b'emissjonijiet żero, u intermodalità reali fil-bliet tagħna; pjan ta' azzjoni tal-UE u appoġġ finanzjarju fuq skala kbira għat-titjib, l-estensjoni u l-manutenzjoni tas-sistemi ferrovjarji, investimenti fil-ferroviji, ferroviji ta' billejl, konnessjonijiet ferrovjarji transfruntiera u innovazzjonijiet oħra relatati mat-trasport ferrovjarju. Għandu jkun hemm koordinazzjoni tal-UE biex jiġi żgurat li t-titjiriet fuq distanzi qosra jiġu sostitwiti b'alternattivi sostenibbli. Biex it-traffiku jitneħħa mit-toroq tagħna, aktar merkanzija għandha tinġarr permezz tal-ferroviji, il-passaġġi tal-ilma interni u bil-baħar (eż. trasport marittimu fuq distanzi qosra sostenibbli).

5.4.6. Il-bini ta' pedamenti għal industrija Ewropea tal-mobbiltà mingħajr emissjonijiet, li tkun kapaċi tlaħħaq mad-domanda dejjem tikber għal alternattivi għall-magni bil-kombustjoni u għal infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karozzi, il-vannijiet, ix-xarabanks u t-trakkijiet, iżda wkoll li tagħti spinta lill-provvista għas-settur ferrovjarju. Dan jinkludi wkoll

⁽⁹⁾ Host S., Grange D., Mettetal L, Dubois U. 2014. *Précarité énergétique et santé: état des connaissances et situation en Île-de-France*, Regional Health Observatory Île-de-France, Paris, p. 14.

network estensiv ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-elettriku fl-Ewropa kollha u l-iżvilupp ta' batteriji sostenibbli u aktar effiċjenti. Dan se jkun akkumpanjat minn programmi ta' taħriġ mill-ġdid, li jipprovdu opportunitajiet ta' karrieri ġodda għall-ħaddiema li jtilqu mis-settur tat-trasport ibbażat fuq il-fjuwils fossili.

5.4.7. Kif diġà deher f'diversi bliet, il-fażi tal-lockdown tippreżenta sfidi għall-użu tradizzjonali tal-ispazju urban u l-mobbiltà urbana, u thegħeġ l-esperimentazzjoni. Il-perjodu ta' rkupru jista' jibbenefika aktar mill-iżvilupp taċ-ċikliżmu peress li dan jista' jgħin it-tbeġid fiżiku, inaqas il-folol fit-trasport pubbliku u jipprovdi aktar spazju u aċċess aktar faċli għall-ħwienet lokali. L-investimenti għat-titjib tal-infrastruttura taċ-ċikliżmu jistgħu jagħtu riżultati malajr fil-bliet u bejn il-bliet, u anke jstimolaw l-ekosistema taċ-ċikliżmu.

5.4.8. It-trasformazzjoni tal-ekonomija f'ekonomija ċirkolari hija essenzjali biex il-Patt Ekoloġiku jirnexxi. Din hija r-raġuni għaliex, pereżempju, l-industriji tal-azzar u tas-siment (konsumaturi ewlenin tal-enerġija) u s-settur tal-kimika jridu jiġu organizzati b'mod differenti.

5.4.9. Bit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fil-qalba tiegħu, il-pakkett ta' rkupru jista' jaċċellera b'mod sinifikanti l-iżviluppi meħtieġa fl-infrastruttura u jippromovi l-innovazzjoni ta' materjali alternattivi u teknoloġiji ġodda. L-ewwel nett, biex jiġi evitat l-iskart, l-UE għandha tappoġġja inizjattivi biex jiġu stabbiliti negozji ġodda u intrapriżi tal-ekonomija soċjali tat-tiswija u tal-użu mill-ġdid, u tappoġġja taħriġ (mill-ġdid) rilevanti għal dawk li jtilfu l-impjieg fil-fażi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku. Dan jista' jkun iffukat b'mod partikolari fuq "żoni ta' tranżizzjoni ġusta", filwaqt li jippermetti t-trasformazzjoni minn reġjuni tal-minjieri għal reġjuni ta' estrazzjoni minerarja urbana (urban mining).

5.4.10. It-tieni, il-ġbir separat tal-iskart municijali huwa kundizzjoni ewlenija biex il-proċess ta' estrazzjoni ta' valur mill-iskart permezz tar-riċiklaġġ ikun proċess vijabbli. L-UE għandha għalhekk tappoġġja lill-awtoritajiet lokali biex inaqqsu d-distakk fl-investiment għal infrastrutturi ta' ġbir, separazzjoni u riċiklaġġ tal-iskart municijali matul il-ħames snin li ġejjin.

5.4.11. Il-kriżi tal-coronavirus turi li r-rivoluzzjoni diġitali hija komponent importanti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna fi kriżijiet. L-investiment fid-diġitalizzazzjoni ta' servizzi essenzjali u ż-żieda fil-kapaċità tal-gvernijiet, tal-leġislaturi u tal-istituzzjonijiet pubbliċi biex jipprovdu s-servizzi tagħhom matul il-kriżijiet huwa tal-akbar importanza. Fl-istess ħin, irridu nirrealizzaw li t-teknoloġiji diġitali huma għodda u mhux għan aħħari. Jeħtieġ li jkollna sjieda pubblika tar-reġim li jiġbor fih it-teknoloġiji diġitali u niggwidaw lejn standards ta' sostenibbiltà għolja, bl-inklużjoni ta' salvagwardji demokratiċi u teknoloġiċi b'saħħithom, u akkumpanjat minn miżuri ta' appoġġ fir-rigward tal-ispejjeż u l-għarfien li ma jħallu lil ħadd barra. Dan jinvolvi l-ħtieġa li, f'konformità mal-Att tal-UE dwar l-Aċċessibbiltà, jiġi żgurat li r-rivoluzzjoni diġitali tiżgura l-aċċessibbiltà għall-100 miljun persuna b'diżabilità fl-UE.

5.4.12. L-istrateġija "Mill-għalqa sal-platt" għandha ttiprovdi direzzjoni ċara għas-sistema alimentari tal-UE wara l-kriżi attwali tas-saħħa, u għandha tinkoraġġixxi miżuri biex jinbnew ktajjen tal-provvista tal-ikel aktar sostenibbli, reżiljenti u aktar ġusti. Huma meħtieġa miżuri għal żmien qasir biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema staġonali u biex jiġi evitat tfixkil fil-katina tal-provvista. Fuq medda itwal ta' żmien, l-istrateġija "Mill-għalqa sal-platt" u l-Politika Agrikola Komuni jridu jżidu r-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-sistema alimentari tagħna billi jibnu mill-ġdid mudelli ta' biedja aktar diversifikata, jippromovu ċentri ta' distribuzzjoni tal-ikel lokalizzati u ktajjen tal-provvista iqsar, u jtejbu l-aċċess għas-suq għal bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, u għal sajjeda u produtturi tal-akkwakultura b'impatt baxx.

5.4.13. Investiment fi programmi ta' taħriġ mill-ġdid għal setturi li x'aktarx ma jibqgħux validi fil-futur (pereżempju, minħabba li jiddependu ħafna fuq il-fjuwils fossili). Dan ifisser tfittxija għal alternattivi biex jitnaqqsu l-fjuwils fossili u jsiru aktar ekoloġiċi. Aħna nappoġġjaw politika ta' investiment immirata biex l-impjiegi li jintilfu jiġu ggwidati mingħajr xkiel lejn setturi li qed jiffaċċjaw nuqqas ta' ħaddiema, jiġifieri s-setturi soċjali u ekoloġiċi.

5.4.14. L-Istati Membri jeħtieġ li jinvestu aktar fis-servizzi pubbliċi minħabba li, bħalma wriet il-kriżi, is-servizzi pubbliċi għandhom rwol kruċjali biex isalvaw haġjet in-nies u biex jindirizzaw il-pandemija. Għalhekk, il-mexxejja Ewropej għandhom jikkunsidraw l-hekk imsejħa "Regola tad-Deheb" meta japplikaw ir-regoli fiskali tal-UE, filwaqt li jeżentaw l-investiment pubbliku mill-kalkoli tad-defiċit u jieħdu inkunsiderazzjoni s-sostenibbiltà tal-livell tad-dejn eżistenti. L-UE għandha tevalwa fil-fond il-liberalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi strateġiċi abbażi tar-regoli tal-kompetizzjoni. L-aċċess għas-servizzi pubbliċi għandu jittejjeb ukoll.

5.5. Il-miżuri soċjali

5.5.1. L-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) fil-livell Ewropew u fl-Istati Membri kollha hija pass importanti ta' azzjoni proattiva biex jinbena proċess ta' konverġenza soċjali. L-EPSR huwa l-għodda biex tiġi stabbilita tabella ta' valutazzjoni soċjali ġdida u aġġornata.

5.5.2. Jeħtieġ li npoġġu l-impjiegi fil-qalba tal-istrateġija tal-UE, filwaqt li nsaħħu l-importanza tal-għarfien u l-implimentazzjoni kontinwa tiegħu fi ħdan is-sistema tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, u permezz t'hekk il-ħaddiema Ewropej ikunu jistgħu jadattaw għat-tibdil fis-sistema tal-produzzjoni wara t-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika.

5.5.3. Fil-fażi ta' rkupru mill-kriżi tal-COVID-19 huwa ta' importanza kruċjali li tingħata perspettiva ġdida tax-xogħol. Kemm fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku tas-saħħa u tal-kura, l-objettiv tal-produttività ħadem kontra l-kwalità tas-servizz u kontra l-esperjenza tax-xogħol, b'konsegwenzi drammatiċi matul il-kriżi tas-saħħa f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE. It-tranżizzjoni lejn attivitajiet ibbażati fuq is-servizzi tista' twassal biex tinholq ekonomija li tirrikjedi aktar ħaddiema, filwaqt li tikkumpensa għall-prekarjeta' tal-impjiegi f'dawn is-setturi, tappoġġja livelli ogħla ta' impjiegi u ġġib lura l-impjiegi fl-ekonomija reali. Għalhekk, il-politiki li jappoġġjaw ix-xogħol ta' kwalità f'setturi li jirrikjedu ħafna ħaddiema u li jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja huma essenzjali.

5.5.4. Il-KESE jilqa' l-programm ta' ħidma tal-2020 aġġornat tal-Kummissjoni Ewropea⁽¹⁰⁾ b'ħala kompromess biex tinżamm id-dimensjoni soċjali fl-istrateġija ta' rkupru. Hemm diversi inizjattivi leġislattivi u mhux leġislattivi li ma jistgħux jiddewmu jew jiġu posposti, peress li huma l-pilastru tal-Aġenda Soċjali. Dawn jinkludu: it-traspożizzjoni tad-direttivi adottati skont l-iskeda taż-żmien diġà maqbula (id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol Trasparenti u Prevedibbli). Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll l-inizjattivi kollha li għandhom jagħtu spinta għal irkupru ġust u soċjalment sostenibbli, inklużi dawk dwar it-trasparenza tal-pagi, il-pagi minimi, it-tassazzjoni ġusta, l-impjieg taż-żgħażaġh, l-Iskema Ewropea ta' Riassigurazzjoni tal-Benefiċċju tal-Qgħad, l-aġenda tal-ħiliet u l-edukazzjoni diġitali, ix-xogħol fuq il-pjattaformi, u r-regoli ta' governanza ekonomika tal-UE. Il-programm ta' ħidma ma jinkludix it-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol permezz ta' miżuri preventivi effettivi fuq il-postijiet tax-xogħol.

5.5.5. Irkupru soċjali qawwi jfisser ukoll aċċess aħjar għat-trade unions u protezzjoni aħjar. Jeħtieġ li nappoġġjaw in-negozjar kollettiv u d-demokrazija fuq il-post tax-xogħol. L-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jappoġġjaw lill-imsieħba soċjali biex iżidu l-kopertura tan-negozjar kollettiv b'mod sinifikanti.

5.5.6. Ir-rwol tal-ġeneru għandu jiġi indirizzat. It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kkawżat mit-tifqigħa attwali tal-COVID-19 għandu implikazzjonijiet sostanzjali għall-ugwaljanza bejn is-sessi, kemm matul it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku kif ukoll waqt l-irkupru sussegwenti. Meta mqabbel ma' reċessjonijiet "regolari", li jolqtu aktar ħażin l-impjieg tal-irġiel milli tan-nisa, it-tnaqqis fl-impjiegi relatat ma' miżuri ta' tbeġhid soċjali għandu impatt sostanzjali fuq setturi bi proporzjon għoli ta' impjegati nisa. Barra minn hekk, l-ghelug tal-iskejjel u ċ-ċentri tal-kura ta' matul il-jum żiedu bil-kbir il-ħtiġijiet tal-indukrar tat-tfal, li għandu impatt partikolarment sinifikanti fuq l-ommijiet li jaħdmu. L-effetti tal-kriżi fuq l-ommijiet li jaħdmu x'aktarx li jkunu persistenti, minħabba l-esperjenza tagħhom fis-suq tax-xogħol.

5.6. Is-sistemi tas-sahha

5.6.1. L-aktar importanti, waħda mit-tagħlimiet ewlenin tal-kriżi tal-coronavirus hija li s-sistemi tas-saħħa fi kważi kull pajjiż Ewropew jeħtieġ li jissaħħu, l-ewwel u qabel kollox b'enfasi fuq il-prevenzjoni. L-impatt tal-coronavirus qed ipoġġi lis-sistemi tas-saħħa madwar l-Ewropa taħt pressjoni enormi; ċerti pajjiżi qed jintlaqtu aktar minn oħrajn, fejn huma mgħammra b'mod differenti f'termini ta' persunal (tobba u infermiera), professjonisti bi kwalifiki għolja, tagħmir mediku u kapaċità ta' servizzi ta' sptar. Filwaqt li r-responsabbiltà għall-kura tas-saħħa hija responsabbiltà nazzjonali, it-tixrid tal-virus ma jagħrafx fruntieri. Dan qed jaffettwa lill-Ewropa kollha, internament u lil hinn mill-fruntieri tagħna, b'konsegwenzi sanitarji, soċjali u ekonomiċi li jirrikjedu reazzjonijiet komuni fil-livell Ewropew.

5.6.2. Il-kriżi tal-coronavirus żvelat id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti mediċi minn pajjiżi li mhumiex fl-UE. Huma meħtieġa investimenti fil-protezzjoni tas-saħħa, fil-kura, u fis-servizzi tal-kura fit-tul, f'politiki tal-kura tas-saħħa preventiva u tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol – b'approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja – u għandhom jiġu appoġġjati mill-istituzzjonijiet tal-UE.

5.6.3. Il-kriżi tal-coronavirus tagħmilha ċara li l-kumpaniji multinazzjonali farmaċewtiċi għandhom ammont ta' poter kbir. Sabiex tiżded l-indipendenza tal-industrija tal-farmaċewtika, irid jinholq ukoll fond Ewropew kbir tar-riċerka biex jiġu żviluppati mediċini u vaċċini ġodda. L-istituzzjonijiet tal-UE għandu jkollhom l-awtorità meħtieġa biex jikkoordinaw il-provvista, id-distribuzzjoni u l-prezzijiet ta' tagħmir mediku u protettiv essenzjali fi ħdan is-Suq Uniku.

⁽¹⁰⁾ https://ec.europa.eu/info/publications/2020-commission-work-programme-key-documents_mt

5.7. Ir-relazzjonijiet internazzjonali

5.7.1. L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq valuri komuni Ewropej li m'għandhom qatt ikunu negozjabbli ⁽¹¹⁾: ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt. Dawn il-valuri ma jistgħux jintesew anke meta l-UE u l-Istati Membri tagħha jiffaċċjaw emerġenza u l-konsegwenzi tagħha f'termini ta' sfidi ekonomiċi u soċjali. Filwaqt li r-rispons għall-kriżi attwali jeħtieġ li jkun rapidu u jiġġustifika ċerti miżuri eċċezzjonali għal żmien limitat, dawn ma jistgħux imorru kontra l-istat tad-dritt u ma jistgħux jipperikolaw id-demokrazija, is-separazzjoni tas-setgħat u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej. Il-KESE jinsisti li l-miżuri kollha ta' politika f'dan ir-rigward jridu jkunu konformi għalkollox mal-valuri komuni tagħna kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

5.7.2. Il-kriżi tal-coronavirus uriet li l-kummerċ ħieles internazzjonali ma joffri l-ebda garanzija fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista anke bl-istokkijiet eżistenti tal-ikel, prodotti tas-saħħa u stokkijiet industrijali. Barra dan, irridu nsemmu n-nuqqas ta' trasparenza u ta' traċċabbiltà.

5.7.3. Ċerti korporazzjonijiet Ewropej li żviluppaw kapaċità industrijali f'pajjiżi terzi għandhom jiġu mħeġġa jirrilokaw din il-kapaċità fl-UE. Ir-rilokazzjoni ta' attivitajiet, ta' industrij, u ta' agrikoltura u servizzi, għandha tippermetti li tiġi stabbilita awtonomija akbar fil-konfront tas-swieq internazzjonali, biex jerġa' jinkiseb il-kontroll fuq metodi ta' produzzjoni u biex tinbeda tranżizzjoni ambjentali u soċjali tal-attivitajiet. F'dawn is-sitwazzjonijiet, huma jkunu jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju mill-gvernijiet tal-Istati Membri, mingħajr ma jiġu applikati r-regolamenti dwar l-għajjnuna mill-Istat.

5.7.4. Il-kriżi għamlitha ċara wkoll li hemm riskji kbar assoċjati mad-dipendenza tal-UE fuq iċ-Ċina għal ħafna mill-produzzjoni, speċjalment fil-qasam mediku (pereżempju tagħmir protettiv). Biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa fi kważi kull pajjiż Ewropew, huwa importanti ħafna li titnaqqas din id-dipendenza fir-rigward ta' prodotti ewlenin. Dan jista' jsir billi tiġi estiża l-produzzjoni fl-UE (katina tal-produzzjoni/tal-provvista tal-UE) u billi tiġi żviluppata l-kapaċità ta' produzzjoni f'kooperazzjoni ma' pajjiżi oħrajn, pereżempju fl-Afrika (katina tal-produzzjoni/tal-provvista tal-UE-Afrika). Dan għandu l-valur miżjud li l-pajjiżi l-anqas żviluppati jkunu jistgħu wkoll jiżviluppaw attivitajiet ekonomiċi ġodda u jsaħħu l-kura tas-saħħa tagħhom.

5.7.5. Id-dinja ta' wara l-pandemija għandha toħloq sistema ġdida ta' relazzjonijiet internazzjonali, ekonomija globali u solidarjetà bl-impenn ta' kondivizzjoni tal-ġid fid-dinja u salvataġġ tal-ħajjiet, kif ukoll protezzjoni tal-kisbiet fil-qasam tas-saħħa, xjentifiċi, intellettuali u industrijali. L-UE għandu jkollha rwol ewlieni f'din is-sistema ġdida ta' relazzjonijiet internazzjonali bbażata fuq is-solidarjetà u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Barra minn hekk, l-UE għandha żżomm u possibbilment iżżid il-livelli ta' impenji ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp.

5.7.6. L-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għall-ekonomija globali jista', minn naħa jelimina l-isfruttar tal-ħaddiema, u min-naħa l-oħra jwaqqaf il-benefiċċji korporattivi eċċessivi u eżorbitanti. L-inkorporazzjoni tal-istandards dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ILO fir-regoli tad-WTO u ta' aġenziji oħra relatati tan-NU tista' tikkontribwixxi sostanzjalment għall-kostruzzjoni ta' ordni ekonomika ġdida u ġusta u għal globalizzazzjoni ġusta u intelliġenti. Ir-regoli għandhom jiġu adattati skont dan u jintużaw b'mod aktar konsistenti fil-futur biex ir-riżorsi u l-persunal disponibbli kollha jiġu kanalizzati biex jipprovdu għajjnuna fejn l-aktar ikun hemm bżonnha.

5.7.7. Kwalunkwe ndħil fuq id-drittijiet fundamentali għandu jkun iġġustifikat b'mod oġġettiv u għandhom jiġu inklużi klawżoli ta' estinzjoni. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li terġa' tiġi stabbilita n-normalità bil-prinċipji demokratiċi bażiċi kollha fl-iqsar żmien possibbli, madwar id-dinja. Li jinċaħdu d-drittijiet tal-bniedem, bħad-dritt għal-libertà ta' għaqda, il-libertà tal-istampa, il-privatezza u oħrajn qatt ma għandu jsir in-"normal il-ġdid".

5.7.8. Jeħtieġ li terġà tingħata spinta lir-rwol ġeopolitiku strateġiku tal-UE fil-promozzjoni ta' proċessi ta' paċi globali, sabiex jiġu mnedija mill-ġdid opportunitajiet għall-iżvilupp ekonomiku fil-viċinat tal-UE: fil-Balkani tal-Punent, l-imsieħba Ewro-Mediterranji u tal-Lvant, u f'żoni oħrajn mifnijin bil-kunflitti.

5.7.8.1. F'dan ir-rigward, ir-reġjun Ewro-Mediterranju u l-Balkani tal-Punent għandhom jergġghu jkunu żona ta' opportunitajiet ta' żvilupp kif kienu fil-passat meta kienu jinsabu fiċ-ċentru ta' skambji ta' persuni, beni u ideat. Għal din ir-raġuni, ir-reġjun Ewro-Mediterranju u l-Balkani tal-Punent għandhom ikunu fiċ-ċentru ta' politika strateġika Ewropea ta' integrazzjoni u interkonnessjoni fit-trasport u fl-iskambji kummerċjali u kulturali bi strateġija makroreġjonali speċifika u dedikata. Biex jitrawwem dan il-kuntest, għandu jingħata impetu ġdid lill-istrateġiji makroreġjonali fil-Mediterran u lill-istrateġija urbana Ewropea.

⁽¹¹⁾ L-Opinjoni tal-KESE SC/052 dwar *Il-futur tal-UE: Benefiċċji għaċ-ċittadini u rispett għall-valuri Ewropej*.

5.8. Il-migrazzjoni u l-era wara l-COVID-19

5.8.1. Bil-wasla tal-pandemija tal-COVID-19, it-traġedja kbira li nħolqot għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali u bil-kollass tal-ekonomija fil-pajjiżi kollha, il-kwistjoni tal-migrazzjoni qisha sparixxiet mix-xenarju, b'ċerta indifferenza min-naħa tal-opinjoni pubblika. L-applikanti għall-ażil ma jistgħux jiġu abbandunati minħabba l-kriżi attwali. Id-drittijiet protettivi bażiċi huma l-qofol tal-valuri Ewropej u ma jistgħux jingħataw il-ġenb meta jkunu inkonvenjent. Hemm bżonn li jiġu stabbiliti mill-ġdid il-miżuri li ġejjin:

- Jerġgħu jibdew il-proċeduri biex jinkisbu l-permessi ta' residenza u għar-rikonoxximent tad-dritt għall-ażil kważi fil-pajjiżi Ewropej kollha.
- Tiġi solvuta s-sitwazzjoni tas-saħħa fil-każi ta' popolazzjoni eċċessiva fiċ-ċentri ta' akkoljenza tal-migranti.
- Jiġi indirizzat in-nuqqas ta' sigurtà fl-impjiegi (li diġà rriżulta fi tnaqqis jekk mhux sospensjoni totali ta' "rimessi", li ħafna drabi huma l-uniku sors ta' sussistenza għall-familji ta' migranti li baqgħu fil-pajjiżi ta' oriġini).
- Jiġu regolarizzati l-migranti li jaħdmu fil-qasam tal-kura personali jew fis-settur agrikolu.
- Tiġi żviluppata Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) li hija obbligatorja, sikura u effettiva għall-pajjiżi kollha tal-UE biex jaqsmu r-responsabbiltajiet komuni fil-pront.
- Jitfasslu u jiġu żviluppati rotot realistiċi, legali, sikuri u fattibbli għall-migrazzjoni tal-ħaddiema lejn l-UE.
- Jiġi stabbilit djalogu permanenti u effettiv mal-pajjiżi ta' oriġini tal-migranti biex jiġu żviluppati strutturi u oqfsa ta' komunikazzjoni.
- Jiżdied l-appoġġ ekonomiku u tekniku għall-Aġenzija Frontex.
- Fil-perjodu ta' żmien qasir jiġi garantit impenn biex tiġi evalwata wkoll ir-rilokazzjoni tar-riżorsi kollha fi ħdan il-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE 2021-2027.

6. Il-pjan ta' rikostruzzjoni

6.1. Il-miżuri kollha deskritti se jinvolvu l-ħtieġa li tiġi fformulata sistema ta' governanza ekonomika ġdida, b'politiki strateġiċi għall-industrija, il-kompetittività, soċjali, ambjentali u għall-kummerċ.

6.2. Promozzjoni tar-riforma tal-Governanza Ekonomika tal-Unjoni Ewropea, ir-reviżjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sabiex fl-istess ħin jiġu żgurati l-istabbiltà u t-tkabbir.

6.3. Abbażi tal-istrument ta' irkupru "Next Generation EU" se jkun meħtieġ li tiġi żgurata żieda progressiva fir-riżorsi proprji tal-UE permezz tal-introduzzjoni ta' għażla ta' dħul rilevanti u adatt, pereżempju: skemi tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet, bażi komuni konsolidata għat-taxxa korporattiva (BKKTK), taxxa diġitali, taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji, imposta fuq is-CO₂ jew sinjoraġġ.

6.4. L-UE għandha tattiva b'mod urġenti mekkaniżmu ta' koordinazzjoni li kapaċi jxejjen l-ippjanar aggressiv tat-taxxa u li jiġġieled kontra l-fenomenu tal-evazzjoni tat-taxxa fis-27 Stat Membru, fenomenu li ġġenera medja ta' telf annwali fid-dħul mit-taxxa ta' EUR 46 biljun fil-perjodu 2001-2016 għall-Istati Membri tal-UE (0,46 % tal-PDG) ⁽¹²⁾. Fl-istess ħin, l-UE għandha tattiva strateġija b'saħħitha biex trażżan il-ħasil tal-flus, li qed jhedded li jkun velenu għas-sistema tal-produzzjoni tal-UE u joħloq distorsjoni fis-Suq Uniku billi jgħawweġ il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

⁽¹²⁾ European Commission, 2019, *Estimating International Tax Evasion by Individuals*. (Stima tal-Evazzjoni tat-Taxxa Internazzjonali minn Individwi) Dokument ta' Ħidma Nru 76 – 2019.

6.5. Huwa importanti li jiġi ppreservat il-mudell Ewropew tad-drittijiet, l-istandards u l-politiki tal-konsumatur. Dan huwa dak li jagħmel lill-UE unika. Pereżempju, fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni l-kodiċi etiku tal-UE dwar l-IA jiddistingwi l-perspettiva tal-UE dwar “human-in-command” minn dik ta’ reġjuni oħrajn. Dan l-approċċ, ibbażat fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, huwa parti mill-mudell tal-UE u għandu jiġi ppreservat minkejja l-klima kompetittiva diffiċli li qed tirriżulta fil-mument.

6.6. Hemm bżonn jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-mudelli ta’ negozju ġodda u aktar sostenibbli li qed jitfaċċaw (ċirkolari, ta’ kondiviżjoni, ekonomija soċjali, eċċ.). Dawn huma wkoll karatteristika tal-mudell soċjetali tal-UE u jipprovdu ħolqien ta’ valur doppju – valur ekonomiku u soċjali, filwaqt li jservu wkoll bħala strumenti għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-SDGs. Dawn il-mudelli tan-negozju joffru opportunità biex tingħata għajna lill-ekonomija tirkupra u biex fl-istess ħin jiġu indirizzati kwistjonijiet soċjetali. Hawnhekk il-pjan ta’ azzjoni tal-UE se jkun kruċjali, kif se jkun il-pjan ta’ azzjoni tal-UE għall-ekonomija soċjali (Rebbiegħa 2021). Eżempji ta’ ispirazzjoni, bħall-Alleanza Ewropea tal-Clusters, għandhom jiġu kondiviżi.

6.7. Id-diġitalizzazzjoni hija kemm opportunità kif ukoll riskju għall-irkupru. Huwa l-qasam tal-innovazzjoni li jista’ jpoġġi lill-UE fuq quddiem nett, bħal fil-qasam tal-blockchain, fejn l-UE tinsab f’pożizzjoni mexxeja. Il-blockchain bħala teknoloġija (mhux bitcoin) għandha valuri demokratiċi, filwaqt li toffri trasparenza u titjib fl-istrutturi ta’ governanza. Madankollu, ir-riskji bħalma huma aktar qgħad, marġinalizzazzjoni diġitali u esklużjoni soċjali, li huma inerenti mad-diġitalizzazzjoni, għandhom jiġu ġestiti. U għandhom jinstabu modi biex jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet u fl-istess ħin jiġu bbilanċjati r-riskji. Dan huwa kunistejn fejn l-UE tftitex li tibqa’ kompetittiva fuq livell dinji.

6.8. Hemm opportunità fil-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali bħala mudell għall-irkupru permezz tal-kokreazzjoni, il-kodisinn u l-koproduzzjoni. Fxenarju soċjali kumpless bi sfidi soċjetali kbar, l-uniku mod huwa li jiġu mobilizzati r-riżorsi kollha fis-soċjetà, filwaqt li ssir ħidma b’mod transsettorjali u multidixxiplinari sabiex jiġu identifikati s-soluzzjonijiet. Is-soċjetà ċivili organizzata hija katalist għall-innovazzjoni soċjali, moviment li kkontribwixxa biex jitfasslu sistemi ta’ protezzjoni soċjali li rriżultaw f’politiki, strutturi, prodotti, servizzi u metodi ta’ ħidma ġodda. Il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili hija meħtieġa iktar minn qatt qabel – iżda l-innovazzjoni soċjali vera sseħħ biss meta s-soċjetà ċivili tkun involuta.

6.9. Qed ifiġġ mudell soċjetali ġdid? L-irkupru jseħħ biss permezz tal-produttività, l-istimolu fiskali u r-ridistribuzzjoni tal-ġid. Forsi wasal iż-żmien għal darb’oħra li nagħtu nifs ġdid lill-kunċett ta’ “pakkett ta’ investiment soċjali”, li naħdmu flimkien b’mod proattiv u preventiv biex jitnaqqsu l-ispejjeż futuri tas-soċjetà. B’dan il-mod l-UE għandha tagħti spinta lill-investiment fl-infrastruttura soċjali: i) l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja; ii) is-saħħa, il-kura fit-tul, u l-kura soċjali; iii) l-akkomodazzjoni affordabbli⁽¹³⁾. Dan kollu jikkomplementa l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livelli kollha, sistema ta’ traċċar tas-Semestru Ewropew abbażi tal-SDGs, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u tranżizzjoni diġitali ġusta bbażata fuq il-valur tal-UE li jistgħu jingħaqdu biex jiffurmaw il-bażi ta’ mudell soċjetali ġdid tal-UE.

Brussell, il-11 ta’ Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹³⁾ Report of the High-Level Task Force on Investing in Social Infrastructure in Europe – *Boosting Investment in Social Infrastructure in Europe*. (Spinta lill-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa) Dokument ta’ Diskussjoni dwar l-Ekonomija Ewropea 074, Jannar 2018.

ANNEX I

Dan li ġej huwa sħarriġ strutturat dwar il-miżuri tal-UE li ġew adottati f'dawn l-aħħar tliet xhur biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19.

Tip ta' miżura			
Monetarja u stabbilizzanti	Fiskali	Ibbażata fuq il-garanziji u fuq is-self	Regolatorja u proċedurali
Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES); Appoġġ fil-Kriżi Pandemika: EUR 240 biljun; self għal stabbiltà makroekonomika għall-pajjiżi taż-żona tal-euro biex isolvu l-iżbilanċi makroekonomiċi tagħhom; ekwivalenti għal 2 % tal-PDG taż-żona tal-euro	Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus; Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus CRII+: primarjament EUR 37 biljun; riallokazzjoni ta' sorsi tal-Politika ta' Koeżjoni ffokati fuq is-soluzzjoni ta' konsegwenzi tat-tixrid tal-firxa tal-virus; ik-komplementati bi EUR 28 biljun li s'issa mhux allokatu taħt il-qafas tal-FSIE	Strument SURE (Appoġġ biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza): EUR 100 biljun; self b'eżenzjonijiet fiskali bħala appoġġ għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom; l-ewwel parti tal-Pakkett ta' Appoġġ	Regoli dwar għajnuna mill-Istat: possibbiltà li jiġu adattati miżuri relatati mad-ditti u l-korporazzjonijiet kollha (sussidji għall-fond tal-pagi, posponiment ta' taxxi korporattivi u ta' ħlasijiet tal-VAT u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali); appoġġ finanzjarju dirett lill-klijenti (kumpens għan-nefqa għal servizzi u avvenimenti kanċellati); il-possibbiltà ta' proċeduri fiskali diretti mal-kumpaniji li jiffaċċjaw riskju ta' falliment minħabba l-pandemija, kumpens għal ħsara ppruvata li hija kkawżata mill-pandemija (hawnhekk hija meħtieġa notifika mill-Kummissjoni Ewropea); il-possibbiltà ta' kumpens ieħor minn sorsi pubbliċi lil pajjiżi partikolarment affettwati; possibbiltà ta' appoġġ dirett sa massimu ta' EUR 800 000 għal kull impriża
BĊE: Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-Każ ta' Pandemija: EUR 750 biljun; programm monetarju espansjonarju biex jinxtraw titoli b'appoġġ għal-likwidità tas-sistema finanzjarja	Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea: EUR 800 miljun	Fond ta' Garanzija pan-Ewropew: EUR 200 miljun; krediti tal-BEI b'eżenzjonijiet fiskali primarjament għall-SMEs; it-tieni parti tal-Pakkett ta' Appoġġ	Flessibbiltà fil-Kriterji tal-Finanzi Pubbliċi: spjegazzjoni aktar flessibbli fil-kriterji għad-dixxiplina tal-finanzi pubbliċi taħt il-kriterji tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u s-Semestru Ewropew
	Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: EUR 179 miljun	Strument finanzjarju ta' appoġġ lill-SMEs l-aktar affettwati: EUR 8 biljun iġġenerati abbażi tal-Garanzija tal-UE lill-Fond Ewropew tal-Investiment mill-FEIS	Kanċellazzjoni temporanja ta' tariffi u VAT għall-importazzjonijiet ta' strumenti u tagħmir mediċi minn pajjiżi terzi

Tip ta' miżura			
Monetarja u stabbilizzanti	Fiskali	Ibbażata fuq il-garanziji u fuq is-self	Regolatorja u proċedurali
	Aktar flessibbiltà li tippermetti l-mobilizzazzjoni tal-appoġġ kollu tal-FSIE li għadu ma ntużax; dan jippermetti li jsiru trasferimenti bejn il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni; 100 % tal-kopertura ta' spejjeż tal-proġetti jiġu minn riżorsi tal-UE; flessibbiltà fl-ispejjeżjoni dwar il-konċentrazzjoni tematika eċċ.		Skrinjar u protezzjoni ta' assi u teknoloġiji Ewropej kritiċi

OPINJONIJIET

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

IL-552 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE (+ TELEKONFERENZA PERMEZZ TA' INTERACTIO),
10.6.2020–11.6.2020

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Suq uniku għal kulħadd”

(Opinjoni esploratorja)

(2020/C 311/02)

Relatur ġenerali: **Antonio LONGO**

Konsultazzjoni	Ittra mill-Presidenza Kroata tal-Kunsill tal-UE 10.9.2019
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Deċiżjoni tal-Bureau	24.9.2019
Adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	224/1/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ⁽¹⁾

1.1. Għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), is-suq uniku Ewropew fid-dimensjonijiet kollha tiegħu – ekonomika, soċjali u ambjentali – huwa wieħed mill-pedamenti tal-ekonomija tas-suq soċjali. Dan jirrappreżenta element ewlieni għal integrazzjoni Ewropea armonjuża u bbilanċjata biex terġa' tinkiseb il-fiduċja pubblika fl-UE, biex jinħolqu postijiet ġodda tax-xogħol, biex tinkiseb ekonomija aktar kompetittiva, u biex jissaħħaħ ir-rwol tal-Ewropa fid-dinja.

1.2. Il-KESE jqis li t-tilħiq tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jista' jagħti kontribut kruċjali għall-iżvilupp tas-suq uniku tal-futur.

1.3. Il-KESE huwa konvint li s-suq uniku tal-futur huwa possibbli biss b'bażi ekonomika soda marbuta ma' dimensjoni soċjali b'saħħitha, u jinsisti fuq il-bżonn li jkun hemm konverġenza 'l fuq u politika soċjali aktar effettiva kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak tal-Istati Membri.

1.4. Il-KESE jemmen li approċċ ġdid, integrat u orjentat lejn is-suq uniku fil-politiki rilevanti kollha u lejn it-tneħħija tal-ostakli mhux ġustifikabbli li jifdal – mingħajr ma jinħolqu oħrajn ġodda – għandu bilfors jiffoka fuq iċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema u n-negozji, bħala atturi ewlenin fit-tfassil, il-verifika u l-monitoraġġ tal-proċess kollu.

⁽¹⁾ Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ppubblikat il-Komunikazzjoni “Pjan ta' azzjoni fit-tul għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tar-regoli tas-suq uniku” u l-Komunikazzjoni “L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku”.

1.5. Il-KESE jikkunsidra li jridu jsiru sforzi kbar għal żieda fil-livell ta' litteriżmu diġitali u għall-fehim tar-riskji u l-oportunitajiet ta' ġestjoni tad-data, li jippermettu liċ-ċittadini jieħdu sehem fi proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jħarsu l'quddiem, filwaqt li jiġu mifhuma l-potenzjal u l-limiti involuti.

1.6. Ir-regolamentazzjoni żejda u n-nuqqas ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni tad-direttivi tal-UE foqsmha ta' regolamentazzjoni ewlenija għan-negozju jridu jiġu evitati, peress li dawn huma ta' xkiel b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħira u mikro biex jisfruttaw bis-sħiħ il-vantaġġi tas-suq uniku, anke fid-dawl tas-Small Business Act.

1.7. Il-KESE jikkunsidra li l-infrastrutturi ta' governanza tas-suq uniku għandhom jissaħħu bl-inklużjoni proattiva ta' korpi organizzati li jirrappreżentaw liċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji (b'enfasi partikolari fuq iċ-ċittadini li huma vulnerabbli jew friskju ta' diskriminazzjoni, l-ekonomija soċjali u n-negozji mikro u żgħira) sabiex jippermettu approċċi ssemplifikati u faċli għall-utent, u implimentazzjoni u applikazzjonijiet f'waqthom, trasparenti u effiċjenti.

1.8. Skont il-KESE, id-dimensjoni internazzjonali tas-suq uniku trid tissaħħaħ fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Is-sorveljanza tas-suq jeħtieġ li tissaħħaħ, biex jiġi evitat id-dħul fis-suq Ewropew ta' prodotti li huma illegali jew iffalsifikati, jew li ma jissodisfawx l-istandards ambjentali, soċjali u ta' sigurtà, li ġejjin minn pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ elettroniku dejjem jikber, b'tali mod li titrażżan il-kompetizzjoni inġusta.

1.9. Il-KESE jħeġġeġ bil-qawwa t-tisħiħ tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni teknika, element essenzjali għas-suq uniku u b'mod partikolari għall-istandards tekniċi, soċjali, ambjentali u ta' sigurtà, li jipprovdur liċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji, b'mod speċjali lin-negozji żgħira u mikro, ħarsa ċara lejn ir-regoli u l-proċeduri u li jiggarrantulhom parteċipazzjoni bilanċjata u effettiva fil-proċess ta' standardizzazzjoni.

1.10. Il-KESE jitlob il-ħarsien tal-interessi tal-konsumatur fil-proċess tar-REFIT, fid-dinja diġitali u fis-sigurtà tal-oġġetti u s-servizzi, u t-tisħiħ tal-miżuri biex jitnaqqsu l-faqar enerġetiku u l-faqar fil-konsum, filwaqt li jiġi garantit l-aċċess għall-prodotti tal-ikel, għall-mediċina u għas-servizzi bażiċi għall-Ewropej kollha. Il-mudelli l-ġodda tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli għandhom jiġu appoġġjati minn inċentivi fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali.

1.11. Il-KESE jenfasizza l-importanza li tinbeda kampanja Ewropea robusta u fil-livell taċ-ċittadini għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni u għal informazzjoni interattiva, b'network ta' hubs bi profil għoli għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni.

1.12. Skont il-KESE, iridu jiddaħħlu fis-seħħ kundizzjonijiet ekwi għall-ħaddiema biex jeżerċitaw libertà ta' moviment reali, jistabbilixxu ruħhom u jaħdmu kullimkien fis-suq uniku, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera. Hemm bżonn li d-Direttiva dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professjonali⁽²⁾ tiġi implimentata aħjar u li jkun hemm sforz konġunt enormi fir-rigward tal-mezzi finanzjarji u strutturali fil-livell Ewropew, għal edukazzjoni u taħriġ tul il-ħajja tar-riżorsi umani għal ħilet u kwalifiki ġodda.

2. Sfond għal din l-Opinjoni

2.1. **Is-suq uniku fid-dimensjonijiet kollha tiegħu (ekonomiċi, soċjali u ambjentali) jinsab fil-qalba tal-integrazzjoni Ewropea** u huwa wieħed mill-pedamenti tal-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa u tal-istrateġija tat-tkabbir sostenibbli l-għdida skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew il-għdid⁽³⁾.

2.2. Għalhekk hemm bżonn ta' **impenn kontinwu sabiex jiġi garantit it-tisħiħ ulterjuri tas-suq uniku**, li huwa biss jekk jitwettaq kompletament li jista' jerġa' jikseb il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew, joħloq impjegi ġodda, jikseb ekonomija aktar kompetittiva u jiżgura rwol aktar prominenti tal-Ewropa fid-dinja.

⁽²⁾ Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

⁽³⁾ COM(2019) 640 final.

2.3. Il-proċess ta' tlestija tas-suq uniku jirrikjedi approċċ integrat li jkun kapaċi jimmaniġġja proċess li jinvolvi l-politiki u d-dimensjonijiet rilevanti kollha f'viżjoni koerenti fit-tul biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, teknoloġiċi, ta' sigurtà u ta' sostenibbiltà attwali u emerġenti⁽⁴⁾. Għal dan il-għan ser ikun deċiżiv il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew⁽⁵⁾

2.4. **In-negozji (b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u mikro) u ċ-ċittadini għandhom ikunu fil-qalba ta' dan il-proċess**, ikunu involuti b'mod attiv fil-bini ta' **suq uniku li jibqa' validu fil-futur**, b'approċċ aktar iffukat fuq l-utent, ibbażat fuq analiżi fil-fond tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet. Illum, għal ċerti prodotti essenzjali u provvisti ta' mediċini, hemm dipendenza fuq pajjiżi terzi li trid tingħeleb.

3. Ostakli għat-tlestija tas-suq uniku

3.1. Il-problemi evidenti li għadu qed jiffaċċja l-proċess biex jintlaħaq is-suq uniku, joħlqu l-prerekwiżiti u l-ostakli li ġejjin:

3.2. Prerekwiżiti

Għandhom jiġu ssodisfati **l-prerekwiżiti** li ġejjin biex jiġi żgurat li s-suq uniku jkun aċċessibbli u jista' jintuża f'kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd:

- (a) traspożizzjoni sħiħa u fil-ħin tal-leġislazzjoni dwar is-suq uniku u l-eliminazzjoni tax-xogħol b'lura b'rabta mat-traspożizzjoni, applikazzjoni uniformi u konsistenti tar-regoli tal-UE flimkien ma' aċċess faċli għall-utent, trasparenti u sempliċi għal kulħadd, mingħajr regolamentazzjoni żejda;
- (b) l-implimentazzjoni effettiva tas-suq uniku fil-qasam tal-gass, tal-elettriku, tal-infrastruttura diġitali u tat-trasport;
- (c) aċċessibbiltà sħiħa tas-suq uniku għal kulħadd, li tipprovdi servizzi aċċessibbli għaċ-ċittadini vulnerabbli jew żvantaġġjati kollha, bħall-persuni b'diżabilità u dawk fir-riskju tal-faqar;
- (d) mekkaniżmi ta' sorveljanza tas-suq armonizzati (eż. għas-sigurtà tal-prodotti kimiċi, l-effiċjenza fl-enerġija u l-prestazzjonijiet ambjentali tal-prodotti); it-tħaddim sħiħ tal-mekkaniżmi ta' rikonossiment reċiproku;
- (e) suq armonizzat u li jiffunzjona sew għall-materja prima sekondarja u l-prodotti ċirkolari, li jiffaċilita l-moviment tal-prodotti fi tmiem tal-ħajja;
- (f) qafas implimentat b'mod sħiħ ta' standards tekniċi u regolatorji għolja, b'mod speċjali għall-istandards ambjentali u soċjali. Huwa meħtieġ taħriġ għax-xerrejja pubbliċi u l-kumpaniji kkonċernati dwar l-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda taħt il-Programm tas-Suq Uniku u hija meħtieġa ħidma li tqajjem għarfien dwar ix-xiri fuq livell lokali ("żero kilometri") biex jiġu stabbilizzati l-ekonomiji reġjonali u jitnaqqas l-impatt ambjentali;
- (g) standards komuni għall-akkwist pubbliku bi kriterji ta' xiri konsistenti madwar l-UE kollha għal akkwist ekoloġiku u soċjalment inklużiv;
- (h) ekosistema diġitali integrata fil-livell tal-UE b'mudelli kummerċjali, ta' distribuzzjoni u ta' konsum ġodda u b'relazzjonijiet ta' gvern elettroniku ġodda;
- (i) swieq kapitali integrati u żviluppatti b'servizzi finanzjarji aċċessibbli faċilment għal kulħadd;
- (j) ekonomija ta' data b'kundizzjonijiet ekwi li kapaċi tiżgura d-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-mobbiltà tad-data fi ħdan is-suq uniku, u li fl-istess ħin tħares is-sigurtà u l-privatezza taċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji;
- (k) il-cloud tax-xjenza Ewropea, li tisfrutta d-data miċ-ċentri ta' riċerka pubbliċi u privati li jirċievu appoġġ mill-fondi Ewropej;
- (l) suq tas-servizzi integrat bis-sħiħ, inklużi s-servizzi loġistiċi u tan-netwerk;

⁽⁴⁾ 9743/19 COMPET 437 MI 487.

⁽⁵⁾ EESC-2020-00463 ECO/505 (relatur: is-Sur Trias Pintó) (Ara paġna 63 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (m) salvagwardji effettivi kontra d-dumping soċjali u d-dumping fiskali;
- (n) l-istituzzjonijiet tal-UE, flimkien ma' dawk direttament ikkonċernati, iridu jikkunsidraw u jeżaminaw b'attenzjoni l-impatt tar-regolamenti fuq in-negozji qabel ma jipproponu regolamenti ġodda jew jemendaw dawk eżistenti;
- (o) il-promozzjoni tat-tipi kollha ta' intraprenditorija permezz tal-politika u l-leġislazzjoni tal-UE biex tingħata spinta lill-ekonomija tal-Istati Membri, inkluża l-protezzjoni għall-intrapriżi żgħar u mikro u n-negozji tal-ekonomija soċjali.

3.3. Ostakli ⁽⁶⁾

3.3.1. **L-ostakoli sinifikanti** għat-tħaddim tas-suq uniku attwali, kif osservati miċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji, ġew enfasizzati f'termini ta':

- (a) **Proċeduri amministrattivi kumplessi:** il-leġislazzjoni tas-suq uniku ħafna drabi tinkludi regoli u proċeduri li huma diffiċli għall-utenti finali biex jifhmu jew isegwu.
- (b) **Standards tekniċi nazzjonali differenti:** hemm korp dejjem jikber ta' regolamenti tekniċi nazzjonali, kif muri min-numru dejjem jikber ta' notifiki regolatorji – xi 700 fis-sena dwar il-prodotti.
- (c) **Diffikultà biex tiġi aċċessata informazzjoni dwar l-istandards u r-rekwiżiti:** il-Gateway Diġitali Unika hija pass fid-direzzjoni t-tajba biex tgħin lin-negozji, speċjalment lill-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju jaċċessaw l-informazzjoni korretta, iżda hemm aktar punti ta' kuntatt. **Punt uniku ta' servizz f'kull Stat Membru** jista' jipprovdi gwida aħjar dwar ir-regoli, il-proċeduri u d-dokumenti meħtieġa, u dwar l-awtoritajiet li għandhom jiġu kkuntattjati.
- (d) **Nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-livelli ta' sorveljanza tas-suq:** peress li s-sorveljanza taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri u r-reġjuni, dan jista' jipproduċi livelli differenti ta' sorveljanza, bil-possibbiltà ta' distorsjonijiet bejn il-prodotti fis-suq uniku u dawk li jidħlu fis-suq.
- (e) **Ir-regolamentazzjoni żejda u n-nuqqas ta' traspożizzjoni u implimentazzjoni tad-Direttivi tal-UE f'oqsma ewlenin ta' regolamentazzjoni għan-negozji,** li joħlqu taħlita regolatorja kumplessa fis-suq uniku, li tipprevjeni prinċipalment lill-SMEs u lill-intrapriżi mikro milli jgawdu b'mod sħiħ il-benefiċċji tas-suq uniku kollu.
- (f) **Nuqqas ta' mekkaniżmi ta' taħriġ u kooperazzjoni** biex jiġi żgurat għarfien sod u konsistenti tal-istandards li huma (potenzjalment) applikabbli, mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti, l-individwi, il-konsumaturi u l-kumpaniji kkonċernati.
- (g) **In-nuqqasijiet tas-suq biex tiġi żgurata l-uniċità tas-suq** f'setturi ewlenin, bħal pereżempju l-gass, l-elettriku, u fl-infrastruttura diġitali u tat-trasport.

4. Is-suq uniku bħala element ewleni tal-aġenda strateġika l-ġdida tal-UE

4.1. Il-KESE huwa konvint li suq uniku li jaqdi lil kulħadd huwa element ewleni fl-integrazzjoni Ewropea biex terġa' tinkiseb il-fiducia pubblika fl-UE, biex jinħolqu l-impjiegi, biex tinkiseb ekonomija kompetittiva, u biex l-Ewropa tibqa' influwenti fid-dinja.

4.2. Il-KESE jikkunsidra li t-tilħiq tal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, inkluż eż. l-Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari ⁽⁷⁾ u l-istrateġija ta' tniġġis zero, jista' jagħti kontribut kruċjali biex jiġi żviluppat is-suq uniku futur.

⁽⁶⁾ Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni importanti dwar "L-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ostakli għas-Suq Uniku" (COM (2020) 93 final).

⁽⁷⁾ COM(2020) 98 final, imressqa fil-11 ta' Marzu 2020.

4.3. Il-KESE jilqa' l-fatt li dan il-proċess huwa **wieħed mill-erba' prijoritajiet ewlenin tal-aġenda strateġika 2019-2024** ⁽⁸⁾ u għe "integrat fiċ-ċiklu tas-Semestru għall-ewwel darba" ⁽⁹⁾.

4.4. Il-KESE jqis mhux biss li approċċ għdid, integrat u orjentat lejn is-suq uniku fil-politiki rilevanti kollha għandu **jiffoka fuq iċ-ċittadini, il-konsumaturi, il-ħaddiema u n-negozji** bħala benefiċjarji tal-oġġettivi, iżda wkoll li dawn għandhom ikunu atturi ewlenin fit-tfassil, il-verifika u l-monitoraġġ tal-proċess, li għandu jkun ibbażat fuq il-ħtiġijiet reali tagħhom, issemplifikat, faċilment aċċessibbli u faċli biex jintuża.

4.5. Il-KESE jħoss il-ħtieġa għal **semplifikazzjoni amministrattiva radikali** u jenfasizza l-kwistjoni tal-proporzjonalità. L-SMEs u l-intrapriżi mikro jġarrbu spejjeż għoljin mingħajr ma jkollhom il-garanzija li qegħdin jaġixxu f'konformità mar-regoli. Is-Small Business Act u tal-Ewwel Aħseb fiż-Żgħir għandhom jiġu implimentati bi prijorità u jiġu inklużi fl-aġenda politika fuq perjodu qasir permezz tal-istrateġija għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. L-analiżi tal-impatt ikkombinat ta' diversi regolamenti fuq in-negozji għandha ssir realtà fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet.

4.6. Għandhom jinbdew kemm proċess ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni kif ukoll ħidma intensiva ta' bini ta' kapaċità għall-partijiet ikkonċernati kollha, filwaqt li s-suq uniku fis-servizzi għandu jinfetħ ukoll b'mod ekwu u trasparenti.

4.7. Għal suq uniku orjentat lejn il-futur, hemm bżonn ta' sforzi ewlenin għal żieda fil-livell ta' litteriżmu diġitali u għall-fehim u l-ġestjoni tad-data, sabiex iċ-ċittadini u n-negozji ż-żgħar ikunu jistgħu jipparteċipaw f'dawn il-proċessi. Fl-istess waqt għandhom jiġu rikonnoxxuti l-kuntest tal-inċertezza u l-kumplessità, u għandhom jissaħħu r-reżiljenza individwali u soċjali biex jindirizzawhom u biex jifhmu aħjar il-potenzjali u l-limiti tal-pjattaformi diġitali, il-mudelli kummerċjali sottostanti tagħhom u l-governanza tagħhom, sabiex tiġi evitata l-manipulazzjoni.

4.8. Hemm ukoll bżonn ta' **infrastruttura ta' governanza tas-suq uniku li, filwaqt li tkun ibbażata fuq l-għodod ta' governanza eżistenti tal-UE** (eż. SOLVIT, IMI, Pariri tal-Ewropa Tiegħek, Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku), tkun imsaħħa fil-livell tal-UE u nazzjonali bl-inklużjoni proattiva tal-korpi organizzati li jirrappreżentaw liċ-ċittadini, il-konsumaturi u n-negozji, biex jiġu żviluppati approċċi ssemplifikati u faċli għall-utent. Hemm bżonn ta' implimentazzjoni u applikazzjoni f'waqthom, trasparenti u effiċjenti tar-regoli tas-suq uniku għal tranżizzjoni b'suċċess lejn Ewropa diġitali, effiċjenti, konsistenti, ibbilanċjata u sostenibbli.

4.9. Sabiex titwaqqaf il-kompetizzjoni inġusta u biex jiġu evitati r-riskji għas-sigurtà u s-saħħa għall-konsumaturi, għandha **tissaħħaħ is-sorveljanza tas-suq** biex jiġi evitat li jiddaħħlu prodotti illegali u ffalsifikati fis-suq Ewropew minn pajjiżi terzi permezz tal-kummerċ elettroniku. Għandha titwettaq b'mod urġenti ħidma ta' sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi.

5. Is-suq uniku u iċ-ċittadini

5.1. **Iċ-ċittadini għandhom ikun fil-qalba tal-proċess kollu tas-suq uniku tal-futur** mhux biss bħala l-benefiċjarji ewlenin tal-kisbiet tiegħu, iżda wkoll bħala atturi proattivi fil-proċess, skont il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom.

5.2. F'Opinjoni preċedenti ⁽¹⁰⁾, il-KESE enfasisza l-ħtieġa ta' "**pjan ewlieni għall-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali** sabiex iċ-ċittadini kollha jiġu offruti strumenti tal-għarfien biex jiffaċċjaw aħjar it-tranżizzjoni".

5.3. L-involvement taċ-ċittadini kollha tal-UE għandu jiġi żgurat f'kull stadju, b'mod partikolari għaċ-ċittadini vulnerabbli jew dawk friskju ta' diskriminazzjoni. Il-persuni b'diżabilità jew li jinsabu fir-riskju tal-faqar għandhom jiġu garantiti l-aċċess għall-oġġetti u s-servizzi, skont id-Direttiva (UE) 2019/882 ⁽¹¹⁾ u obbligi legali oħra, eż. il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

5.4. Il-KESE jenfasizza l-importanza li titnieda kampanja Ewropea robusta għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni u għal informazzjoni interattiva b'network ta' hubs ta' profil għoli għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni li jkunu jinsabu f'hubs intermodali ċentrali u periferiċi tas-suq uniku biex irawmu involviment pubbliku proattiv li jqis is-suġġerimenti, id-diffikultajiet u s-soluzzjonijiet, bl-appoġġ attiv tas-soċjetà ċivili organizzata.

⁽⁸⁾ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2019/06/20/a-new-strategic-agenda-2019-2024/>.

⁽⁹⁾ IP/19/6770, 17.12.2019.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 81, 2.3.2018, p. 102.

⁽¹¹⁾ ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70.

6. Is-suq uniku u l-ħaddiema

6.1. Il-KESE huwa konvint li s-suq uniku tal-futur huwa possibbli biss **b'bażi ekonomika soda marbuta ma' dimensjoni soċjali b'saħħitha** ⁽¹²⁾, u "wera li kien favur, b'mod konsistenti, tal-konverġenza 'l fuq u politika soċjali aktar effettiva kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak tal-Istati Membri" ⁽¹³⁾, bit-tfassil ta' "pjan direzzjonali ċar u kkoordinat li jstabbilixxi l-prijoritajiet għall-implimentazzjoni tal-Pilastru u l-infurzar tad-drittijiet u l-istandards soċjali eżistenti".

6.2. Il-KESE, għal darb'oħra, jenfasizza li "proċess ġdid tas-Semestru Ewropew għandu jilħaq għanijiet soċjali fil-qafas ta' monitoraġġ tal-iżbilanċi soċjali u għandhom jiġu introdotti **indikaturi ġodda li jistgħu jitkejlu**, flimkien ma' Rakkomandazzjonijiet immirati Speċifiċi għall-Pajjiżi" ⁽¹⁴⁾, u li għandhom jiġu evitati differenzi eċċessivi li (meta jitqiesu s-sitwazzjonijiet nazzjonali speċifiċi) jistgħu jwasslu għal dumping soċjali u jgħawġu l-kundizzjonijiet ekwi għas-suq uniku Ewropew kollu.

6.3. Skont il-KESE, iridu jiddaħħlu fis-seħħ kundizzjonijiet ekwi għall-ħaddiema biex jeżerċitaw libertà ta' moviment reali fis-suq uniku kollu, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera. Hemm bżonn li d-Direttiva dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professionali ⁽¹⁵⁾ tiġi implimentata aħjar u jeħtieġ li jkun hemm sforz konġunt enormi fir-rigward tal-mezzi finanzjarji u strutturali fil-livell Ewropew, għal edukazzjoni u taħriġ tul il-ħajja tar-riżorsi umani għal ħilet u kwalifiki ġodda.

6.4. Il-KESE, għal darb'oħra, jenfasizza li "il-bidliet fil-proċessi ta' produzzjoni u l-ekonomija ġenerali li wasslu għalihom it-teknoloġiji l-ġodda, l-intelliġenza artifiċjali u l-big data se jibdlu b'mod radikali wkoll is-suq tax-xogħol" u li huwa importanti li "dawn il-proċessi ta' tibdil iseħħu fil-kuntest ta' **djalogu soċjali** li jagħti l-frott, u b'rispett għad-**drittijiet u l-kwalità tal-ħajja tal-ħaddiem**" ⁽¹⁶⁾, billi jevitaw in-nases li jikkawżaw il-faqar u l-prekarjetà.

6.5. Il-KESE jikkunsidra li żvilupp sostenibbli jirrikjedi **sforz konġunt ewlieni f'termini ta' riżorsi finanzjarji u strutturali fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali għal taħriġ tar-riżorsi umani f'ħilet u kwalifiki ekoloġiċi u diġitali ġodda li jaqblu** mas-swieq tax-xogħol dejjem jinbidlu taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew ġdid.

7. Is-suq uniku u l-konsumaturi

7.1. **Il-politika tal-konsumatur hija komponent essenzjali fil-proċess biex jitlesta suq uniku** iffukat fuq l-interessi tal-pubbliku u li kapaċi jiggwida l-impenn tan-nies fil-proċess ta' integrazzjoni tal-UE. Għall-KESE, irid isir aktar biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-konsumaturi meta l-operatori ma jikkonformawx mar-regoli, u meta ma jitnaqqas l-applikazzjoni frammentata atwali u d-differenzi persistenti bejn l-Istati Membri.

7.2. Il-KESE jitlob il-ħarsien tal-interessi tal-konsumatur fil-**proċess tar-REFIT**, fid-dinja diġitali u fis-sigurtà tal-oġġetti u s-servizzi, u t-tisħiħ tal-miżuri biex jitnaqqas l-faqar enerġetiku u l-faqar fil-konsum, biex b'hekk jissaħħaħ l-aċċess għall-prodotti tal-ikel, il-mediċini u s-servizzi bażiċi għal kulħadd fl-Ewropa.

7.3. Għandha tiġi indirizzata l-problema ta' **trattament differenti** tal-konsumaturi fost id-diversi pajjiżi fix-xiri dirett jew fil-kummerċ elettroniku fir-rigward tal-prezzijiet, tal-kundizzjonijiet ta' bejgħ u ta' konsenja. Il-problema tal-imblikkar ġeografiku tibqa' ta' importanza partikolari.

7.4. Il-KESE jilqa' bi pjaċir l-informazzjoni pprovduta dwar ir-riżultati tal-protezzjoni tal-konsumatur permezz ta' **pjattaforma għas-soluzzjoni online tat-tilwim** ⁽¹⁷⁾, iżda jixtieq "li jissaħħu l-istrumenti straġudizzjarji ta' soluzzjoni tat-tilwim, b'mod partikolari dawk transkonfinali".

7.5. Il-KESE huwa konvint li **t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-informazzjoni huma ta' importanza** essenzjali biex il-konsumaturi jkun u jistgħu jagħmlu għażliet intelliġenti, mhux l-inqas f'termini ta' impatt u sostenibbiltà ambjentali.

⁽¹²⁾ ĠU C 353, 18.10.2019, p. 23

⁽¹³⁾ ĠU C 13, 15.1.2016, p. 40; ĠU C 81, 2.3.2018, p. 145 u ĠU C 440, 6.12.2018, p. 135.

⁽¹⁴⁾ ĠU C 14, 15.1.2020, p. 1.

⁽¹⁵⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

⁽¹⁶⁾ ĠU C 353, 18.10.2019, p. 6.

⁽¹⁷⁾ Skont il-Kummissarju Jourová, aktar minn 24 000 każ ta' tilwim ġew riżolti fl-ewwel sena.

8. Is-suq uniku u n-negozji

8.1. Għall-KESE, huwa meħtieġ dan li għej biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tan-negozji fir-rigward tat-tlestija tas-suq uniku:

8.1.1. jintlaħqu aktar **ftuħ u integrazzjoni tas-swieq tal-oġġetti u s-servizzi**, inklużi s-servizzi loġistiċi u tan-network, biex jiġi sfruttat il-potenzjal ekonomiku kollu tal-UE u tiġi stabbilita bażi solida għal kompetizzjoni globali fit-tul. Jeħtieġ li jiġu ssalvagwardjati u promossi d-diversità u l-pluraliżmu fis-settur tal-bejgħ bl-innut ⁽¹⁸⁾.

8.1.2. l-għoti ta' spinta akbar lid-diġitalizzazzjoni bħala fattur ewlieni għall-kompetittività Ewropea, jiġifieri qafas li jiffaċilita l-introduzzjoni ta' teknoloġiji diġitali. Il-programmi mmirati lejn l-SMEs u l-intrapriżi mikro jeħtieġ li jirrispettaw il-kultura tal-SMEs u jinvolvu l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi fil-livell lokali.

8.1.3. l-implimentazzjoni ta' aktar azzjonijiet li jipprovdu lill-intrapriżi zġhar u mikro b'ħiliet diġitali bażiċi u intermedji, kif ukoll joffrullhom varjetà ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi, u t-tfassil ta' regoli ġusti dwar l-aċċess għad-data, il-fluss liberu tad-data u r-responsabbiltajiet permezz ta' approċċ politiku komprensiv;

8.1.4. il-ħolqien ta' **qafas regolatorju u finanzjarju li jwassal għal investiment** fl-infrastruttura, biex b'hekk l-infrastrutturi fiżiċi u diġitali jittejjbu b'mod sinifikanti u jsiru interoperabbli; innovazzjoni u flessibbiltà għan-negozji biex jinġiebu f'konformità ma' dinja li qiegħda tinbidel malajr, filwaqt li jiġu promossi mudelli ta' negozju ġodda; u n-newtralità teknoloġika permezz ta' leġislazzjoni dwar is-suq uniku li tiffaċilita d-dħul fis-suq billi jitnaqqsu l-ostakli;

8.1.5. l-għoti ta' prijorità lill-prinċipji tar-**regolamentazzjoni aħjar** u lill-implimentazzjoni Prattika biex b'hekk is-suq uniku jkun l-aħjar post biex isir negozju u biex wieħed jaħdem fih.

8.2. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lid-**differenzi bejn is-sistemi tat-taxxa nazzjonali**. Għall-KESE, id-dumping soċjali u tat-taxxa fis-suq uniku għandu jiġi indirizzat, peress li jgħawweġ il-kompetizzjoni u jwassal għal rilokazzjonijiet mhux ġustifikati.

8.3. Huwa bl-istess mod essenzjali li **jitnaqqsu l-lakuni infrastrutturali u regolatorji** fl-interkonnnessjoni tas-swieq lokali fis-suq uniku, b'mod partikolari f'setturi ewlenin bħall-gass, l-elettriku u t-trasport li jippreżentaw ostakoli għal kompetizzjoni ġusta u trasparenti.

8.4. Il-KESE jqis li s-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni trid tissaħħaħ, b'mod partikolari rigward l-istandards tekniċi, soċjali, ambjentali u ta' sigurtà, li jipprovdu lin-negozji, b'mod speċjali lill-intrapriżi zġhar u mikro, b'ħarsa ċara lejn ir-regoli u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti u li jiggwarantixxu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha parteċipazzjoni bilanċjata u effettiva fil-proċess ta' standardizzazzjoni.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁸⁾ ĠU C 110, 22.3.2019, p. 41.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “L-effetti tal-kampanji fuq il-parteeċipazzjoni fit-tehied tad-deċiżjonijiet politiċi”

(Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Kroata)

(2020/C 311/03)

Relatur: **Marina ŠKRABALO**

Korelatur: **Cinzia DEL RIO**

Konsultazzjoni	Ittra, 10.9.2019
Bażi legali	L-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adottata fis-sezzjoni	3.3.2020
Adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	209/2/3

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa' l-inizjattiva tal-presidenza Kroata li titlob Opinjonijiet dwar l-effetti tal-kampanji fuq il-parteeċipazzjoni fit-tehied ta' deċiżjonijiet politiċi, li wieħed jittama tikkontribwixxi għad-dibattitu politiku f'waqtu fil-formazzjonijiet u l-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill dwar oqsma ewlenin ta' titjib fil-proċess elettorali tal-UE, abbażi tar-rapport post-elettorali mistenni mill-Kummissjoni. Id-dibattitu ta' orjentazzjoni politika ser jippermetti kontribut f'waqtu mill-Istati Membri għall-aġenda għall-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Demokrazija, u l-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, li ser titnieda matul il-presidenza Kroata. Iż-żmien huwa ideali għal sforz ġdid u kkoordinat biex tiġi protetta u mtejba d-demokrazija Ewropea matul iċ-ċiklu politiku ġdid tal-istituzzjonijiet tal-UE. F'dan ir-rigward, il-KESE jinkoraġġixxi lill-presidenza Kroata biex taġixxi bħala katalist fit-trawwim ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet kollha tal-UE, inkluż, primarjament, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, iżda wkoll il-KESE, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali.

1.2. L-involvement pubbliku fl-UE fit-tehied ta' deċiżjonijiet politiċi tal-UE, primarjament permezz ta' parteeċipazzjoni elettorali, iżda wkoll permezz ta' dibattiti politiċi u konsultazzjoni dwar politika, huwa vitali biex id-demokrazija Ewropea tingħata nifs ġdid u tiġi żgurata l-leġittimità tal-istituzzjonijiet u l-istrumenti tal-UE. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jibnu fuq it-tagħlimiet li ttieħdu mill-elezzjonijiet tal-2019 b'azzjoni politika f'waqtha u sforz istituzzjonali kkoordinat biex jitjieb l-istat attwali tal-proċess elettorali tal-UE u biex jiġi massimizzat għadd sodisfaċenti ta' votanti fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 u lil hinn.

1.3. Filwaqt li għadha għaddejja t-tendenza storika ta' tnaqqis fil-parteeċipazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet Ewropej, peress li l-ammont relattivament għoli ta' votanti fl-2019 għadu inqas mill-għadd ta' votanti li ħarġu jivvutaw bejn l-1979 u l-1994 ⁽¹⁾, hemm lezzjonijiet li jeħtieġ li jittieħdu mill-aktar elezzjonijiet reċenti, sabiex tingħata spinta lill-parteeċipazzjoni pubblika infurmata fiċ-ċiklu tal-elezzjonijiet Ewropej li jmiss u fit-tul. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li l-parteeċipazzjoni sostanzjalment aktar baxxa fl-elezzjonijiet Ewropej meta mqabbla mal-elezzjonijiet nazzjonali hija tendenza li ilha fid-dieher ⁽²⁾, u li ż-żieda fil-parteeċipazzjoni ta' votanti żgħażaġh u votanti b'livell ta' edukazzjoni għoli fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 tiġi kkunsidrata bħala potenzjal għal tendenza pożittiva ġdida.

⁽¹⁾ <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/1f2a7ac7-d8f7-11e9-9c4e-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-search>. Għandu jiġi nnutat li l-għadd ta' ċittadini Ewropej li vvutaw fl-elezzjonijiet naqas mill-bidu tas-snin 90 'il hawn, kif muri minn tnaqqis ta' 20 % fl-hekk imsejħa Stati Membri ġodda u tnaqqis ta' 10 % fl-hekk imsejħa Stati Membri antiki.

⁽²⁾ L-għadd ta' votanti kien 45 % fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2004, 43 % fl-2009, 42,6 % fl-2014 u mbagħad żdied fl-2019 għal 50,66 %, li kienet l-ewwel darba mill-1979 li l-għadd ta' votanti żdied meta mqabbel ma' elezzjonijiet preċedenti. Sors: <https://blogs.eurac.edu/eureka/david-vs-goliath-of-voter-turnout-why-is-the-participation-in-eu-elections-so-low/>.

1.4. Il-KESE jemmen li biex l-istituzzjonijiet tal-UE jadottaw approċċ aktar effettiv għall-pubbliku Ewropew, jeħtieġ li jkun hemm bidla fil-mentalità tagħhom u jeħtieġ li jimpenjaw ruħhom mal-pubbliku, is-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali fil-komunikazzjonijiet kollha, speċjalment fil-kampanji, u jfittxu l-involvement tagħhom permezz ta' appell emozzjonali kif ukoll appell razzjonali. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon l-approċċ il-ġdid orjentat lejn il-votant tal-Parlament Ewropew għal kampanji ta' informazzjoni pubblika u jappoġġja bis-sħiħ il-pjan komprensiv tiegħu li jibni fuq is-suċċess tal-kampanja elettorali l-aktar reċenti tiegħu. Il-KESE jappella għal allokkazzjonijiet baġitarji u tal-persunal adegwati għall-ħidma tal-Parlament fuq kampanji, sabiex jiġi approfondit u mwessa' n-netwerk rikk tiegħu ta' affiljati tas-soċjetà ċivili, volontiera u opinjonisti, u sabiex iwassal sensiela ta' kampanji tematiċi matul il-ħames snin li ġejjin u jħejji kampanja elettorali agħli għall-2024.

1.5. Il-KESE jitlob li jkun hemm kooperazzjoni dejjem aktar mill-qrib bejn il-Parlament, il-Kummissjoni, u l-Istati Membri, kif ukoll mal-KESE u l-Kumitat tar-Regġuni u l-partijiet interessati rilevanti kollha, dwar it-tfassil maħsub bir-reqqa u t-tweqqiq kemm deċentralizzat kif ukoll ċentralizzat ta' kampanji futuri ta' informazzjoni dwar l-affarijiet tal-UE u l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss, li tagħmilhom aktar effettivi biex jilhq, jinfurmaw u jikkomunikaw ma' maġġoranza kbira ta' Ewropej.

1.6. Fil-fehma tal-KESE, id-diżinformazzjoni tippreżenta theddida diretta mhux biss għall-kapaċità tan-nies li jieħdu deċiżjonijiet politiċi infurmati, iżda wkoll għall-proġett ta' integrazzjoni Ewropea u għalhekk għall-unità, il-prosperità u l-influwenza globali tal-Unjoni Ewropea. Li jiddgħajfu l-kapaċitajiet deċiżjonali demokratiċi tal-UE huwa fl-interess ta' firxa ta' setgħat barranin, kif ukoll ta' gruppi estremisti li jopponu l-kooperazzjoni Ewropea u koezzjoni aktar b'saħħitha (?). Il-KESE jesprimi l-appoġġ sod tiegħu għall-isforzi attwali tal-UE fil-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni (*) – esterna u domestika – u jhegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura konformità sħiħa u azzjoni regolatorja ta' segwitu fir-rigward tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni, aktar żvilupp ta' "sistema ta' twissija rapida" u unitajiet ta' intelligence STRATCOM li ġew stabbiliti reċentement, u l-espansjoni tal-azzjoni tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna kontra d-diżinformazzjoni, u fl-istess ħin espansjoni konsiderevoli tal-azzjoni tal-UE kontra d-diżinformazzjoni domestika.

1.7. Il-KESE jappella għal aktar azzjoni mill-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament dwar il-possibbiltà ta' riżorsi baġitarji adegwati għal azzjoni biex tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà għad-diżinformazzjoni, sabiex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ għal firxa usa' ta' atturi esterni u domestiċi li huma ta' theddida, u biex jiġi intensifikat l-iskambju ta' informazzjoni fl-istituzzjonijiet u l-Istati Membri, u fuq livell internazzjonali.

1.8. Il-KESE jappoġġja bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li jiġi żviluppat "Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea" li għandu jkun komprensiv u kontinwu, bil-kapaċità li jwettaq bidla, bl-assigurazzjoni ta' appoġġ finanzjarju u koordinazzjoni interistituzzjonali. Il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea u inizjattivi futuri relatati għandhom jirsistu ħafna aktar biex jiksbu mezzi tax-xandir ħielsa u pluralistiċi kif ukoll ġurnaliżmu indipendenti ta' kwalità, ir-regolamentazzjoni effettiva tal-midja soċjali, b'mod partikolari biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni u inkluż ir-regolamentazzjoni tar-reklamar politiku onlajn u r-responsabbiltà tal-kontenut, proċess elettorali modernizzat, l-inklużjoni ta' gruppi mhux emanċipati, primarjament persuni b'diżabilità, u edukazzjoni ċivika mifruxa dwar l-Unjoni Ewropea u l-proċess demokratiku tagħha fl-Istati Membri kollha. Il-KESE jfakkar fil-proposta tiegħu għal komunikazzjoni ambizzjuża tal-UE, strateġija ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni pubblika dwar id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt u d-demokrazija (?).

1.9. Il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-presidenza Kroata biex jagħtu attenzjoni kontinwa lin-negozjati relatati mal-baġit tal-UE dwar l-allokkazzjonijiet għall-edukazzjoni dwar il-valuri tal-UE, l-affarijiet istituzzjonali u ċittadinanza, bħala mezz ewlieni għad-demokrazija Ewropea. Għandu jkun allokat finanzjament xieraq għall-ispettru sħiħ tal-isforzi tal-edukazzjoni tal-UE, kif ukoll għal miżuri proposti mill-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, u għandha tiġi żgurata koerenza aħjar tal-komponenti baġitarji differenti. Għandu jinżamm sehem akbar ta' finanzjament għall-programm ta' suċċess Erasmus, b'seħem akbar ta' programmi oħrajn tal-UE u l-Fond Soċjali Ewropew iddedikati għal dan il-għan.

(?) <https://medium.com/we-are-the-european-journalism-centre/more-than-meets-the-eye-tips-to-find-eu-funding-for-journalism-92f3f1143042>.

(*) Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra d-Diżinformazzjoni, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52018JC0036&qid=1582281834697&from=MT>.

(?) ĠU C 282, 20.8.2019, p. 39, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar Aktar tisħiħ tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni – Sitwazzjoni attwali u l-passi possibbli li jmiss, 3 ta' April 2019.

1.10. Biex jitravwem aktar appoġġ politiku għat-tisħiħ tal-edukazzjoni ċivika tal-UE, il-KESE jappella lill-istituzzjonijiet tal-UE (u l-presidenza Kroata) biex jappoġġjaw il-proposta tal-KESE għat-twaqqif fil-livell Ewropew ta' Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar "Ngħallmu l-Ewropa", b'rappreżentanti tal-Istati Membri u esperti ewlenin fil-qasam tal-edukazzjoni. Dan il-grupp jista' jipprova proposti ta' politika u rakkomandazzjonijiet għal diskussjoni mill-Ministri tal-edukazzjoni, li jistgħu jwasslu għal konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-grupp jista' wkoll jibda titjib operattiv, bħal pjattaforma ċentrali onlajn b'inventarju ta' materjal tat-tagħlim eżistenti ġġenerat permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE u kurrikuli nazzjonali, kif issuġġerit mill-KESE.

1.11. Il-KESE jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-kwistjoni urġenti tal-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità, minoranzi etniċi, migranti, il-foqra f'żona rurali u gruppi soċjali żvantaġġati oħrajn li ilhom sottorappreżentati b'mod kroniku fl-elezzjonijiet Ewropej fl-Istati Membri kollha tal-UE. Il-KESE jipprova li, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-Kummissjoni tiżviluppa (1) proposta legali dwar standards minimi għall-aċċessibilità tal-proċess elettorali tal-UE għall-persuni b'diżabilità; u (2) "Pjan direzzjonali tal-UE għal proċess elettorali aktar inklużiv", akkumpanjat minn proposta ta' finanzjament li tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom ta' modernizzazzjoni elettorali u inklużjoni soċjali.

1.12. Il-Kummissjoni l-ġdida għandha taħdem kemm jista' jkun malajr lejn aktar modernizzazzjoni tar-regoli tal-kampanji u tal-proċess elettorali tal-UE, billi tibni fuq il-passi meħuda mill-Kummissjoni preċedenti⁽⁶⁾. F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja bis-sħiħ: (1) ħidma attiva kontinwa minn netwerks ta' koordinazzjoni tal-elezzjonijiet ma' punti fokali nazzjonali, li għandhom jaġixxu bħala xprun għal titjib rapidu; (2) sorveljanza regolatorja msaħħa tal-partiti politiċi Ewropej fir-rigward tat-trasparenza fil-kampanji u l-finanzi tal-partiti, il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data u l-aderenza mal-valuri tal-UE; (3) inċentivi addizzjonali għall-partiti politiċi Ewropej biex itejbu l-konsistenza politika tagħhom u l-involvement pubbliku fil-partiti nazzjonali tal-Istati Membri u lil hinn minnhom, (4) miżuri li jippermettu parteċipazzjoni sħiħa fil-proċess demokratiku tal-gruppi soċjali marġinalizzati u mhux emanċipati kollha. Il-Kummissjoni għandha ssaħħa ukoll l-infurzar tar-regoli li jagħtu responsabbiltà kondiviża għall-iżvilupp tal-litteriżmu medjatiku, mhux biss bejn l-UE u l-istituzzjonijiet nazzjonali u s-soċjetà ċivili, iżda wkoll fost il-kumpanji tal-midja soċjali u tal-pjattaformi diġitali, kif ukoll l-atturi politiċi.

2. Opportunitajiet biex tissaħħa il-parteċipazzjoni infurmata tal-Ewropej fl-elezzjonijiet

2.1. Kampanji ta' informazzjoni pubblika aktar effettivi

2.1.1. L-involvement tal-UE mal-pubbliku permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u komunikazzjoni tjeib b'mod konsiderevoli f'dawn l-aħħar snin, bi sforzi notevoli biex tintwera sew ir-relazzjoni bejn il-politiki tal-UE u oqsma speċifiċi ta' impatt fil-ħajja ta' kuljum, u biex jintużaw l-fehmiet ta' nies "ordinarji" sabiex jintwera l-impatt tal-inizjattivi tal-UE, kif ukoll biex jimmobilizzaw teknoloġija ġdida għat-tixrid tal-informazzjoni. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom mezzi estensivi għall-għoti ta' informazzjoni pubblika – permezz tal-uffiċċji ta' kollegament tagħhom fl-Istati Membri, permezz tas-siti web u l-midja soċjali tagħhom, permezz tal-ħidma tal-istampa u tal-midja tagħhom, permezz ta' aġenziji tal-UE u ħafna netwerks ta' esperti u partijiet interessati, u permezz tas-servizzi tal-viżitaturi tagħhom.

2.1.2. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-gvernijiet nazzjonali għandhom jaħdmu aktar, jikkoordinaw aħjar, u jikkooperaw aktar mas-soċjetà ċivili, mal-imsieħba soċjali u mal-uffiċċji tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-Istati Membri sabiex ixerrdu informazzjoni preċiża dwar il-leġislazzjoni, il-politiki u l-inizjattivi tal-UE u biex il-persuni u l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu jsiru jafu dwar il-kwistjonijiet tal-UE u jipparteċipaw fihom. L-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jinvestu aktar fil-bini tal-kapaċità u t-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali li jippromovu l-idea Ewropea fil-kampanji tagħhom stess minn isfel għal fuq favur valuri Ewropej, u għandhom jużawhom bħala msieħba u katalisti fi djalogo mal-pubbliku.

2.1.3. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom baġits estensivi għall-informazzjoni pubblika, inklużi kampanji, għalkemm dawn il-baġits huma bla dubju żgħar meta mqabbla mal-baġits tal-gvern tal-Istati Membri għal informazzjoni pubblika u kampanji (kif ukoll baġits tal-gvern lokali u reġjonali tal-Istati Membri għal attivitajiet bħal dawn). Barra minn hekk, diversi DG tal-Kummissjoni jappoġġjaw l-isforzi tas-soċjetà ċivili u tal-imsieħba soċjali biex jinfurmaw u jinvolvu

⁽⁶⁾ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_18_5681.

lill-Ewropej f'dibattiti dwar oqsma ta' politika speċifiċi tal-UE permezz ta' varjetà ta' mezzi. Ir-rwol pożittiv li għandu jkollhom l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll is-soċjetà ċivili Ewropea u nazzjonali, l-imsieħba soċjali u l-midja indipendenti għandu jiġi estiż u rifless kif xieraq fil-baġit il-ġdid tal-UE.

2.1.4. Il-Parlament Ewropew kien partikolarment attiv fil-promozzjoni tal-interess u l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej. Għall-kampanja elettorali tal-2019 tiegħu fittex li jinvolvi lill-votanti permezz ta' messaġġi emozzjonalment b'saħħithom immirati skont it-tħassib speċifiku tagħhom, jinvolvi lis-soċjetà ċivili u lit-trejdjunjins b'mod aktar attiv, u jmexxi kampanja deċentralizzata u ħafna inqas istituzzjonali b'effetti multiplikaturi ħafna akbar. Il-kampanja "Din id-darba se nivvota" tat lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili l-opportunità (u l-finanzjament) li jwettqu l-miżuri u l-komunikazzjoni tagħhom stess biex jinvolvu lill-pubbliku fl-elezzjonijiet u li jistabbilixxu l-ideat u l-viżjoni tagħhom stess għall-futur tal-Ewropa. Hija ispirat ukoll firxa wiesgħa ta' atturi soċjali, inkluża l-komunità tan-negozju, biex jieħdu sehem f'kampanji li jħeġġu lill-pubbliku joħroġ jivvota. Abbażi ta' evidenza mill-istħarriġ tal-PE wara l-elezzjonijiet (7), din il-kampanja wiesgħa u interattiva setgħet ikkontribwixxiet għaż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-votanti.

2.1.5. Għal azzjoni futura mmirata lejn it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni politika tal-Ewropej, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu li hemm tendenza li qed tikber ta' identifikazzjoni pożittiva mal-UE, kif muri minn żieda ta' 11 % fil-votanti li qalu li vvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej peress li qiesu li kien dmir ċiviku tagħhom, żieda ta' 11 % fil-votanti li vvutaw għaliex kienu favur l-UE u żieda ta' 6 % f'dawk li ħassew li setgħu jibdlu l-affarijiet billi jivvutaw. Il-fatturi ewlenin li x'aktarx se jżidu l-inklinazzjoni ta' dawk li wiegħbu li jivvutaw fl-elezzjonijiet li jmiss tal-Parlament Ewropew ġew rapportati kif ġej: li jkunu infurmati aħjar dwar l-UE u l-impatt tagħha fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum (43 %); li jkun hemm aktar zghażaġh kandidati (31 %); u li jkun hemm aktar nisa kandidati (20 %). Barra minn hekk, l-Ewropej esprimew b'mod ċar il-ħtieġa għal parteċipazzjoni politika aktar informata, proċessi elettorali aktar inklużivi, tmexxija politika aktar responsabbli u procezzjoni istituzzjonali aktar effettiva kontra l-abbuż tal-proċess elettorali permezz ta' korruzzjoni politika, diżinformazzjoni u attackki ċibernetiċi (8).

2.1.6. F'kampanji futuri ta' informazzjoni pubblika, l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jagħtu prijorità lil suġġetti ta' tħassib speċjali għall-votanti, u dawn il-kampanji għandhom iseħħu matul iċ-ċiklu politiku, billi jibnu bażi ta' għarfien kondiviża u affiljazzjoni mal-affarijiet tal-UE qabel l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-penetrazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni fiż-żoni ġeografiki kollha u s-safef kollha tas-soċjetà, speċjalment dawk dwar il-marġni ta' parteċipazzjoni politika u l-iżvilupp soċjoekonomiku li jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli għal kampanji ta' diżinformazzjoni malizzjużi minħabba l-esklużjoni soċjali ġenerali tagħhom (9). Komunikazzjoni proattiva ta' informazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE teħtieġ djalogu aktar profund mal-komunitajiet lokali madwar l-UE, permezz ta' kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-midja lokali, mal-gruppi tas-soċjetà ċivili lokali, mal-awtoritajiet lokali u mal-programmi ta' edukazzjoni ċivika.

2.2. *Investiment fil-libertà u l-pluraliżmu tal-midja, u fil-ġurnaliżmu*

2.2.1. Midja ħielsa u pluralistika li ttiprovdi lill-Ewropej b'informazzjoni preċiża u imparzjali hija vitali għal dibattitu infurmat dwar l-elezzjonijiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u hija arma essenzjali kontra d-diżinformazzjoni. Midja ħielsa u pluralistika għandha tkun responsabbli għall-kontenut tagħha u trasparenti dwar is-sjeda u l-interessi ekonomiċi tagħha.

2.2.2. Minkejja t-tnaqqis fil-midja "tradizzjonali" (stampa u xandir) bħala riżultat tal-aċċess tal-massa għall-midja diġitali u soċjali, is-siti web u l-kontijiet tal-midja soċjali tax-xandara, il-gazzetti u l-ġurnalisti huma użati, kondiviżi u kkummentati b'mod qawwi minn nies onlajn.

2.2.3. Filwaqt li l-pajjiżi Ewropej jiddominaw il-quċċata tal-klassifika tal-libertà "tajba" tal-istampa fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa tal-2019 (10) (9 Stati Membri tal-UE huma fost il-15-il pajjiż b'"libertà tajba tal-istampa"), u l-ebda wieħed minnhom ma jaqa' taħt l-aġar kategorija ta' "sitwazzjoni serja ħafna", 12-il Stat Membru tal-UE huma kklassifikati bħala "pjuttost tajbin", filwaqt li 6 huma deskritti bħala "problematiċi", u Stat Membru wieħed tal-UE huwa kklassifikat bħala "diffiċli". Iż-żieda fil-vjolenza u l-intimidazzjoni kontra l-ġurnalisti fl-Istati Membri tal-UE hija xejra inkwetanti għad-demokrazija Ewropea, bhalmha hi kwalunkwe interferenza politika fil-midja.

(7) https://www.europarl.europa.eu/at-your-service/files/be-heard/eurobarometer/2019/election2019/EB915_SP_EUROBAROMETER_POSTEE19_FIRSTRESULTS_EN.pdf.

(8) Dawn huma s-sejbiet mill-istess sors bħala dak ta' hawn fuq – Stħarriġ ta' Wara l-Elezzjonijiet fl-UE minn Ġunju 2019 – li kien jinkludi 22 464 persuna li wiegħbu.

(9) ĠU C 97, 24.3.2020, p. 53.

(10) <https://rsf.org/en/world-press-freedom-index>.

2.2.4. Skont ir-riżultati tal-2017 tal-Ghodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja ⁽¹⁾, il-konċentrazzjoni tas-suq hija sors ta' riskju medju jew għoli għall-pluraliżmu tal-midja fil-pajjiżi kollha tal-UE, mingħajr eċċezzjoni. Id-diffikultajiet ekonomiċi ta' mezzi tax-xandir tradizzjonali differenti [...] jissuġġerixxu li l-konċentrazzjoni tal-midja hija fenomenu li huwa improbabbli li jonqos fil-futur [...] tnaqqis possibbli fil-pluralità tas-suq jibqa' element ta' riskju kullimkien. L-UE għandha tiegħu miżuri ta' antitrust biex tiddiversifika s-sjeda tal-midja u tiġġieled il-konċentrazzjoni u l-monopolji tas-sjeda tal-midja.

2.2.5. Il-ġurnaliżmu indipendenti huwa ġid pubbliku, u n-nuqqas ta' kisba ta' midja varjata u pluralistika jirrappreżenta falliment ċar tas-suq. Il-kwalità u d-diversità fil-ġurnaliżmu jeħtieġu t-tisħiħ tal-indipendenza politika u ekonomika, u tal-kwalità tal-midja għas-servizz pubbliku u l-finanzjament indipendenti tagħha fit-tul, li jeħtieġ mudelli ekonomiċi/kummerċjali ġodda. L-UE għandha tagħmel aktar biex tappoġġja l-midja għas-servizz pubbliku, inklużi inizjattivi biex jinstabu mudelli ta' finanzjament ġodda u sostenibbli. F'dan ir-rigward, il-KESE jappoġġja proposti għall-perjodu tal-baġit 2021-2027 biex tiġi introdotta sottolinja ta' EUR 61 miljun għall-programm Ewropa Kreattiva, iddedikata għal ġurnaliżmu ta' kwalità, inkluż il-pluraliżmu tal-midja u l-litteriżmu medjatiċi ⁽²⁾. Madankollu, huwa jappella għal investiment pubbliku ħafna akbar u aktar strateġiku fil-ġurnaliżmu u l-midja professjonali.

2.2.6. L-UE għandha wkoll tagħmel aktar biex tappoġġja l-midja indipendenti u l-ġurnaliżmu investigattiv, inklużi pjattaformi kollaborattivi transnazzjonali. Għandha tappoġġja wkoll inizjattivi biex jinstabu modi ġodda kif jiġi ffinanzjat il-ġurnaliżmu ta' kwalità, inklużi mudelli mingħajr skop ta' qligħ u mudelli ekonomiċi ġodda soċjalment sostenibbli u inklużivi.

2.2.7. Barra minn hekk, għandha tissaħħaħ il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE kontra l-monopolji tal-midja u pożizzjonijiet dominanti fis-suq, kif ukoll tiġi monitorjata u infurzata b'mod sistematiku. L-inizjattivi tal-UE dwar il-monitoraġġ tal-indipendenza u s-sjeda tal-midja fl-Ewropa, bħall-Ghodka għall-Monitoraġġ tal-Pluraliżmu tal-Midja, għandhom jiġu appoġġjati aktar.

2.2.8. L-UE għandha tkompli tippromovi miżuri u korpi awtoregulatorji bħal kodiċijiet etiċi u kunsilli tal-istampa biex jiġu msaħħa l-istandards għoljin ta' ġurnaliżmu, inkluż fil-midja diġitali u soċjali. L-UE għandha tippromovi l-aċċess ugwali għall-informazzjoni għall-midja kollha u topponi l-esklużjoni arbitrarja ta' ġurnalisti minn konferenzi stampa u pubblikazzjonijiet governattivi oħrajn għal raġunijiet politiċi.

3. Nindirizzaw l-opportunitajiet u l-isfidi li jirriżultaw mill-midja diġitali u soċjali

3.1. Il-midja diġitali u soċjali tiftaħ l-aċċess għall-biċċa l-kbira tan-nies għal firxa akbar ta' informazzjoni u fehmiet, u hija wkoll disponibbli b'mod aktar rapidu, u tippermettilhom jipparteċipaw b'mod ħafna aktar faċli fid-dibattitu demokratiku li jsir permezz tan-netwerks soċjali. Għandha tippermetti wkoll lill-individwi jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom stess dwar il-filtrazzjoni tal-informazzjoni li jixtiequ jaċċessaw. Sa 86 % taċ-ċittadini tal-UE27 użaw l-Internet fl-2019 ⁽³⁾ u 90 % tal-unitajiet domestiċi fl-UE27 kellhom aċċess għall-Internet, għalkemm hemm inugwaljanzi, b'aċċess nazzjonali tal-unitajiet domestiċi jvarja minn 98 % fin-Netherlands għal 75 % fil-Bulgarija, li xorta waħda jippermetti outreach konsiderevoli ⁽⁴⁾.

3.2. Minkejja dan, għalkemm il-midja diġitali u soċjali toffri aktar nies aktar opportunitajiet biex jipparteċipaw, hemm saħansitra konċentrazzjoni akbar ta' sjeda fost il-pjattaformi tal-midja soċjali milli fost il-midja tradizzjonali tal-istampar u tax-xandir, u algoritmi sigrieti kkumplikati b'għan kummerċjali jservu biex jiffiltraw b'mod sinifikanti l-informazzjoni

⁽¹⁾ <https://cmpf.eui.eu/media-pluralism-monitor/mpm-2017-2/>.

⁽²⁾ <https://medium.com/we-are-the-european-journalism-centre/more-than-meets-the-eye-tips-to-find-eu-funding-for-journalism-92f3f1143042>.

⁽³⁾ <https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tin00028/default/table?lang=en>.

⁽⁴⁾ <https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tin00134/default/table?lang=en>.

disponibbli dwar il-kontinuità tan-nies. B'riżultat ta' dan, il-firxa ta' informazzjoni li għaliha n-nies huma esposti tista' fil-fatt tkun idjaq milli permezz tal-midja tradizzjonali tal-istampar u tax-xandir. Il-midja tal-midja soċjali wasslet għall-proliferazzjoni ta' diżinformazzjoni – stejjer ivvintati postjati onlajn għal diversi raġunijiet, inkluż biex jiġu influwenzati d-dibattitu politiku u r-riżultati tal-elezzjonijiet. Wara ħafna minn din id-diżinformazzjoni, hemm kontinuità foloz. Riċerkaturi jsostnu li fl-elezzjoni presidenzjali tal-Istati Uniti tal-2016, id-diżinformazzjoni kellha impatt sinifikanti fuq l-imġiba tal-votanti.

3.3. Bħala parti mill-inizjattivi tal-Kummissjoni biex titnaqqas id-diżinformazzjoni u jiġu żgurati attivitajiet tal-kampanji onlajn trasparenti, ġusti u affidabbli qabel l-elezzjonijiet Ewropej reċenti, f'Settembru 2018 il-pjattaformi onlajn, in-netwerks soċjali u l-industrija tar-reklamar (inkluż Facebook u Twitter) iffiraw Kodiċi ta' Prattika⁽¹⁵⁾ awtoregolarju biex jiġu indirizzati t-tixrid tad-diżinformazzjoni onlajn u l-aħbarijiet foloz. Dan jistabbilixxi firxa wiesgħa ta' impenji, mit-trasparenza fir-reklamar politiku għall-ġhluq ta' kontinuità foloz u d-demonetizzazzjoni tal-fornituri tad-diżinformazzjoni⁽¹⁶⁾. Il-Kodiċi huwa meqjus bħala pilastru importanti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni kontra d-Diżinformazzjoni u inkluda appendiċi bl-aħjar prattika mill-firmatarji⁽¹⁷⁾.

3.4. Il-pjattaformi kollha ħadu azzjoni qabel l-elezzjonijiet Ewropej permezz tat-tikkettar tar-reklami politiċi u billi għamluhom disponibbli għall-pubbliku permezz ta' libreriji ta' reklami li jistgħu jiġu mfittxija⁽¹⁸⁾. Skont il-politika awtoregolarja introdotta minn Facebook, ir-reklami politiċi jistgħu jiġu ppubblikati biss f'pajjiż li għalih il-partijiet ikkonċernati kellhom permess. Minħabba li deher ċar li r-regola affettwat b'mod negattiv il-kapaċitajiet tal-partiti Ewropej li jagħmlu kampanji madwar l-UE, ittieħdet deċiżjoni ad hoc li l-partiti Ewropej ikunu eżentati mir-regola⁽¹⁹⁾.

3.5. Madankollu, l-ewwel rapporti annwali ta' awtovalutazzjoni mfassla mill-firmatarji tal-kodiċi f'Ottubru 2019⁽²⁰⁾ u r-rapport ta' Ġunju 2019 mill-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (ERGA)⁽²¹⁾ jindikaw li mhux ir-reklami politiċi kollha fl-arkivji ta' reklamar politiku tal-pjattaformi kienu ttikkettati b'mod korrett bħala reklamar politiku u li l-arkivji għadhom ma jiżvelawx data suffiċjenti dwar l-immirar fuq skala mikro tal-udjenza biex tiġi evitata l-manipulazzjoni tal-votanti u biex tiġi żgurata trasparenza akbar tal-kampanji politiċi u r-reklamar, inklużi s-sorsi ta' finanzjament u r-rabtiet ta' għodhom ma' grupp ta' interess. Barra minn hekk, l-ebda standards komuni ma ġew adottati mill-firmatarji tal-kodiċi biex jippermettu lir-riċerkaturi u l-ġurnalisti jaċċessaw data personali filwaqt li jirrispettaw id-dritt għall-privatezza u l-kunsens tal-utenti.

3.6. Fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati fl-awtovalutazzjoni u l-valutazzjoni attwali tal-Kodiċi ta' Prattika li saret mill-Kummissjoni, il-KESE jappella lill-Kummissjoni tiegħu miżuri leġiżlattivi jekk il-kodiċi volontarju juri li waħdu mhux suffiċjenti biex jinkiseb progress sostanzjali lejn l-għanijiet tal-Kummissjoni. Hemm b'żonn li tittejjeb ħafna l-awtovalutazzjoni fil-qasam tad-diżinformazzjoni onlajn. B'mod parallel, jeħtieġ li jiġi adottat approċċ komprensiv fir-rigward tar-regolamentazzjoni tagħha. Wasal iż-żmien li jiġi żviluppjat u propost ir-regolament tal-midja soċjali u l-pjattaformi diġitali, b'enfasi fuq it-trasparenza tal-aspetti kollha tar-reklamar politiku (ir-regoli dwar il-finanzjament, it-tikkettar u l-iżvelar) u d-diżinformazzjoni, fil-pakkett elettorali l-ġdid tal-Kummissjoni u fil-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea.

3.7. It-trawwim tar-responsabbiltà onlajn m'għandux jiffoka biss fuq miżuri ta' trasparenza, l-iżvelar ta' sorsi ta' informazzjoni, iżda għandu jkoll ir-responsabbiltà tal-atturi fl-ekosistema li jibbenefikaw minn kontenut qarrieqi u sensazzjonalist. Id-diżinformazzjoni hija sintomu ta' swieq diġitali kkonċentrati, mhux responsabbli, it-traċċar kostanti u t-trattament illegali ta' data personali. Il-kumpaniji dominanti tal-midja soċjali jagħmlu profitti billi jiġġeneraw data

⁽¹⁵⁾ https://ec.europa.eu/commission/news/code-practice-against-disinformation-2019-jan-29_mt.

⁽¹⁶⁾ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/code-practice-disinformation>.

⁽¹⁷⁾ Rapport ta' progress ippubblikat f'Ġunju 2019 iddikjara, fost oħrajn, li Facebook ħassar 2,2 biljun kont falz fl-ewwel tliet xhur tal-2019 u aġixxa speċifikament kontra 1 574 paġna, gruppi u kontinuità mhux ibbażati fl-UE u 168 li huma bbażati fl-UE involuti f'imġiba inawtentika mmirata lejn l-Istati Membri tal-UE, filwaqt li Twitter irrapporta dwar ir-rifjut ta' aktar minn 6 000 reklam immirat lejn l-UE għal ksur tal-politika tiegħu dwar prattiki kummerċjali inaċċettabbli kif ukoll madwar 10 000 reklam immirat lejn l-UE għal ksur tal-politika tiegħu dwar il-kwalità fir-reklami.

⁽¹⁸⁾ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/action-plan-against-disinformation-report-progress>.

⁽¹⁹⁾ <https://twitter.com/alemannoEU/status/1119270730280132610>.

⁽²⁰⁾ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/annual-self-assessment-reports-signatories-code-practice-disinformation-2019>.

⁽²¹⁾ http://erga-online.eu/wp-content/uploads/2019/06/ERGA-2019-06_Report-intermediate-monitoring-Code-of-Practice-on-disinformation.pdf.

għat-tfassil ta' profili permezz tat-tixrid ta' kontenut li jiġbed l-attenzjoni, irrispettivament mill-veraċità tiegħu. Dan it-tip ta' manipulazzjoni tad-data jitlob infurzar sħiħ u xieraq tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data bħala mezz biex jinbidel il-bilanċ ta' inċentivi għal kumpaniji 'l hinn minn mudell li jiddependi fuq sensazzjonaliżmu u xokk. Jekk il-mudell tan-negozju fundamentali tal-pjattaformi jiffaċilita hu stess jew ixerred il-problema, dan ma jkunx biżżejjed biex il-pjattaformi jiġu mħeġġa jadottaw mekkaniżmi ta' tneħħija jew ta' verifika. Barra minn hekk, il-leġislazzjoni nazzjonali u dik tal-UE jeħtieġ li tindirizza l-pożizzjonijiet dominanti fis-suq ta' kumpaniji tal-midja diġitali u soċjali u tikkunsidra l-interoperabbiltà obbligatorja, billi tistabbilixxi protokollu komuni sabiex tipermetti l-fluss tal-komunikazzjoni bejn il-pjattaformi.

3.8. Huwa neċessarju li jiġi żgurat involviment akbar u usa' tal-istituzzjonijiet tal-UE, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, il-midja indipendenti, il-midja soċjali, il-pjattaformi onlajn u l-pubbliku, sabiex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni⁽²²⁾. Il-Kumitat jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, li twettqet mid-DĠ CONNECT, biex jinħoloq l-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali – “ċentru għall-verifikaturi tal-fatti, l-akkademiċi u r-riċerkaturi biex jikkollaboraw ma' xulxin u jkollhom kuntatti attivi mal-organizzazzjonijiet tal-midja u mal-esperti tal-litteriżmu medjatiku, u jipprovdu appoġġ lil dawk li jfasslu l-politika”⁽²³⁾ – u jappoġġja l-investiment ta' aktar fondi fit-tisħiħ u l-iżvilupp tiegħu.

4. Il-prevenzjoni ta' indħil malizzjuż minn fuq l-Internet fl-elezzjonijiet Ewropej

4.1. Theddida oħra attivata mill-Internet hija indħil aktar faċli fl-elezzjonijiet permezz ta' kontijiet foloz, trolls fuq il-midja soċjali u stabbilimenti medjatiċi mmexxija mill-istat. Għalkemm saret ħafna enfasi fuq l-interferenza barranija, ir-realtà hija ħafna aktar kumplessa: id-diżinformazzjoni domestika hija tal-inqas problema daqstant serja, u proxies lokali, teknoloġiji ġodda u iżviluppi oħrajn (bħall-użu ta' gruppi magħluqa) iċajpru d-distinzjoni bejn diżinformazzjoni barranija u dik domestika. Ir-Russja, pereżempju, ġiet akkużata li influwenzat l-elezzjonijiet presidenzjali tal-Istati Uniti fl-2016, ir-referendum tar-Renju Unit dwar il-Brexit u diversi elezzjonijiet reċenti fl-UE⁽²⁴⁾, kif ukoll l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju 2019⁽²⁵⁾, iżda l-indħil estern minn atturi oħrajn domestiċi u esterni joħloq riskju daqstant inkwetanti.

4.2. Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni Ewropea kontra d-Diżinformazzjoni jgħid li, skont ir-rapporti, aktar minn 30 pajjiż qed jużaw id-diżinformazzjoni u attivitajiet ta' influwenzar⁽²⁶⁾. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna waqqaf servizz (East Stratcom Task Force) biex jissorvelja u jesponi d-diżinformazzjoni “pro-Kremlin” permezz tas-sit web apposta tiegħu⁽²⁷⁾ kif ukoll permezz tat-task forces dwar il-komunikazzjoni strateġika “Balkani tal-Punent” u “Nofsinhar”.

4.3. L-inizjattiva tas-SEAE li tiġi stabbilita “sistema ta' twissija rapida” – fil-fatt netwerk ta' uffiċjali tal-gvern tal-Istati Membri li jaħdmu fuq id-diżinformazzjoni – hija milqugħa, u jixirqilha li tissaħħaħ u titwessa', bl-Istati Membri jitħeġġu jiżguraw skambju ta' informazzjoni mill-qrib bejn is-sistema ta' twissija rapida u n-netwerks elettoralni nazzjonali li ġew stabbiliti reċentement, li fil-prinċipju għandhom jinvolvu wkoll organizzazzjonijiet speċjalizzati tas-soċjetà ċivili u verifikaturi tal-fatti. Fil-futur, għandu jiġi pprovdut ukoll skambju regolari ta' informazzjoni bejn is-sistema ta' twissija rapida u l-istrutturi tal-Osservatorju tal-Midja Diġitali f'kull pajjiż u madwar l-UE.

4.4. Fid-dawl tal-importanza għad-demokrazija Ewropea tal-mekkaniżmi tal-prevenzjoni tal-indħil, il-ħidma tal-inizjattivi tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna kontra d-diżinformazzjoni għandha tiġi estiża u msaħħa, inkluż biex tiġi mmonitorjata u miġġielda d-diżinformazzjoni minn pajjiżi u reġjuni oħra u biex jiġi intensifikat l-iskambju ta' informazzjoni ma' mekkaniżmi oħra simili ta' prevenzjoni, bħal dawk stabbiliti mill-Kanada u l-Awstralja. Fl-istess ħin, l-azzjoni tal-UE kontra d-diżinformazzjoni domestika teħtieġ li tiġi intensifikata b'mod konsiderevoli, b'mod komprensiv li tipermetti monitoraġġ f'waqtu, ittejjeb il-ġurnaliżmu professjonali u trawwem il-litteriżmu medjatiku.

4.5. Il-KESE jinnota li minħabba l-kriżi tal-COVID-19, li faqqgħet wara li tħejjiet din l-Opinjoni, huwa saħansitra aktar urġenti li l-Kummissjoni tiegħu azzjoni ulterjuri biex tiġġield id-diżinformazzjoni b'rabta mal-kawżi, it-tixrid u t-trattament tal-infezzjoni, li tista' tkun ta' ħsara għas-saħħa pubblika. Il-kontenut tal-informazzjoni tal-midja soċjali relatat

⁽²²⁾ https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/eu-communication-disinformation-euco-05122018_en.pdf.

⁽²³⁾ <https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/commission-launches-call-create-european-digital-media-observatory>.

⁽²⁴⁾ https://carnegieendowment.org/files/CP_333_BrattbergMaurer_Russia_Elections_Interference_FINAL.pdf.

⁽²⁵⁾ https://www.politicalcapital.hu/pc-admin/source/documents/pc_russian_meddling_ep2019_eng_web_20190520.pdf.

⁽²⁶⁾ https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/eu-communication-disinformation-euco-05122018_en.pdf.

⁽²⁷⁾ <https://euvsdisinfo.eu/>.

mal-pandemija, jekk ma jkunx sorveljat u kkanalizzat, jista' jwassal għal forom ta' mgħiba li jagħmlu l-ħsara u jifirxu l-paniku, filwaqt li jpoġġi f'riskju s-saħħa tal-komunità. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tkun viġilanti u taħdem mal-Istati Membri u l-partijiet interessati soċjali biex tindirizza l-impatt serju ta' din id-diżinformazzjoni, kemm minn sorsi nazzjonali kif ukoll minn sorsi barranin ⁽²⁸⁾.

5. It-titjib tal-litteriżmu medjatiku u tal-edukazzjoni ċivika tal-Ewropej

5.1. Il-promozzjoni sistematika tal-litteriżmu medjatiku u ċ-ċittadinanza attiva fost l-Ewropej hija vitali għall-bini tar-reżiljenza tal-UE kontra tendenzi u theddid antidemokratiċi. Kif ġie stabbilit fl-Opinjoniġiet reċenti tiegħu ⁽²⁹⁾, il-KESE qed jitlob momentum għdid fl-attivitàjiet ta' edukazzjoni tan-nies dwar l-UE fiċ-ċiklu politiku għdid tal-istituzzjonijiet tal-UE. Il-KESE jinterpreta d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2015 ⁽³⁰⁾ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 ⁽³¹⁾ bħala mandat ċar mill-Istati Membri appoġġjat mir-riżoluzzjoni tal-PE tal-2016 ⁽³²⁾ biex it-tagħlim u l-apprendiment dwar l-Unjoni Ewropea jingħataw prijorità fl-aġenda politika.

5.2. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li jiġi implimentat l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) biex l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi jkunu dritt għal kulħadd fl-Ewropa kollha ⁽³³⁾ u jirrakkomanda l-inkorporazzjoni tal-edukazzjoni dwar l-UE u l-bini tal-identità tal-UE fl-Istrateġija UE2030 u l-Qafas Strateġiku ET2030, u fil-proċess tas-Semestru Ewropew (fost ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż), sakemm tkun disponibbli data sistematika preċiża ⁽³⁴⁾.

5.3. Sabiex jitrawwem aktar appoġġ politiku għat-tiħiħ tal-edukazzjoni dwar l-UE, il-KESE jappella għat-twaqqif fil-livell Ewropew ta' Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar "Ngħallmu l-Ewropa", b'rappreżentanti tal-Istati Membri u esperti ewlenin fil-qasam tal-edukazzjoni. Dan il-grupp jista' jipprovdi proposti ta' politika u rakkomandazzjonijiet għal diskussjoni mill-Ministri tal-edukazzjoni, li jistgħu jwasslu għal konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-grupp jista' wkoll jibda titjib operattiv, bħal pjattaforma ċentrali onlajn b'inventarju ta' materjal tat-tagħlim eżistenti ġġenerat permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-UE u kurrikuli nazzjonali, kif issuġġerit mill-KESE.

5.4. Bħala punt ta' tluq għal azzjoni ta' politika aktar komprensiva, il-KESE jqis li huwa meħtieġ li ssir riċerka kritika għida, ibbażata fuq l-istudju tal-2013 dwar it-Tagħlim dwar l-Ewropa fl-Iskejjel ⁽³⁵⁾, dwar is-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri fir-rigward tal-edukazzjoni dwar l-UE fl-iskejjel, it-taħriġ tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu, kif ukoll il-programmi edukattivi tal-UE żviluppatti mis-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali ⁽³⁶⁾. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' rieżami komprensiv tal-kapaċitajiet edukattivi u tas-sorsi ta' finanzjament biex jiġu żviluppatti ħiliet ta' ċittadinanza attiva fost l-adulti fl-UE, f'konformità mal-Qafas rivedut ta' Kompetenzi Ewlenin tal-UE għat-Tagħlim tul il-ħajja ⁽³⁷⁾.

5.5. Is-soċjetà ċivili Ewropea u l-imsieħba soċjali rrakkomandaw bil-qawwa li jkun hemm finanzjament adegwat għall-edukazzjoni ċivika dwar l-affarijiet, il-kultura u ċ-ċittadinanza tal-UE, li jikkomplementaw ir-riżorsi nazzjonali. L-UE għandha tappoġġja lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-mexxejja tal-iskejjel, l-għalliema, u persunal edukattiv ieħor ikunu mgħammra aħjar biex jippromovu l-ħsieb kritiku, il-valuri demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, l-involvement ċiviku u l-użu responsabbli ta' teknoloġiji ġodda. Għandhom jissaħħu u jiġu estiżi programmi li jipprovdu appoġġ ta' mobilità għal skambji ta' għalliema, akkademiċi u studenti biex jgħinuhom jesperjenzaw valuri tal-UE bħad-demokrazija, il-libertà u t-tolleranza f'ambjenti ta' tagħlim oħra u fi Stati Membri oħra tal-UE ⁽³⁸⁾.

⁽²⁸⁾ <https://www.disinfo.eu/coronavirus/>.

⁽²⁹⁾ ĠU C 353, 18.10.2019, p. 52; ĠU C 228, 5.7.2019, p. 68.

⁽³⁰⁾ Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, 17.3.2015.

⁽³¹⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim (ĠU C 195, 7.6.2018, p. 1).

⁽³²⁾ Riżoluzzjoni tal-PE tat-12 ta' April 2016 dwar It-tagħlim tal-UE fl-iskejjel (2015/2138(INI)) (ĠU C 58, 15.2.2018, p. 57).

⁽³³⁾ ĠU C 228, 5.7.2019, p. 68.

⁽³⁴⁾ ĠU C 228, 5.7.2019, p. 68.

⁽³⁵⁾ <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/83be95a3-b77f-4195-bd08-ad92c24c3a3c>.

⁽³⁶⁾ ĠU C 353, 18.10.2019, p. 52.

⁽³⁷⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1).

⁽³⁸⁾ https://www.csee-etuice.org/images/attachments/ST_Citizenship_2018.pdf.

5.6. Il-litteriżmu medjatiku għall-ġenerazzjonijiet kollha fis-soċjetà, kif ukoll it-taħriġ minn u għall-ġurnalisti għandhom jiġu promossi b'mod qawwi u appoġġjati finanzjarjament mill-UE fl-Istati Membri kollha tal-UE, b'mod sistematiku u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet edukattivi nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali indipendenti responsabbli mir-regolazzjoni tal-midja. L-oġettiv huwa li ssir qabża rapida u wiesgħa lejn litteriżmu medjatiku ogħla fost l-Ewropej, fid-dawl tat-theddidiet li qed jiżiedu minħabba d-diżinformazzjoni mifruxa u ta' spiss malizzjuża.

5.7. L-UE għandha tipprowdi appoġġ f'waqtu lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jissodisfaw l-obbligu tal-midja l-ġdida tagħhom li jippromovu u jieħdu miżuri għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-litteriżmu medjatiku, inklużi programmi edukattivi ġodda u sorveljanza effettiva ta' pjattaformi ta' video-sharing, kif definit fid-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD) riveduta reċentement. F'dan ir-rigward, il-KESE qed jistenna linji gwida ċari mill-Grupp ta' Esperti dwar il-Litteriżmu Medjatiku, li ser jiltaqa' f'Zagreb, il-Kroazja, fit-30 ta' Marzu 2020, matul it-tieni Ġimgħa tal-Litteriżmu Medjatiku – inizjattiva ġdida ta' sensibilizzazzjoni fl-UE kollha li tnediet is-sena li għaddiet.

6. Nagħmlu l-elezzjonijiet Ewropej aktar inklużivi

6.1. Gruppi soċjali differenti jistgħu jkunu friskju ta' esklużjoni elettorali madwar l-UE – persuni b'diżabilità, minoranzi etniċi (speċjalment ir-Rom), ħaddiema migranti u immigranti trans-Ewropej, kif ukoll persuni foqra, bla xogħol, u sezzjonijiet rurali u mhux edukati tas-soċjetà. Meta jitqies il-fatt li nofs l-Ewropej għandhom ma jiddux sehem fl-elezzjonijiet Ewropej, l-inugwaljanzi strutturali li jinfluwenzaw l-imġiba elettorali jeħtieġ li jiġu indirizzati fl-inizjattivi ta' politika li ġejjin biex tissaħħa id-demokrazija Ewropea u jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-Ewropej kollha fl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss.

6.2. Kif ġie analizzat fir-rapport ta' informazzjoni dettaljat tal-KESE ta' Marzu 2019 ⁽³⁹⁾, ħafna nies minn madwar is-27 pajjiż tal-UE ma jistgħux jieħdu sehem fl-elezzjonijiet Ewropej minħabba ostakli legali u organizzattivi li jċaħħdu lill-persuni b'diżabilità mid-drittijiet politiċi tagħhom. Madwar 800 000 Ewropew minn 16-il Stat Membru huma, minħabba regoli nazzjonali, imċaħħda mid-dritt li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet tal-PE minħabba d-diżabilità jew il-problemi ta' saħħa mentali tagħhom, filwaqt li miljuni addizzjonali ta' Ewropej m'għandhomx il-possibbiltà li jivvutaw minħabba arranġamenti organizzattivi (ostakli tekniċi) li ma jqisux il-ħtiġijiet li jirriżultaw mid-diżabilità tagħhom.

6.3. Il-KESE jipproponi li l-pakkett ta' riforma elettorali ġdid u l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea jipprevedu "Pjan Direzzjonali tal-UE għal proċess elettorali inklużiv" bi proposta ta' finanzjament li jakkumpanjah, sabiex jiġu appoġġjati l-Istati Membri fil-modernizzazzjoni neċessarja tal-amministrazzjoni elettorali, u li tinvolvi aġġustamenti teknoloġiċi u servizzi ta' appoġġ għal gruppi soċjali żvantaġġati li għandhom it-tendenza li jiġu esklużi mill-proċess elettorali u juru livelli aktar baxxi ta' parteċipazzjoni politika f'kuntast nazzjonali partikolari. Il-Pjan Direzzjonali għandu jkun ibbażat fuq immappjar dettaljat tal-ostakli li jiffaċċjaw gruppi soċjali differenti friskju tal-esklużjoni elettorali, li għandu jsir f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet elettorali nazzjonali, l-istituzzjonijiet tal-ombudsmen u l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-soċjetà ċivili rispettivi u n-networks Ewropej tagħhom.

6.4. Il-leġislazzjoni attwali tal-UE diġà tindirizza għadd ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-elezzjonijiet tal-PE. Għalhekk, m'hemm l-ebda ostaklu formali għal din il-leġislazzjoni biex tinkludi wkoll garanziji dwar l-għażliet tal-votazzjoni għall-persuni b'diżabilità. Skont il-KESE, li kieku jiġu implimentati l-aħjar Prattika mill-pajjiżi kollha, tinħoloq sistema ideali li fiha kull Ewropew b'diżabilità mhux biss ikollu l-possibbiltà sħiħa li jivvota iżda wkoll ikun jista' jagħżel għalih innifsu l-aktar mod konvenjenti biex jivvota.

6.5. Għalhekk, fil-kuntast tad-dibattitu politiku li ġej dwar ir-riforma elettorali Ewropea u l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, il-KESE jipproponi li, flimkien ma' miżuri aktar komprensivi stabbiliti fil-"Pjan Direzzjonali tal-UE għal proċess elettorali inklużiv", tiġi kkunsidrata inizjattiva legali li tistabbilixxi standards minimi għall-votazzjoni għal persuni b'diżabilità. Il-proposta għandha tiġi żviluppata permezz ta' dibattitu ta' orjentazzjoni politika mal-awtoritajiet elettorali nazzjonali, l-esperti dwar l-inklużjoni soċjali u l-elezzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jirrappreżentaw lill-persuni b'diżabilità.

⁽³⁹⁾ Rapport ta' informazzjoni tal-KESE dwar Id-dritt reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, 20 ta' Marzu 2019.

7. It-tħeġġiġ ta' partiti politiċi Ewropej biex ikunu orjentati lejn iċ-ċittadin u li jagħtu kont ta' għemilhom

7.1. Kif definit fit-Trattat ta' Maastricht tal-1992, il-partiti politiċi fil-livell Ewropew huma importanti bħala fattur ta' integrazzjoni fi ħdan l-Unjoni. Huma jikkontribwixxu għat-tiswir ta' sensibilità Ewropea u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni. L-iżvilupp relattivament reċenti u gradwali tal-partiti politiċi Ewropej bħala atturi politiċi sovranażżjonali bi strutturi ta' governanza integrati li jistgħu jwasslu aġendi politiċi koerenti u jimmobilizzaw il-votanti madwar l-UE jirrappreżenta sfida strutturali għall-parteċipazzjoni politika tal-Ewropej. B'mod speċifiku, il-qafas regolatorju għall-governanza u l-finanzjament tal-partiti Ewropej evolva biss mit-Trattat ta' Nizza fl-2003 u jibqa' pjuttost limitat f'termini ta' koerenza organizzattiva u programmatika, li għandu jgħin il-kapaċità tal-partiti Ewropej li jsawru u jsaħħu l-integrazzjoni politika tal-UE, abbażi ta' valuri komuni u l-involvement tal-pubbliku.

7.2. Aktar regolamentazzjoni għandha taqdem biex tistimola l-promozzjoni attiva mill-partiti politiċi Ewropej tal-valuri tal-UE, il-koerenza politika u l-kapaċitajiet organizzattivi transnażżjonali ta' tagħhom biex jinvolvu lin-nies madwar u lil hinn mill-membri nazzjonali ta' tagħhom li huma differenti ħafna minn xulxin f'ħafna partijiet differenti tal-UE.

7.3. F'dan ir-rigward, il-KESE jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li jiġi infurzat aħjar l-obbligu legali tal-partiti Ewropej li josservaw il-valuri fundaturi tal-UE kif espressi fl-Artikolu 2 tat-TUE, li japplika wkoll għall-membri nazzjonali ta' tagħhom. Dan huwa relatat mal-valuri mħaddna fil-programmi u l-kampanji politiċi ta' tagħhom, u mal-prattiki interni ta' tagħhom tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dawk kontra d-diskriminazzjoni, kif ukoll ir-rispett ta' tagħhom għall-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Jekk jitqies neċessarju, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Awtorità għall-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej jivverifikaw il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament⁽⁴⁰⁾.

7.4. Azzjoni regolatorja ulterjuri għandha tqis id-dibattitu politiku attwali u l-proposti ta' politika, inkluża firxa ta' ideat ta' politika dwar l-iżvilupp tal-partiti Ewropej sabiex dawn ikunu eqreb u aktar responsabbli lejn il-pubbliku Ewropew, pereżempju permezz ta' dikjarazzjonijiet mill-partiti nazzjonali tal-affiljazzjoni mal-partit Ewropew maħsub ta' tagħhom, il-listi tal-partiti transnażżjonali, il-ġbir ta' fondi u kampanji trasparenti, is-sħubija individwali, l-ilħuq taċ-ċittadini fil-livell lokali u l-imsieħba soċjali u l-obbligu ta' rendikont għall-kontenut politiku li b'mod ċar jipperikola l-valuri komuni tal-UE⁽⁴¹⁾. Dawn il-kwistjonijiet għandhom jitqiegħdu wkoll fuq l-aġenda tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa, li nisperaw li tippovdi opportunità sostantiva għall-parteċipazzjoni wiesgħa u infurmata tas-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u l-pubbliku Ewropew fir-riforma demokratika tal-UE.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽⁴⁰⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/DOC/?uri=CELEX:52019DC0343&from=MT>.

⁽⁴¹⁾ <https://www.idea.int/sites/default/files/publications/reconnecting-european-political-parties-with-european-union-citizens.pdf>; <https://carnegieeurope.eu/2019/11/06/six-ideas-for-rejuvenating-european-democracy-pub-80279>; https://euroflections.se/globalassets/ovrigt/euroflections/euroflections_v3.pdf.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Il-finanzjament tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b’livell baxx ta’ karbonju u l-isfidi fil-finanzjament tal-adattament għat-tibdil fil-klima”

(Opinjoni esploratorja)

(2020/C 311/04)

Relatur: **Toni VIDAN (HR/III)**

Korelatur: **Dimitris DIMITRIADIS (EL-I)**

Konsultazzjoni	Presidenza Kroata tal-UE, 10.9.2019
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	27.5.2020
Adottata fil-plenarja	11.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni	227/0/2
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ bi pjaċir u jappoġġja l-konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew u t-tħabbira tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽¹⁾, bl-oġġettiv konġunt li tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn ekonomija b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju billi “naslu għal UE b’impatt newtrali fuq il-klima sal-2050”.

1.2. Fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, il-Kumitat diġà appella ⁽²⁾ għal solidarjetà mingħajr preċedenti fost l-Istati Membri u għal **pjan komprensiv Ewropew ta’ rkupru ekonomiku** li jkun jippermetti lill-Istati Membri tal-UE, liċ-ċittadini, lill-kumpaniji u lill-ħaddiema jiffaċċjaw bl-aħjar mod il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u jibnu ekonomija Ewropea aktar sostenibbli u reżiljenti. L-istrument Next Generation EU, li jammonta għal EUR 750 biljun, kif ukoll ir-rinforzi immirati għall-baġit fit-tul tal-UE għall-2021-2027, se jżidu l-kapaċità finanzjarja tal-baġit tal-UE għal EUR 1,85 triljun. Minbarra li jappoġġja l-irkupru, huwa ffokat fuq il-Patt Ekoloġiku Ewropew u d-diġitalizzazzjoni biex tingħata spinta lill-impjiegi u t-tkabbir, lir-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna u s-saħħa tal-ambjent tagħna.

1.3. Il-KESE jappoġġja r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fis-17 ta’ April 2020 minn maġġoranza kbira biex il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitqiegħed fil-qalba tal-pakkett li jmiss ta’ rkupru u rikostruzzjoni tal-UE “sabiex jagħti spinta lill-ekonomija, itejjeb ir-reżiljenza tagħha u joħloq l-impjiegi, filwaqt li fl-istess ħin jgħin it-tranżizzjoni ekoloġika, irawwem żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli” ⁽³⁾.

1.4. Il-KESE jappoġġja l-Pjan ta’ Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-ewwel pilastru finanzjarju ewlieni tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b’livell baxx ta’ karbonju, flimkien mal-Mekkaniżmu ta’ Tranżizzjoni Ġusta ⁽⁴⁾. Il-KESE jqis dawn l-inizjattivi bħala l-ewwel pass fid-direzzjoni t-tajba, u jħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE jstabbilixxu proċessi trasparenti u parteċipattivi għat-tħejjija ta’ passi ulterjuri, li jinkludu b’mod effettiv lill-partijiet interessati kollha rilevanti u allinjati mal-irkupru u ma’ tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija tal-benesseri ⁽⁵⁾.

⁽¹⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2019%3A640%3AFIN>

⁽²⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/news-media/presentations/ir-rispons-tal-ue-għat-tifqigha-tal-covid-19-u-l-htiega-għal-solidarjeta-bla-precedent-fost-l-istati-membri>

⁽³⁾ http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0054_MT.pdf

⁽⁴⁾ *Il-Pjan ta’ Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Mekkaniżmu ta’ Tranżizzjoni Ġusta Spjegati*, Brussell, 14 ta’ Jannar 2020.

⁽⁵⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/sustainable-economy-we-need-own-initiative-opinion>

1.5. Minħabba l-kriżi bla preċedent li qed niffaċċjaw, il-KESE jappella għal pjan ta' rikostruzzjoni ambizzjuż f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Parti kruċjali ta' dan għandha tkun **baġit għall-azzjoni klimatika** li jkun tal-inqas daqs id-diskrepanza fl-investiment identifikata qabel ta' madwar EUR 300 biljun fis-sena, u bi prijorità kbira li jappoġġja proġetti deċentralizzati ta' dekarbonizzazzjoni li jkunu kodisinjati u koproprietà taċ-ċittadini, l-SMEs, il-komunitajiet tal-enerġija u l-entitajiet pubbliċi lokali u reġjonali.

1.6. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li t-tranżizzjoni u r-rikostruzzjoni wara l-COVID-19 iridu jkunu ġusti u jwasslu biex l-UE tkun aktar ġusta, inkella se tfalli, b'konsegwenzi serji għall-proġett Ewropew kollu kemm hu. Aħna nemmnu li komponent kruċjali ta' tranżizzjoni ġusta huwa l-inklużjoni politika, soċjali u ekonomika taċ-ċittadini, il-ħaddiema, il-komunitajiet u l-SMEs, speċjalment f'reġjuni sottożviluppati u rurali fl-UE, mingħajr diskriminazzjoni kontra Stati Membri li bħalissa mhumiex membri taż-żona tal-euro. Sett ta' kriterji li jiżguraw li t-tranżizzjoni hija ġusta huwa tal-akbar importanza, u jridu jiġu inklużi l-partijiet interessati fil-livelli kollha. Il-KESE diġà ta l-kontribut tiegħu għal dan id-dibattitu⁽⁶⁾.

1.7. Il-KESE jenfasizza li t-tranżizzjoni ġusta u r-rikostruzzjoni wara l-COVID-19 iridu jiżguraw li l-konsumaturi u l-komunitajiet isiru "prosumaturi" attivi (produtturi u konsumaturi) għal prodotti u servizzi sostenibbli fis-setturi tal-enerġija u tat-trasport.

1.8. Il-KESE jappella għat-tneħħija urġenti tal-ostakli li jimpedixxu l-allokkazzjoni mill-ġdid ta' fondi pubbliċi u privati, primarjament dawk tas-sussidji diretti u indiretti eżistenti għas-settur tal-fjuwils fossili, kif ukoll ostakli fiskali u tat-tassazzjoni.

1.9. Il-KESE jappoġġja mandat b'saħħtu għall-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa strateġija ġdida għall-adattament tal-UE, u jitlob li titpoġġa l-istess enfasi fuq il-finanzjament tal-mitigazzjoni u l-adattament. Il-KESE jqis li d-dibattitu ta' politika inklużiva dwar l-iżvilupp ta' mekkaniżmi finanzjarji innovattivi għal azzjonijiet ta' adattament u **Fondi għal Adattament Ġust** iddedikati għandu jibda mill-aktar fis possibbli.

1.10. Il-KESE jitlob li jkun hemm żieda sinifikanti fil-fondi disponibbli, it-tnejja ta' programm immirat għaż-zgħażaġh tal-**"Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-Azzjoni Klimatika"** u fondi għall-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet lokali u s-soċjetà ċivili organizzata fl-iżvilupp ta' proġetti – ibbażati fil-komunità u li huma wkoll proprjetà tagħha – fil-qasam tat-trasport u l-enerġija b'livell baxx ta' karbonju.

1.11. Il-KESE jemmen li l-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu jissalvagwardja s-sigurtà u l-kompetittività internazzjonali tal-UE, u speċjalment tal-SMEs li qed jiffaċċjaw kompetizzjoni akbar minn ekonomiji emerġenti, u jappoġġja proposti għal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera.

2. Introduzzjoni u kummenti ġenerali

2.1. Il-KESE qed jiżviluppa din l-Opinjoni bi tweġiba għat-talba tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE tar-Repubblika tal-Kroazja, u jinsab kuntent li l-Presidenza biħsiebha tistimula dibattitu fil-livell tal-UE dwar it-titjib tal-arranġamenti finanzjarji fir-rigward tal-issodisfar tal-ħtiġijiet li qed jiżdiedu marbuta mat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u tar-reazzjoni għall-adattament għat-tibdil fil-klima. Tard fil-proċess tat-tfassil ta' din l-Opinjoni, id-dinja u l-UE ġew mheżża mill-pandemija tal-COVID-19, u l-Opinjoni ttipprova tinkludi xi reazzjonijiet inizjali għal din ir-realtà ġdida.

2.2. Qed naraw isseħħ katastrofi tal-bniedem, ta' ħajjiet mitlufa, ta' mard mifruż, ta' tbatija soċjali, u ta' impjegji li jisparixxu, fuq skala mingħajr preċedent. Jekk jiġu indirizzati ħażin, nirriskjaw li nħabbtu wiċċna ma' konsegwenzi serji daqs dawk tad-Depressjoni l-Kbira tal-1929. Jekk tindirizzahom tajjeb, l-UE tista' tissupera dan kollu, issalva l-ħajjiet u l-benesseri tas-soċjetà, tittrasforma l-mudelli soċjoekonomiċi tagħna f'oħrajn iffukati fuq il-persuni u fuq l-ambjent naturali u tagħti spinta lis-sħubija globali għall-iżvilupp sostenibbli.

⁽⁶⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/leaving-no-one-behind-when-implementing-2030-sustainable-development-agenda-own-initiative-opinion>

2.3. Il-KESE jilqa' bi pjaċir u jappoġġja l-konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew u t-tħabbira tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ⁽⁷⁾, bl-oġġettiv konġunt li tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju billi "naslu għal UE b'impatt newtrali fuq il-klima sal-2050". Huwa jappoġġja wkoll il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew bħala l-ewwel pilastru finanzjarju ewlieni, flimkien mal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta, li għandhom l-għan li jappoġġjaw il-ħaddiema u ċ-ċittadini fir-reġjuni l-aktar milquta mit-tranżizzjoni ⁽⁸⁾.

2.4. Teżisti evidenza inkontestabbli li qegħdin niffaċċjaw emerġenza klimatika, telf eżistenzjali tal-bijodiversità, riskji soċjalment inaċċettabbli għas-saħħa minn sustanzi kimiċi u tniġġis tal-arja, u livelli li ma jstgħux jiġu kkalkolati ta' tniġġis tal-plastik fl-oċeani tagħna. Ir-riċerka xjentifika ⁽⁹⁾ tissuġġerixxi li l-fatt li feġġ mard ġdid tal-bniedem huwa marbut mill-qrib mal-ixprunaturi tal-kriżi ambjentali, li huma maħsuba biex jiġu indirizzati b'azzjoni ambjentali prijoritarja permezz tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

2.5. Minbarra l-kriżijiet ambjentali eżistenzjali, qegħdin niffaċċjaw livelli għoljin u li qegħdin jiżiedu ta' inugwaljanzi, kriżijiet demografiki, radikaliżmu politiku, kif ukoll livelli dejjem jonqsu ta' fiduċja fil-gvernijiet, fil-governanza u fit-tfassil tal-politika. Il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat għadd ta' nuqqasijiet fis-sistemi ekonomiċi u ta' governanza tagħna, inklużi l-limiti tal-ekonomija tas-suq, u enfasizzat l-importanza ta' istituzzjonijiet tal-Istat effettivi u sistemi tas-saħħa pubblika b'saħħithom. Din ippermettiet ukoll li n-nies jerġġu jikkunsidraw is-sens tagħhom ta' x'inhom importanti. Hemm bżonn urġenti li jsiru riżemi tal-impatt tal-livelli ta' produzzjoni u konsum u analiżi dwar pagi ġusti għal xogħol essenzjali (eż. servizzi pubbliċi bħas-saħħa), politiki dwar it-taxxa u l-pagi, u għodod ġodda bħal dħul bażiku universali, kif mitlub f'Opinjonijiet preċedenti tal-KESE ⁽¹⁰⁾.

2.6. Il-komunità tan-negozju tal-UE qiegħda kulma jmur tqis it-tranżizzjoni lejn emissjonijiet baxxi tal-karbonju u l-irkupru wara l-COVID-19 aktar bħala opportunità ta' żvilupp u mod kif l-impjegji produttivi jinġiebu lura lejn l-Ewropa. Fl-ittra reċenti tagħhom lill-Ministri tal-Ambjent u l-Klima tal-UE ⁽¹¹⁾, seba' kumpaniji ewlenin tal-enerġija Ewropej jappellaw lill-UE biex iżżid il-mira tagħha ta' tnaqqis tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030 għal mill-inqas tnaqqis ta' 55 % fuq il-livelli tal-1990 biex jallinjaw ma' trajettorja kosteffettiva sal-2050. Energy Transitions Commission (Kummissjoni tat-Tranżizzjoni tal-Enerġija) tistieden lill-gvernijiet tad-dinja biex l-infiq tagħhom għall-istimolu ekonomiku jagħmluh b'mod għaqli u jinvestu fl-ekonomija tal-futur ⁽¹²⁾.

3. Iż-żieda tal-ambizzjoni klimatika, riżorsi finanzjarji ġodda għal tranżizzjoni ġusta, ir-rikostruzzjoni u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u l-implimentazzjoni tal-SDGs bil-għan li l-Aġenda 2030 ssir realtà

3.1. Sabiex tiġi żgurata mobilizzazzjoni adegwata ta' riżorsi finanzjarji ġodda għal azzjoni klimatika urġenti u biex jittejjeb l-użu ta' dawk attwali, hija assolutament meħtieġa aġenda politika ambizzjuża b'miri msaħħa għall-2030 u l-2050. B'hekk, il-KESE jappoġġja s-sejħa biex l-Unjoni Ewropea timpenja ruħha li tikseb newtralità karbonika sal-2050 u, għaldaqstant, iżżid il-mira tagħha għat-tnaqqis tal-gassijiet serra għall-2030 għal tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fuq il-livelli tal-1990.

3.2. Il-KESE jemmen bis-sħiħ li t-tranżizzjoni u r-rikostruzzjoni wara l-COVID-19 iridu jkunu ġusti u jwasslu biex l-UE tkun aktar ġusta, inkella se tfalli, b'konsegwenzi serji għall-proġett Ewropew kollu kemm hu. Aħna nemmnu li komponent kruċjali ta' tranżizzjoni ġusta huwa l-inklużjoni politika, soċjali u ekonomika taċ-ċittadini, il-ħaddiema, il-komunitajiet u l-SMEs, speċjalment f'reġjuni sottożviluppati u rurali fl-UE, mingħajr diskriminazzjoni kontra Stati Membri li bħalissa mhumiex membri taż-żona tal-euro. Id-distribuzzjoni ġusta tar-riżorsi finanzjarji mill-baġit futur għall-azzjoni klimatika hija essenzjali biex tinkiseb din l-inklużjoni, u jeħtiġilna nimpedixxu b'mod proattiv ix-xejriet li permezz tagħhom il-biċċa l-kbira tar-riżorsi jiġu diretti lejn partijiet interessati b'saħħithom bir-riżorsi u l-kapaċità li jiżviluppaw proġetti profittabbli.

⁽⁷⁾ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2019%3A640%3AFIN>

⁽⁸⁾ Il-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta Spjegati, Brussell, 14 ta' Jannar 2020.

⁽⁹⁾ <https://www.nature.com/articles/s41893-019-0293-3#ref-CR101>.

⁽¹⁰⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/node/60014>

⁽¹¹⁾ <https://www.statkraft.com/media/news/2019/energy-companies-call-for-more-ambitious-EU-2030-climate-target/>.

⁽¹²⁾ <http://www.energy-transitions.org/sites/default/files/COVID-Recovery-CoverLetter.pdf>.

3.3. Il-KESE jhegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura l-involvement attiv tal-partijiet interessati kollha – il-komunitajiet lokali, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali, l-industrija, l-istituti tal-għarfien, eċċ. – fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni futuri tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-pjan ta' rkupru u rikostruzzjoni ta' wara l-COVID.

3.4. Wara l-ewwel passi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, u minħabba l-kriżi bla preċedent li qed niffaċċjaw, il-KESE jilqa' bi pjaċir fond ta' rkupru ta' skala suffiċjenti, u jappella għal pjan ta' rikostruzzjoni ambizzjuż, b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi. Parti kruċjali ta' dan għandha tkun **baġit għall-azzjoni klimatika** li jkun tal-inqas daqs id-diskrepanza fl-investment identifikata qabel ta' madwar EUR 300 biljun fis-sena, li jagħti prijorità kbira lill-appoġġ ta' proġetti deċentralizzati fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni li jkunu koproprijta ta' -ċittadini, l-SMEs, il-komunitajiet tal-enerġija u l-entitajiet pubbliċi lokali u reġjonali. Il-KESE diġà fassal proposti għal din il-mobilizzazzjoni finanzjarja fis-sejħa tiegħu għall-Patt tal-Finanzjament għall-Klima ⁽¹³⁾, u f'din l-Opinjoni se jżid xi oħrajn.

3.5. B'mod parallel ma' dan, u sabiex tiġi żviluppata taħlita ottimali ta' mekkaniżmi għall-mobilizzazzjoni ta' finanzjament futur għall-klima, il-KESE jqis li hija meħtieġa valutazzjoni soda u trasparenti tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex jiġu implimentati l-SDGs bil-għan li l-Aġenda 2030 ssir realtà. Għandu jkun possibbli wkoll dibattitu politiku inklużiv dwar is-sostenibbiltà u t-tranżizzjoni ġusta fi ħdan qafas demografiku, teknoloġiku u ta' politika pubblika/fiskali, b'kontribut ewlieni mir-rapport li jmiss tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) ⁽¹⁴⁾.

3.6. Il-KESE diġà appella għal **Patt Ewropew dwar il-Finanzjament għall-Klima**, li "għandu l-għan li jidderieġi lejn il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ekonomija reali l-kapital li jista' jwassal għal bużżeġa finanzjarja ġdida. Dan għandu jkun soġġett ukoll għal finanzjament ġdid, b'mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju". Is-sorsi varji tal-finanzjament propost jinkludu:

- ridirezzjoni tal-finanzjament lejn investimenti sostenibbli permezz ta' "allokazzjoni ekoloġika" u l-promozzjoni ta' self mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) b'"tikketta ekoloġika";
- l-użu tat-tnaqqis kwantitattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) bħala sors ta' finanzjament;
- id-definizzjoni ta' kriterji għal investment sostenibbli.

Pereżempju, il-Patt dwar il-Finanzjament għall-Klima huwa opportunità biex tiġi indirizzata l-kriżi klimatika, in-nuqqas ta' impjiegi ta' kwalità tajba u, fl-istess ħin, id-dubji dwar il-proġett Ewropew. Dan jinkludi żewġ għodod: il-Bank Ewropew għall-Klima u l-Bijodiversità, u l-Fond Ewropew għall-Klima u l-Bijodiversità. Dawn it-tnejn flimkien jistgħu jsiru l-Bank Ewropew tal-Klima.

3.7. Il-KESE jilqa' u jappoġġja t-tħabbira tal-BEI li biħsiebu jappoġġja investment ta' EUR 1 triljun fl-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali fil-perjodu mill-2021 sal-2030. Madankollu, skont ir-regoli attwali tiegħu, il-BEI jista' jkollu portafoll ta' self annwali akbar. Jekk l-UE jew il-BĊE jipprovdu aktar garanziji tal-baġit għall-BEI, il-portafoll annwali jista' jżidied saħansitra aktar.

3.8. Il-KESE jitlob li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jirrifurmaw ir-regoli tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir sabiex ir-Regola tad-Deheb tagħti lok għal aktar investment fil-livell nazzjonali marbut mal-azzjoni klimatika li jkun eskluż mill-kalkolu tad-defiċit tal-gvern bħala parti mill-baġit tal-UE marbut mal-azzjoni klimatika, b'salvagwardji adatti kontra l-użu ħażin ⁽¹⁵⁾. Diġà ssemmev possibbiltajiet inizjali fir-Rapport Annwali tal-2019 tal-Bord Fiskali Ewropew ⁽¹⁶⁾ u issa dawn għandhom jiġu elaborati u jsiru operattivi. Matul is-sospensjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19, il-KESE jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex jużaw il-mezzi baġitarji disponibbli biex isaħħu kemm jista' jkun l-investment għall-azzjoni klimatika.

⁽¹³⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/european-finance-climate-pact-own-initiative-opinion>

⁽¹⁴⁾ Ir-rapport tal-EEA *The sustainability transition in Europe in an age of demographic and technological change* [It-tranżizzjoni tas-sostenibbiltà fl-Ewropa fi żmien ta' tibdil demografiku u teknoloġiku].

⁽¹⁵⁾ <https://www.bruegel.org/2019/12/the-european-green-deal-needs-a-reformed-fiscal-framework/>.

⁽¹⁶⁾ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/2019-efb-annual-report_en.pdf.

3.9. Il-KESE jistieden lill-BĊE biex jaqdi rwol importanti fil-finanzjament tal-azzjoni klimatika direttament u indirettament. Minbarra l-impatt tal-programm ta' xiri ta' assi tiegħu u l-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza fil-każ ta' Pandemija (PEPP), il-BĊE, billi jadotta r-regolament rilevanti u jeżerċita s-setgħat regolatorji tiegħu, u permezz ta' koordinazzjoni mal-banek ċentrali barra miż-żona tal-euro fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, jista' jhegġegħ lill-banek ċentrali biex isegwu l-eżempju tiegħu u b'hekk jinfluwenzaw b'mod pożittiv il-finanzjament tal-azzjoni klimatika. Il-proporzjonijiet kapitali jistgħu jintużaw ukoll b'mod aktar proattiv billi jiġu applikati reġimi favorevoli għal self u investimenti li jitqiesu ekoloġiċi skont it-tassonomija tal-UE. Il-BĊE "għandu jkun jista' jipprovdi [...] likwidità permezz ta' aktar miżuri mhux konvenzjonali tal-politika monetarja,"⁽¹⁷⁾ u li l-forniment tal-ammont meħtieġ ta' likwidità – hu x'inhu dan l-ammont – għandu jkollu impatt pożittiv fuq l-azzjoni klimatika.

3.10. Mod wieħed kif jiżjed il-finanzjament tal-azzjoni klimatika huwa permezz ta' bonds ekoloġiċi li jinħarġu minn setturi pubbliċi u privati u jkunu bbażati fuq qafas regolatorju b'saħħtu, abbażi tat-tassonomija tal-UE għal investment sostenibbli. Skemi li jinkoraġġixxu dan huma meħtieġa b'mod urġenti. Il-BEI jista' jkollu rwol saħansitra akbar b'żewġ modi: bl-għoti ta' self lil proġetti li jikkontribwixxu għall-azzjoni klimatika permezz ta' impenji diretti, u billi jżid il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi. Dawn il-bonds jistgħu mbagħad jinxtraw mill-Bank Ċentrali Ewropew permezz tal-programm ta' xiri tal-assi tiegħu ferm aktar milli kien il-każ qabel.

3.11. Minħabba li fl-aħħar mill-aħħar il-biċċa l-kbira tal-investimenti jsiru miċ-ċittadini u mis-settur privat, il-KESE jenfasizza l-importanza ta' miżuri fiskali ambjentali u l-aspetti kollha tal-ipprezzar tal-karbonju, bħala għodda ewlenija biex l-investimenti sostenibbli jsiru profittabbli. Nixtiequ nenfasizzaw ukoll li t-taħlita tal-ipprezzar tal-karbonju u l-bonds ekoloġiċi ttejjeb l-effettività ambjentali, l-akkumulazzjoni tal-kapital u s-sostenibbiltà tad-dejn, u għandha ġustizzja interġenerazzjonali akbar⁽¹⁸⁾.

3.12. Sors potenzjali ieħor ta' finanzjament jista' jkun it-titolizzazzjoni sostnuta minn portafoll kollaterali li jikkonsisti f'assi ta' self – aggregazzjoni mħallta ta' kollaterali – li tista' tinkludi assi ekoloġiċi u possibbilment assi mhux ekoloġiċi. It-titolizzazzjoni tkun ekoloġika jekk ir-rikavat iservi biex jifinanzja proġetti ekoloġiċi.

3.13. Il-KESE jqis li waħda mill-isfidi ewlenin għat-tqegħid fil-prattika tal-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-iżvilupp ta' sensiela ta' proġetti ta' investment li jirrispondu għall-għanijiet strateġiċi tal-UE. Sa issa, id-disponibbiltà ta' tali proġetti ta' investment ma tissodisfax id-domanda. L-assistenza teknika u l-appoġġ konsultattiv fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika ser jgħinu biex jiġu identifikati u mħejjija proġetti sostenibbli u jipprovdu l-bini ta' kapaċitajiet lill-promoturi tal-proġetti. Is-sistema ta' klassifikazzjoni fl-UE kollha għal investmenti sostenibbli (tassonomija)⁽¹⁹⁾ għandha tintuża bħala bażi għall-identifikazzjoni u l-iżvilupp ta' dawn il-proġetti.

3.14. Il-finanzjament ta' tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju jrid jiżgura li l-opportunità ta' żvilupp ta' teknoloġiji ġodda u ta' kumpaniji ġodda tkun appoġġjata b'mod li jippermetti l-akbar sjieda possibbli tal-kapaċità ta' produzzjoni ġdida mill-konsumaturi u l-komunitajiet, speċjalment dawk li bħalissa huma esklużi mill-proċessi ta' produzzjoni rilevanti, sabiex huma jiġu ttrasformati fi "prosumaturi" (produtturi u konsumaturi) attivi ta' prodotti u servizzi tas-setturi tal-enerġija u tat-trasport.

3.15. Peress li l-użu tar-riżorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-fatt huwa privatizzazzjoni ta' riżorsa naturali prezzjuża, il-proġetti appoġġjati minn finanzi pubbliċi għandhom jirrikonossu s-sjieda tal-komunità lokali tagħhom u għandhom jinkludu parteċipazzjoni adatta fil-benefiċċji jew fis-sjieda tal-proġetti mill-komunitajiet lokali.

3.16. Il-KESE jixtieq jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tingħata assistenza finanzjarja sinifikanti lill-istituzzjonijiet li jistgħu jiffaċilitaw b'mod attiv l-iżvilupp u r-raggruppament ta' proġetti individwali żgħar u deċentralizzati ta' ċittadini, komunitajiet jew SMEs fi proġetti akbar u aktar profittabbli. Peress li huwa ċar li s-soċjetà ċivili qed toħroġ b'ħafna inizjattivi bħal dawn, il-KESE huwa ħerqan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' qafas istituzzjonali u linji gwida għall-assistenza fil-livell tal-UE u kooperazzjoni attiva dwar dawn l-inizjattivi.

(17) <https://www.eesc.europa.eu/mt/news-media/presentations/ir-rispons-tal-ue-ghat-tifqigha-tal-covid-19-u-l-htiega-ghal-solidarjeta-bla-precedent-fost-l-istati-membri>

(18) <http://documents.worldbank.org/curated/en/808771566321852359/pdf/Financing-Low-Carbon-Transitions-through-Carbon-Pricing-and-Green-Bonds.pdf>.

(19) https://ec.europa.eu/info/publications/sustainable-finance-teg-taxonomy_en.

4. Mekkaniżmi finanzjarji eżistenti, ostakli għall-investiment f'dak li jirrigwarda finanzi pubbliċi u privati u għajjnuna mill-Istat

4.1. Il-Ftehim ta' Pariġi jirrikjedi li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti mat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet u mal-iżvilupp reżiljenti għall-klima. Fid-dawl ta' dan u tal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-KESE jitlob li l-mekkaniżmi finanzjarji kollha eżistenti tal-UE jkunu konformi mal-Ftehim ta' Pariġi jew jinġiebu reżiljenti għall-klima, kif ukoll konformi mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u mal-Aġenda 2030.

4.2. Fid-dawl tal-mekkaniżmi finanzjarji eżistenti, il-KESE diġà adotta ⁽²⁰⁾ r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

— żieda sa 40 % tas-sehem tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ddedikat għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

— l-UE jeħtiġilha turi livell ta' ambizzjoni konsistenti mal-isfida tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

— għal dan l-oġettiv trid tiġi allokata medja ta' 40 % tal-baġit globali tal-UE (QFP 2021-2027), u b'hekk jizjed is-sehem korrispondenti tal-Fond Ewropew ta' Koeżjoni aktar minn dak attwali ta' 20 %.

4.3. Hemm għadd ta' ostakli kbar għal-livelli adatti ta' finanzjament pubbliku u privat għall-azzjoni klimatika fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, li jirriżultaw f'livell ta' finanzjament pjuttost baxx u inadegwat kemm għall-mitigazzjoni kif ukoll għall-adattament ⁽²¹⁾. Nixtiequ nagħmlu enfasi fuq tlieta minnhom.

4.4. L-ewwel nett, għad hemm sussidji kbar għall-fjuwils fossili, kemm dawk diretti kif ukoll dawk indiretti, reċentement smati mill-Fond Monetarju Internazzjonali ⁽²²⁾ li jammontaw għal \$ 289 biljun fl-2015. Dawn tal-aħħar jeżistu fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE, u jikkawżaw spejjeż ambjentali, soċjali u ekonomiċi (ta' opportunità) enormi li jħassru l-progress li sar fl-azzjoni klimatika. Peress li dawn inaqqsu wkoll il-prezz tal-karbonju, il-KESE jemmen li dawn għandhom jitmehhew gradwalment bħala kwistjoni ta' urġenza, u l-pjani nazzjonali u klimatiki tal-Istati Membri jridu jippreżentaw skeda ta' żmien ċara għal dan.

4.5. It-tieni, peress li l-politiki fiskali tal-Istati Membri tal-UE qed ikunu tipikament limitati mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, u r-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat qed jipprevjenu rwol aktar importanti tal-Istat fil-politiki trasformattivi, il-finanzjament għall-azzjoni klimatika għadu limitat. L-użu attwali tal-klawżola ta' salvagwardja ġenerali għal tal-ewwel ⁽²³⁾ u qafas temporanju għar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat ⁽²⁴⁾ huma eċċezzjonijiet li l-Kumitat jittama li se jintużaw kemm jista' jkun possibbli biex tiġi ffinanzjata l-azzjoni klimatika.

4.6. It-tielet, hemm ostakli għall-finanzjament tas-settur privat, b'mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju u l-investiment għar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-KESE jemmen li, b'mod parallel għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-unjoni bankarja u l-unjoni tas-swieq kapitali għandhom jiġu ffinalizzati, u għandha ssir enfasi partikolari fuq li l-SMEs ikollhom aċċess universali u sempliċi għal finanzjament aktar varjat u sostanzjali għat-tranżizzjoni lejn teknoloġiji newtrali għall-klima.

4.7. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fil-governanza ta' programmi ewlenin tal-UE ta' spiss hija limitata u għalhekk huwa impossibbli li jiġu sfruttati l-benefiċċji kollha ta' parteċipazzjoni reali tal-partijiet interessati: parteċipazzjoni u sorveljanza demokratika, kif ukoll li l-fondi pubbliċi jiġu diretti lejn l-użijiet l-aktar mixtieqa soċjalment. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm parteċipazzjoni usa' tal-partijiet interessati, kemm min-naħa tal-gvern kif ukoll mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mill-imsieħba soċjali, mis-settur akkademiku u min-negozji.

⁽²⁰⁾ <https://www.eesc.europa.eu/mt/our-work/opinions-information-reports/opinions/european-finance-climate-pact-own-initiative-opinion>.

⁽²¹⁾ L-Opinjoni tal-KESE dwar "L-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-klima għal atturi mhux statali" (ĠU C 110, 22.3.2019, p. 14).

⁽²²⁾ <https://www.imf.org/en/Publications/WP/Issues/2019/05/02/Global-Fossil-Fuel-Subsidies-Remain-Large-An-Update-Based-on-Country-Level-Estimates-46509>.

⁽²³⁾ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/03/23/statement-of-eu-ministers-of-finance-on-the-stability-and-growth-pact-in-light-of-the-covid-19-crisis/>.

⁽²⁴⁾ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_20_496.

4.8. Il-prezzijiet tas-suq tal-karbonju tal-UE qed jaqgħu minħabba l-waqfien tal-ekonomija kkawżat mill-kriżi tal-COVID-19, u dan jenfasizza l-ħtieġa li l-iskema tissaħħaħ biex tindirizza aħjar skossi simili. Eżatt qabel il-kriżi, il-prezz tal-EU ETS (skema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet) kien ta' EUR 25 għal kull tunnellata, li jgħin biex jixpruna t-tneħħija gradwali tal-faħam. Minħabba t-tnaqqis attwali fil-prezzijiet, il-profittabilità tal-impjanti tal-linjite sfortunatament diġà tjebet. It-tnaqqis fil-prezz ifisser ukoll tnaqqis fid-dħul għall-Istati Membri mill-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet. Prezz aktar baxx tal-karbonju jfisser inqas esponiment għas-sinjal tal-prezz tal-karbonju biex jinceniva t-tnaqqis tal-emissjonijiet. Dan huwa importanti b'mod speċjali għal setturi industrijali kbar li jniġġsu (l-azzar, is-sustanzi kimiċi, is-siment) u s-settur tal-avjazzjoni. **Ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) tal-EU ETS** kienet qed tassorbi l-kwoti żejda mis-suq sa mill-bidu tal-2019, li hija r-raġuni ewlenija għall-prezz ta' EUR 25. Se tkompli tassorbi l-eċċess u tikkanċella dawk il-permessi aktar tard. Madankollu, l-MSR tfasslet biex tindirizza l-provvista żejda tal-passat li akkumulat matul is-snin. Mhijiex adatta biex tindirizza l-eċċessi attwali jew futuri. L-MSR se jkollha bżonn tissaħħaħ⁽²⁵⁾ fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Liġi tal-UE dwar il-Klima u r-rieżami li jmiss tar-regoli tas-suq tal-karbonju tal-UE.

4.9. Il-KESE jappoġġja proposta tal-Kummissjoni Ewropea li permezz tagħha l-baġit il-ġdid tal-UE, li japplika għall-perjodu 2021-2027, għandu joffri lill-pajjiżi b'kost tal-kapital kbar fl-Ewropa l-għażla li jiżviluppaw proġetti tal-enerġija rinnovabbli bl-appoġġ finanzjarju ta' mekkaniżmu tal-UE għal garanzija baġitarja. It-tnaqqis tal-kostijiet kapitali jbaxxi l-kostijiet livellati tal-elettriku għall-parks eoliċi fuq l-art fil-Greċja⁽²⁶⁾ b'20 % b'rabta ma' xenarju mingħajr miżuri ta' tneħħija tar-riskji (minn EUR 5,7 cents/kWh għal EUR 4,6 cents/kWh).

4.10. Il-KESE jemmen li **regoli dwar l-għajjuna mill-Istat** aktar komprensibbli u trasparenti jikkontribwixxu għaċ-ċarezza kemm għall-atturi statali kif ukoll għal dawk mhux statali bl-istess mod f'termini ta' liema politiki u setturi għandhom jiġu ffinanzjati, u kif. Barra minn hekk, il-KESE jappella għal evalwazzjoni aktar stretta tal-iskemi nazzjonali tal-għajjuna mill-Istat fir-rigward tal-bilanċ bejn il-finanzjament ta' min iniġġes u l-kontribut għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju.

4.11. Il-KESE jirrimarka li, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħhom biex tissawwar it-tranżizzjoni tal-enerġija, il-GBER u l-Linji Gwida dwar l-Għajjuna Ambjentali u għall-Enerġija (EEAG)⁽²⁷⁾ riveduti jridu jiġu abbozzati b'mod ċar, b'eżempji ta' proġetti jew operaturi (eż. komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli) li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jkopru, u li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi fil-protezzjoni tal-ambjent jeħtiġilhom jiġu rikonnoxxuti bl-istatus ta' "partijiet interessati" skont l-Artikolu 1(h) tar-Regolament Proċedurali⁽²⁸⁾ ⁽²⁹⁾.

5. L-isfidi tal-finanzjament tal-adattament għat-tibdil fil-klima

5.1. Il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima jitlob li tittieħed azzjoni kemm fuq il-kawżi kif ukoll fuq il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima. Il-kawżi tat-tibdil fil-klima għandhom jiġu indirizzati permezz ta' tnaqqis drastiku fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra (jiġifieri mitigazzjoni) u l-konsegwenzi tiegħu permezz ta' enfasi ugwali fuq l-investiment fir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima (jiġifieri adattament).

5.2. Studju reċenti indika li l-proporzjon kostijiet-benefiċċji ta' programmi ta' adattament bħal sistemi ta' twissija bikrija, li jagħmlu l-infrastruttura reżiljenti, itejbu l-agrikoltura tal-art niexfa jew jimmaniġġjaw ir-riżorsi tal-ilma, ivarja minn 5:1 sa 10:1⁽³⁰⁾. L-istess studju jissuġġerixxi li l-adattament jista' jiġġenera dividend triplu li jikkonsisti f'telf evitat minħabba t-tibdil fil-klima, benefiċċji ekonomiċi mill-programmi ta' investiment u benefiċċji soċjali u ambjentali.

⁽²⁵⁾ <https://carbonmarketwatch.org/publications/avoiding-a-carbon-crash-how-to-phase-out-coal-and-strengthen-the-eu-ets/>.

⁽²⁶⁾ https://www.agora-energiawende.de/fileadmin2/Projekte/2019/De-risking_SEE/161_Unlocking_SEE_EN_WEB.pdf.

⁽²⁷⁾ Ara wkoll il-kontribut ta' ClientEarth għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-kontroll tal-idoneità tal-EEAG, Lulju 2019 disponibbli hawnhekk: <https://www.documents.clientearth.org/library/download-info/clientearths-response-to-the-targeted-consultation-for-the-evaluation-of-the-guidelines-on-state-aid-for-environmental-protection-and-energy-2014-2020/>

⁽²⁸⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 9).

⁽²⁹⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar "Rwol aktar kostruttiv għas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-liġi ambjentali" (ĠU C 47, 11.2.2020, p. 50), punt 2.1.13; u l-Opinjoni tal-KESE dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Azzjonijiet tal-UE għat-titjib tal-governanza u l-konformità ambjentali" (ĠU C 283, 10.8.2018, p. 83), punti 3.5.8. u 3.5.9.

⁽³⁰⁾ Kummissjoni Globali dwar l-Adattament, l-Istitut Dinji tar-Riżorsi, Settembru 2019.

5.3. Il-KESE jappoġġja mandat sod biex tiġi żviluppata strateġija ġdida tal-UE dwar l-adattament, u jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi żviluppat proċess kompetenti u kredibbli tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri sabiex “l-enfasi ugwali” tal-finanzjament għall-mitigazzjoni u l-adattament tiġi riflessa fid-distribuzzjoni ottimali tal-fondi disponibbli u futuri fost dawn iż-żewġ prijoritajiet. Daqstant ieħor importanti, jinħtieġ dibattitu dwar l-iżvilupp ta' mobilizzazzjoni innovattiva tar-riżorsi finanzjarji għall-adattament.

5.4. Il-KESE jemmen li l-azzjoni ta' adattament tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex tiżgura li t-tranżizzjoni u r-rikostruzzjoni wara l-COVID-19 jiġu implimentati b'mod aktar ġust. Il-komunitajiet u r-reġjuni li huma affettwati b'mod aktar mill-medja mill-impatti negattivi tat-tibdil fil-klima għandhom jiġu meġhuna biex jindirizzaw l-impatti u r-riskji perċepiti. Dan huwa partikolarment minnu għall-komunitajiet u r-reġjuni li għandhom emissjonijiet ta' gassijiet serra preżenti u storiċi inqas mill-medja.

5.5. Sabiex jiġi żgurat aċċess ġust għar-riżorsi finanzjarji mobilizzati għall-azzjoni ta' adattament, il-KESE jitlob li tiġi pprovduta assistenza teknika u organizzattiva lir-reġjuni affettwati, u għandhom jinbdew **Fondi għal Adattament Ġust**, possibbilment fil-livell reġjonali, tal-Istati Membri u tal-UE.

5.6. Filwaqt li l-miri ta' mitigazzjoni huma ċari (pereżempju, li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm taħt il-1,5 °C, jew li l-emissjonijiet jitnaqqsu b'ċertu ammont relattiv għal sena bażi), huwa diffiċli li jiġu stabbiliti miri ta' adattament. Madankollu, huma meħtieġa sabiex jinkiseb proċess ta' adattament effiċjenti. Il-KESE jappoġġja l-istabbiliment ta' indiċijiet ta' vulnerabbiltà li se jiggwidaw l-istrateġija ta' adattament u jstabbilixxu miri ta' adattament. L-indiċijiet ta' vulnerabbiltà għandhom jiġu żviluppati fi tliet dimensjonijiet: vulnerabbiltà ġeografika jew reġjonali; vulnerabbiltà settorjali jew ekonomika; u vulnerabbiltà soċjali.

6. Finanzi ġodda għal atturi mhux statali fl-azzjoni klimatika

6.1. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-gvernijiet lokali, reġjonali u nazzjonali mhux biss għandhom aċċess għall-istrumenti finanzjarji: għandhom ikunu wkoll parteċipanti attivi fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti, inizjattivi u attivitajiet li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u li jagħmlu mod li l-komunitajiet ikunu reżiljenti għall-klima ⁽³¹⁾.

6.2. Il-KESE jappoġġja l-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li “jgħaqqad liż-żgħażaġh flimkien biex jibnu soċjetà aktar inklużiva, jappoġġjaw lil persuni vulnerabbli u jwieġbu għal sfidi tas-soċjetà” ⁽³²⁾. Fid-dawl tal-emerġenza klimatika u l-motivazzjoni ċara taż-żgħażaġh fl-UE, il-KESE jipproponi żieda sinifikanti fil-fondi disponibbli, u t-tneġġja ta' sottoprogramm immirat tal-**Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-Azzjoni Klimatika**, li jippermetti liż-żgħażaġh kollha interessati u lill-organizzazzjonijiet ospitanti jassistu l-inizjattivi tal-komunità fl-UE kollha għal azzjoni klimatika urġenti.

6.3. Il-KESE jitlob li jkun hemm żieda sinifikanti fil-finanzjament disponibbli fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, speċjalment għall-kooperazzjoni bejn il-gvernijiet lokali u s-soċjetà ċivili organizzata fl-iżvilupp ta' proġetti – ibbażati fil-komunità u li huma wkoll proprjetà tagħha – fil-qasam tat-trasport u l-enerġija b'livell baxx ta' karbonju. Il-KESE jinnota li l-finanzjament għall-klima jista' jkun saħansitra iktar ta' sfida matul l-irkupru ta' wara l-COVID-19 peress li d-disponibbiltà tas-sorsi pubbliċi u privati x'aktarx li se tonqos mentri t-talbiet għall-finanzjament qed ikomplu jiżdiedu.

6.4. Il-KESE jemmen li l-UE għandha tibda tinvesti f'dak li jagħmel is-sistema soċjoekonomika tagħna reżiljenti għall-kriżi, billi tistabbilixxi l-pedament għal ekonomija ekoloġika u ċirkolari li tkun ankrata f'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u mmirata lejn il-benesseri pubbliku. Issa huwa l-waqt li nintroduċu tibdil ekonomiku sistemiku u l-aħbar it-tajba hi li għandna pjan ta' azzjoni: l-Aġenda 2030 tan-NU (17 SGDs) flimkien mal-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽³¹⁾ L-Opinjoni tal-KESE dwar “L-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzjament għall-klima għal atturi mhux Statali” (ĠU C 110, 22.3.2019, p. 14) u l-istudju dwar Sett ta' għodod għal sħubijiet bejn diversi partijiet interessati relatati mal-klima Qafas ta' politika biex jiġu stimulat azzjonijiet klimatiċi minn isfel għal fuq (mhux disponibbli bil-Malti).

⁽³²⁾ https://europa.eu/youth/solidarity_mt

7. Aspett globali u ġeopolitiku

7.1. Il-kriżi tal-COVID-19 tfakkarna fir-rwol indispensabbli tal-elettriku f'ħajjitna u tenfasizza l-valur kritiku tal-infrastruttura tal-elettriku u l-għarfien dwaru. Il-kriżi tippovdi għarfien dwar kif dan ir-rwol huwa mistenni li jespandi u jevolvi fil-futur. Kif jistgħu t-Tranżizzjonijiet lejn Enerġija Nadifa jgħinu biex jagħtu bidu g'did lill-ekonomiji? Jistgħu jistabbilixxu aġenda ambizzjuża għal għanijiet ta' ħolqien tal-impjiegi u tibdil fil-klima: pereżempju, l-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija jista' jikkontribwixxi għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku huwa u jipproteġi wkoll il-klima. Il-gvernijiet, direttament jew indirettament, jixprunaw aktar minn 70 % tal-investimenti fl-enerġija globali. F'dan iż-żmien ta' kriżi, l-azzjonijiet tagħhom huma importanti aktar minn qatt qabel. L-orjentazzjonijiet tal-politiki jistgħu jidderieġu b'mod attiv l-investimenti relatati mal-enerġija fi triq aktar sostenibbli. Il-programmi ta' stimolu fl-industriji tal-enerġija għandhom jingħataw prijorità biex jappoġġjaw il-forzi tax-xogħol eżistenti, joħolqu impjiegi ġodda u jixprunaw it-tnaqqis fl-emissjonijiet.

7.2. Is-swieq taż-żejt globali qed jiffaċċjaw sitwazzjoni mingħajr preċedent; jista' jkun il-każ li jiżdied ferm il-pass – jew ikun hemm dewmien – għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli? B'mod ġenerali, prezzijiet taż-żejt baxxi (negattivi) irendu l-enerġija ekoloġika inqas kompetittiva, iżda, għall-esportaturi taż-żejt, prezz irħis ħafna jfisser inċentiv ekonomiku akbar biex isir investiment f'sorsi ta' enerġija rinnovabbli, filwaqt li l-investituri jistgħu mbagħad jinterpretaw dan il-pass bħala sinjal li l-marġnijiet taż-żejt se jkunu baxxi, u għalhekk iżidu l-kapital tagħhom frizorsi ekoloġiċi.

7.3. Il-KESE jemmen li l-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu jissalvagwardja l-kompetittività internazzjonali tal-UE u speċjalment tal-SMEs li qed jiffaċċjaw kompetizzjoni akbar minn ekonomiji emerġenti, fid-dawl tar-riskji tat-tranżizzjoni assoċjati ma' politiki mmirati lejn l-oġettiv mixtieq ta' newtralità karbonika, iżda li jista' jkollhom effetti sekondarji mhux mixtieqa f'termini ta' kompetittività internazzjonali.

7.4. Huwa ċar li l-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew se tipperikola l-interessi tal-importaturi tal-fjuwils fossili fil-UE, kemm fil-livell tal-kumpanija kif ukoll fil-livell tal-Istat. Il-KESE jemmen li l-UE għandha b'mod urġenti tiżviluppa reżiljenza għall-eskalazzjoni possibbli tal-isforzi kollha mhux tal-UE, ibbażati fl-interess biex jitnaqqas ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u biex jiġu żviluppatti mekkaniżmi aktar b'saħħithom biex jidentifikaw u jirrispondu għal dawk eżistenti.

7.5. Il-KESE jitlob li l-Ftehim ta' Pariġi jiddaħħal bħala klawżola essenzjali fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha tal-UE, u jitlob ukoll diplomazija attiva tal-UE dwar il-klima li tfittex li tindirizza t-tibdil fil-klima u l-konsegwenzi tiegħu fuq livell globali u l-adattament għalih, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tal-UE. L-UE għandha tindirizza kwistjonijiet relatati maż-żieda fl-ispejjeż tal-assigurazzjoni minħabba r-riskji fiżiċi li qegħdin jiżdiedu tat-tibdil fil-klima, l-implimentazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi u l-istabbiliment ta' prezz dinji għall-karbonju permezz ta' swieq tal-karbonju konnessi fil-livell globali.

7.6. Il-KESE jappoġġja l-proposti għal mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntiera, u jappella għal miżuri li jeliminaw l-ostakli għal prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija u b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u għall-promozzjoni ta' investimenti fl-enerġija rinnovabbli fil-ftehimiet kummerċjali.

Brussell, il-11 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

III

(Atti preparatorji)

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

**IL-552 SESSJONI PLENARJA TAL-KESE (+ TELEKONFERENZA PERMEZZ TA' INTERACTIO),
10.6.2020–11.6.2020**

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Unjoni għall-istandardizzazzjoni Ewropea għall-2020”

(COM(2019) 486 final)

(2020/C 311/05)

Relatur: **Gerardo LARGHI**

Korelatur: **Elżbieta SZADZIŃSKA**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 19.12.2019
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropa
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fis-sezzjoni	2.3.2020
Adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni	206/0/7
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni li l-istandardizzazzjoni hija essenzjali għall-istrateġija tas-suq uniku u li jeħtieġ tiġi aġġornata b'mod regolari.

1.2. Il-KESE jqis li s-sistema ta' standardizzazzjoni jeħtieġ li tiġi mmodernizzata b'mod urġenti biex twieġeb għall-isfidi globali bi proċess innovattiv ta' kooperazzjoni, għall-iżvilupp f'waqt ta' standards f'ambjent teknoloġiku li qed jevolvi malajr.

1.3. Il-KESE jqis li l-approċċ modulari l-ġdid ibbażat fuq ħtiġijiet trasversali (bħar-rispett tal-ambjent, il-Patt Ekoloġiku u l-ekonomija ċirkolari) jeħtieġ approċċ transsettorjali.

1.4. Il-KESE jinnota li l-programm ta' ħidma annwali għall-2020, minbarra li jiżviluppa u jintegra l-prijoritajiet identifikati qabel, jippreżenta wkoll objettivi ġodda.

1.5. Skont il-KESE, il-proċess ta' standardizzazzjoni jrid jibda mill-fażi ta' riċerka u żvilupp, bl-appoġġ tal-industrija, tar-rappreżentanti tal-SMEs u tal-ekonomija soċjali, tal-konsumaturi, tal-imsieħba soċjali, tal-ambjentalisti u tal-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili.

1.6. Il-KESE jqis li huwa importanti li jifassal qafas finanzjarju pluriennali biex jingħata segwitu għall-azzjonijiet konkreti previsti, permezz ta' appoġġ finanzjarju u organizzattiv għall-parteċipazzjoni inklużiva tal-organizzazzjonijiet u tar-rappreżentanzi l-aktar dgħajfa u daww b'inqas riżorsi.

1.7. Il-Kumitat jaqbel dwar l-importanza tal-intelliġenza artifiċjali (IA) għas-suq uniku u jqis li l-liġijiet attwali marbuta mas-sigurtà jeħtieġ li jiġu aġġornati. B'mod partikolari, l-istandardizzazzjoni fil-qasam tas-sikurezza teknoloġika jeħtieġ tinteġra l-*Linji Gwida Etiċi għal IA Affidabbli* li ġew żviluppati fl-2019 b'appoġġ għal IA ċċentrata fuq il-bniedem.

1.8. Il-Kumitat jitlob li l-Kriterji Ambjentali Minimi (KAM), isiru standards obligatorji fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi u li l-użu ta' materja prima sekondarja jiġi integrat mal-kriterji li għandhom jiġu promossi.

1.9. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-possibbiltà li jkun hemm talba ġdida ta' standardizzazzjoni għall-Internet tal-oġġetti, l-istandards dwar iċ-ċibersigurtà, biex jiġu protetti s-sigurtà, il-privatezza u l-konnettività.

1.10. Il-Kumitat jittama li "l-format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa Ewropej" jiggarrantixxi s-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi ta' informazzjoni permezz tal-iżvilupp ta' standards aktar avvanzati.

1.11. Il-KESE jinnota li l-funzjonament ħażin potenzjali tas-sistemi tal-vetturi awtonomi, is-sigurtà tad-*data*, l-attakki ċibernetiċi, il-komunikazzjoni u l-kwistjonijiet etiċi jeħtieġu l-iżvilupp ta' standards speċifiċi.

1.12. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir it-talba tal-Kummissjoni li jiġu żviluppati jew riveduti l-istandards armonizzati fis-setturi ewlenin bħall-ħarsien tal-ambjent, l-inklużjoni soċjali u s-suq uniku għall-oġġetti. Barra minn hekk, huwa jappoġġja l-proposta li jiġu żviluppati standards dwar ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' rkaptu tas-sajd tal-plastik, is-sigurtà tal-oġġetti pirotekniċi, il-livelli limiti ta' migrazzjoni ta' sustanzi kimiċi li jintużaw f'oġġetti għall-konsumatur soġġetti għal restrizzjonijiet, ir-rendimenti fl-użu tal-enerġija tal-muturi elettriċi u tal-apparat domestiku, il-fertilizzanti u l-bini. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lid-deċiżjoni li jsir investiment fir-riżorsi għall-armonizzazzjoni ta' teknoloġiji ta' produzzjoni fil-qasam tal-produzzjoni tal-azzar.

1.13. Il-Kumitat jirrakkomanda approċċ inklużiv għall-istandardizzazzjoni, inkluż għall-għanijiet relatati mal-impjegabbiltà, id-drittijiet soċjali, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ambjent. Il-KESE jemmen li dan se jiffaċilita t-tranżizzjoni mill-konformità għall-kompatibbiltà u huwa fattur tal-kompetittività pożittiv għas-sistema Ewropea.

1.14. Il-KESE jqis li l-prattika antika tal-obsoluxxenza programmata tal-prodotti għandha tintemm permezz tal-liġi u l-istandardizzazzjoni.

1.15. Il-Kumitat jappoġġja l-iżvilupp ta' standards li jippermettu lill-persuni b'diżabilità u lil daww illitterati fil-qasam diġitali jkollhom aċċess aħjar għall-prodotti u s-servizzi fis-suq uniku.

1.16. Il-Kumitat jesprimi l-appoġġ tiegħu għad-djalogu politiku mal-korpi internazzjonali għall-istandardizzazzjoni u n-negozjati bilaterali mal-pajjiżi barra mill-UE.

1.17. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir il-miżuri adottati mill-Kummissjoni biex tiġi appoġġjata l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fl-attivitatijiet ta' standardizzazzjoni.

1.18. Il-Kumitat jistieden lil daww kollha involuti jistabbilixxu forum ad hoc dwar l-inklużività tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni, bil-komputu li jorganizza seduta pubblika annwali biex jiġi vvalutat il-progress li jkun sar f'dan il-qasam.

1.19. Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni dwar l-identifikazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għall-istandardizzazzjoni fis-settur tad-difiża u fis-settur tal-isparju, u jaqbel mal-iżvilupp ta' standards fis-settur tal-ekonomija ċirkolari u ta' standards fis-settur tal-ekonomija soċjali.

1.20. Il-Kumitat jitlob li l-istandardizzazzjoni Ewropea titfassal f'lingwaġġ li jinftehem faċilment mill-utenti finali, bħall-SMEs u l-konsumaturi.

2. Proposti tal-Kummissjoni Ewropea

2.1. F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni li tispjega l-programm ta' ħidma annwali tal-UE għall-istandardizzazzjoni Ewropea fl-2020. Dan il-programm jiddeskrivi l-azzjonijiet li l-Kummissjoni beħsiebha tiegħu fl-2020 biex ittejjeb il-governanza, l-inklużività u l-impatt internazzjonali tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni.

2.2. Skont dan il-programm, il-prijoritajiet strateġiċi għall-istandardizzazzjoni Ewropea li jappoġġjaw il-leġislazzjoni u l-politiki tal-Unjoni, jinkludu dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

- azzjonijiet li jikkonċernaw ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' rkaptu tas-sajd tal-plastik ⁽¹⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw ir-rekwiżiti għall-ekodisinn, li jappoġġjaw l-atti ta' implimentazzjoni ⁽²⁾ marbuta ma' kategoriji speċifiċi ta' prodotti;
- azzjonijiet li jikkonċernaw l-oġġetti pirotekniċi u l-aħħar żviluppi teknoloġiċi fis-settur ⁽³⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw id-disinn, il-manifattura, l-installazzjoni, l-użu u l-verifika tal-prestazzjoni ta' kalibraturi ta' radjonuklidi ⁽⁴⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw it-tagħmir u s-sistemi ta' protezzjoni maħsuba biex jintużaw f'atmosfera potenzjalment splussiva, biex jitqiesu l-aħħar żviluppi teknoloġiċi ⁽⁵⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw il-fertilizzanti ⁽⁶⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-livelli limiti ta' migrazzjoni ta' sustanzi soġġetti għal restrizzjonijiet (idrokarburi aromatiċi poliċikliċi) fil-gomma u l-plastik li jintużaw fl-oġġetti għall-konsum ⁽⁷⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw il-lingwaġġ tekniku għall-prodotti tal-kostruzzjoni ⁽⁸⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw l-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità ⁽⁹⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà tal-prodotti u s-servizzi ⁽¹⁰⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw l-intelliġenza artifiċjali ⁽¹¹⁾, l-Internet tal-oġġetti (IoT) u ċ-ċibersigurtà ⁽¹²⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw l-iskambju ta' rekords mediċi elettroniċi fl-Ewropa;
- azzjonijiet li jikkonċernaw l-interoperabbiltà tas-sistemi kooperattivi li jkopru l-kategoriji ta' vetturi kollha;
- azzjonijiet li jikkonċernaw id-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni u ċ-ċibersigurtà li huma essenzjali għas-settur ferrovjarju ⁽¹³⁾;
- azzjonijiet li jikkonċernaw il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP) ⁽¹⁴⁾.

⁽¹⁾ Ara l-azzjonijiet u l-miżuri marbuta mal-irkaptu tas-sajd fl-istrateġija Ewropea għall-plastik fl-ekonomija ċirkolari (COM(2018) 28 final) u l-azzjoni 13 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽²⁾ Ara d-dettalji tal-azzjonijiet 1 sa 3 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽³⁾ Ara l-azzjoni 7 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽⁴⁾ Ara l-azzjoni 8 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽⁵⁾ Ara l-azzjoni 6 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽⁶⁾ Ara l-azzjoni 5 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽⁷⁾ Ara l-azzjoni 4 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽⁸⁾ Ara l-azzjoni 9 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽⁹⁾ Ara l-azzjoni 11 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽¹⁰⁾ Ara l-azzjoni 12 fl-Anness ta' din il-Komunikazzjoni.

⁽¹¹⁾ COM(2018) 237 final.

⁽¹²⁾ COM(2017) 477 final.

⁽¹³⁾ Ara l-azzjoni 10 fl-Anness ta' din il-komunikazzjoni.

⁽¹⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1092.

2.2.1. Barra minn hekk, il-Kummissjoni beħsiebha:

- tkompli l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għall-istandardizzazzjoni;
- tikkoopera fir-rigward tal-istandardizzazzjoni bħala kwistjoni prijorarja li għandha tiġi indirizzata fil-ftehimiet kummerċjali (maċ-Ċina, Singapor, l-Awstralja, in-New Zealand, l-Indoneżja, il-Mercosur, eċċ.) bil-għan li jtkattru l-kummerċ u tissaħħa il-kompetittività, l-impjiegi u t-tkabbir fl-Ewropa;
- tkompli tippromovi l-proċess ta' governanza bil-mezzi kollha xierqa għad-dispożizzjoni tagħha, b'mod partikolari permezz tal-Kumitat dwar l-istandards, il-pjattaforma multilaterali dwar l-istandardizzazzjoni tal-ICT u d-djalogu strutturali mal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni;
- tkompli tappoġġja l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati li jirrappreżentaw l-SMEs, il-konsumaturi, l-għaqdiet ambjentali u t-trejdjunjins fil-proċess ta' standardizzazzjoni (l-"organizzazzjonijiet" ⁽¹⁵⁾ fl-Anness III ⁽¹⁶⁾);
- tivvaluta l-impatt tal-"programm marbut mas-suq uniku" ⁽¹⁷⁾ permezz ta' valutazzjonijiet ta' nofs it-terminu u finali kif ukoll bil-monitoraġġ kontinwu ta' sett ta' indikaturi tal-prestazzjoni essenzjali ta' livell għoli;
- tnedi studju fl-2019 dwar il-funzjonijiet u l-effetti tal-istandardizzazzjoni u l-istandards Ewropej fl-UE li r-riżultati tiegħu se jkunu disponibbli fl-2021.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-Kumitat jaqbel mal-Kummissjoni li l-istandardizzazzjoni hija essenzjali għall-istrateġija tas-suq uniku.

3.2. Il-KESE jqis li l-istandards tekniċi ta' sikurezza u l-istandards legali għandhom jiġu aġġornati b'mod regolari, b'mod partikolari fid-dawl tar-riskji li jistgħu jgħibu magħhom it-teknoloġiji avvanzati.

3.3. Il-KESE jqis li, minbarra l-konformità mitluba li tinkludi l-kunċett tar-rispett tal-istandards u ta' prestazzjoni (effikaċja, haġja operattiva, eċċ.), għandu jiġi stabbilit approċċ modulari bbażat fuq ħtiġijiet trasversali (bħar-rispett tal-ambjent, il-Patt Ekoloġiku, l-ekonomija ċirkolari). Għalhekk, il-Kummissjoni għustament aġġornat l-approċċ tagħha, kif indikat fil-Patt Ekoloġiku u l-programm ta' ħidma globali tagħha għall-2020.

3.4. Il-KESE jaqbel – għal darb'oħra ⁽¹⁸⁾ – dwar l-urġenza li ssir modernizzazzjoni effettiva u effiċjenti fis-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni, u jqis li hija indispensabbli viżjoni komuni u azzjoni konkreta biex jindirizzaw, dejjem fuq bażi volontarja, l-isfidi globali tal-istandardizzazzjoni bi proċess innovattiv ta' kooperazzjoni bbażat fuq il-kunsens dwar żvilupp f'waqtu ta' standards f'ambjent teknoloġiku li qed jevolvi malajr.

3.5. Il-KESE jinnota li l-programm ta' ħidma annwali għall-2020, minbarra li jiżviluppa u jintegra l-prijoritajiet identifikati qabel biex is-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni tiġi adattata għal kuntest internazzjonali dejjem jinbidel u għall-isfidi tas-suq globali, jippreżenta wkoll objettivi ġodda.

3.6. Skont il-KESE, il-proċess ta' standardizzazzjoni jrid jibda mill-fażi ta' riċerka u żvilupp, permezz ta' miżuri ta' kostandardizzazzjoni u prestandardizzazzjoni u t-tisħiħ tal-mekkaniżmi għat-trasferiment tal-istandards Ewropej fil-livell internazzjonali, iżda biss bl-appoġġ tal-industrija, tar-rappreżentanti tal-SMEs u tal-ekonomija soċjali, tal-konsumaturi, tal-imsieħba soċjali, tal-ambjentalisti u tal-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili.

⁽¹⁵⁾ Standards għall-impriżi żgħar (Small Business Standards), l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentanza tal-Konsumaturi fl-Istandardizzazzjoni (ANEC), il-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions (ETUC) u l-Organizzazzjoni Ambjentali taċ-Ċittadini Ewropej fil-qasam tal-Istandardizzazzjoni (ECOS).

⁽¹⁶⁾ Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea.

⁽¹⁷⁾ COM(2018) 441 final.

⁽¹⁸⁾ ĠU C 376, 22.12.2011, p. 69.

3.7. Il-KESE jitlob li l-imsieħba kollha jaħdmu lejn koordinazzjoni rapida u effikaċi tas-sistemi Ewropej ta' referenza varji ta' programmazzjoni, żvilupp u monitoraġġ.

3.8. Huwa importanti li jtfassal qafas finanzjarju pluriennali adatt biex jingħata segwitu għall-azzjonijiet konkreti previsti⁽¹⁹⁾, filwaqt li jingħata appoġġ finanzjarju u organizzattiv favur il-parteċipazzjoni inklużiva tal-organizzazzjonijiet u r-rappreżentazzjonijiet iktar dgħajfa u b'inqas riżorsi għalihom, flimkien ma' azzjonijiet għall-iżvilupp ta' standards tekniċi-regolatorji, "sensibilizzazzjoni, edukazzjoni u fehim" u għal inklużività "Ewropeja" u "fid-dimensjoni internazzjonali".

3.9. Il-Kumitat jappoġġja l-iżvilupp ta' standards fis-settur tal-ekonomija ċirkolari, bl-għan ta' kontribut deċiżiv li jappoġġja produzzjoni sostenibbli u, għalhekk, il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali⁽²⁰⁾ u l-preservazzjoni tal-bijodiversità kollha.

3.10. Barra minn hekk, il-Kumitat jitlob l-iżvilupp ta' standards fis-settur tal-ekonomija soċjali, bil-għan li tinxtered l-aħħar Prattika u li jissaħħaħ il-potenzjal soċjali u ekonomiku ta' dan is-settur tant importanti għall-ekonomija tagħna.

3.11. Il-Kumitat jitlob li l-Kriterji Ambjentali Minimi (KAM), isiru standards obbligatorji fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi u li l-użu ta' materja prima sekondarja jiġi integrat mal-kriterji li għandhom jiġu promossi.

3.12. Il-Kumitat jaqbel dwar l-importanza tal-IA għas-suq uniku u jqis li r-regoli u l-liġijiet attwali dwar is-sigurtà għandhom jiġu aġġornati biex iwiegħbu għar-riskji l-ġodda li toħloq l-IA billi jiġu integrati l-*Linji Gwida Etiċi għal IA Affidabbli* żviluppati fl-2019 u li jappoġġjaw IA ċċentrata fuq il-bniedem.

3.13. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-possibbiltà ta' talba ġdida għall-istandardizzazzjoni tal-Internet tal-oġġetti u taċ-ċibersigurtà għall-protezzjoni tas-sigurtà, tal-privatezza u tal-konnettività.

3.14. Il-Kumitat jittama li "l-format tal-iskambju tar-Records Elettroniċi tas-Saħħa Ewropej" jiggarrantixxi s-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi ta' informazzjoni permezz tal-iżvilupp ta' standards aktar avvanzati.

3.15. Il-karozzi awtonomi jagħmlu wkoll parti minn dawk il-prodotti b'riskju għoli u jirrikjedu l-iżvilupp ta' standards speċifiċi.

3.16. Il-Kumitat jilqa' bi pjaċir it-talba tal-Kummissjoni, b'mod konsistenti mal-għażla li tappoġġja Patt Ekoloġiku Ġdid, li jiġu żviluppati u aġġornati l-istandards armonizzati f'setturi ewlenin b'has-suq uniku, it-teknoloġiji tal-produzzjoni tal-azzar, is-setturi tad-difiża u tat-teknoloġija tal-ispazju, il-ħarsien tal-ambjent u l-inklużjoni soċjali. Il-Kumitat jappoġġja l-proposta li jiġu żviluppati standards għar-riċiklaġġ u għall-użu mill-ġdid ta' rkaptu tas-sajd tal-plastik, is-sigurtà tal-oġġetti pirotekniċi, il-livelli limiti ta' migrazzjoni ta' sustanzi kimiċi li jintużaw f'oġġetti għall-konsumatur soġġetti għal restrizzjonijiet, ir-rendimenti fl-użu tal-enerġija tal-muturi elettriki u tal-apparat domestiku, il-fertilizzanti u l-bini.

3.17. Il-KESE jinnotta li l-obsolexxenza programmata tal-prodotti tħalli impatt negattiv ta' madwar EUR 100 biljun kull sena fuq il-konsumaturi. Din il-prattika għandha tiġi projbita bil-liġi u tintemm permezz tal-istandardizzazzjoni.

3.18. Il-Kumitat jappoġġja l-iżvilupp ta' standards li jippermettu lill-persuni b'diżabilità jkollhom aċċess aħjar għall-prodotti u s-servizzi fis-suq uniku. Il-Kumitat jenfasizza li l-istandardizzazzjoni speċifika għad-diżabilitajiet għandha tkopri wkoll l-istandards relatati mal-impjegi u l-inklużjoni soċjali.

3.19. Il-Kumitat jesprimi l-appoġġ tiegħu għad-djalogu politiku mal-korpi internazzjonali għall-istandardizzazzjoni u n-negozjati bilaterali mal-pajjiżi barra mill-UE.

⁽¹⁹⁾ Ara l-Anness tal-Inizjattiva Konġunta dwar l-Istandardizzazzjoni skont l-Istrateġija għal Suq Uniku, disponibbli fuq is-sit web li ġej: <https://ec.europa.eu/transparency/regdoc/rep/3/2016/MT/3-2016-3211-MT-F1-1-ANNEX-1.PDF>.

⁽²⁰⁾ ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98; ĠU C 367, 10.10.2018, p. 97; ĠU C 283, 10.8.2018, p. 61 u ĠU C 62,15.2.2019, p. 207.

3.20. Il-Kumitat itenni t-talba tiegħu li jiġu mmonitorjati l-inizjattivi tal-atturi ewlenin involuti fil-proċess ta' standardizzazzjoni li għandhom l-għan li jinvolvu l-firxa l-aktar wiesgħa ta' partijiet interessati fis-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni. Il-KESE jipproponi li, b'mod partikolari, jiġu mħeġġa miżuri għat-tixrid, il-koordinazzjoni u l-fehim dwar il-problema tal-istandards, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' forum ad hoc dwar l-inklużività tas-sistema ta' standardizzazzjoni Ewropea, sabiex kull sena jivvaluta l-progress li jkun sar f'dan il-qasam.

3.21. Il-KESE jiġbed l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar l-impatt li l-għażliet marbuta mal-istandardizzazzjoni jista' jkollhom fuq il-ħajja soċjali, l-aspetti bħall-mobilità, kif ħareġ mid-djalogu bejn il-Kummissjoni u l-partijiet interessati. Għal din ir-raġuni, jappella li f'dan l-aspett delikat id-djalogu ma għandux ifalli u li minflok titkompla l-ħidma konġunta mal-korpi Ewropej u l-partijiet interessati kollha.

3.22. Il-Kumitat jitlob li jitqies kemm l-impatt li l-aċċessibilità tal-istandards jista' jkollha fuq dawk in-nies li huma inqas ippreparati għal żviluppi ġodda, bħal xi wħud mill-anzjani u l-persuni illiterati fil-qasam diġitali, kif ukoll l-implikazzjonijiet ekonomiċi li dan il-fenomeno għandu fir-rigward tal-SMEs.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Fir-rigward tal-"ekodisinn" ⁽²¹⁾, huwa importanti li jiġu żviluppatti proċeduri ta' referenza xierqa, li jiddefinixxu r-rekwiżiti tekniċi u li jipprovdu, fi żmien qasir, l-ewwel punt ta' riferiment volontarju għal kwistjonijiet ġodda, li għandhom ma g'ewx ikkonsolidati mill-istandardizzazzjoni tekniċa.

4.2. Il-Kummissjoni fil-kuntest tal-pjan ta' ħidma 2016/2019 ⁽²²⁾ dwar l-ekodisinn u t-tikkettar enerġetiku ⁽²³⁾ ħarġet serje ta' regolamenti ⁽²⁴⁾. Għal dawn il-prodotti kollha, hemm fis-seħħ aktar minn 40 proċess marbuta mal-mandati ta' standardizzazzjoni.

4.3. Il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni ⁽²⁵⁾ li tipprovi gwida biex tgħin lill-industrija tilħaq ftehimiet volontarji, bħala alternattiva u b'appoġġ għar-regolamentazzjoni u li tipprevedi klawżoli ta' rieżami. Matul ir-rieżami huwa importanti li jiġu inkorporati l-aspetti marbuta mal-ekonomija ċirkolari, l-effiċjenza fir-riżorsi, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riċiklabbiltà u l-ħajja operattiva.

4.4. **Inklużività.** Il-KESE jerġa' jenfasisza "l-importanza li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-proċess ta' standardizzazzjoni għall-SMEs u l-partijiet interessati tas-soċjetà (...)" u li jsir "segwitu komprensiv tal-isforzi tal-atturi prinċipali tal-istandardizzazzjoni, u dan sabiex tissaħħa id-dimensjoni tal-inklużività tas-Sistema Ewropea ta' Standardizzazzjoni" ⁽²⁶⁾. Il-Kumitat iqis li l-avveniment organizzat mill-KESE fil-5 ta' Novembru 2019 dwar l-inklużività tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni bħala eżempju ta' kooperazzjoni u djalogo kostruttiv bejn l-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati.

4.5. **Appoġġ għall-istandards Ewropej fuq livell dinji.** Hemm bżonn ta' impatt, kapacià ta' rappreżentanza, kompetenza u koerenza akbar speċjalment fl-uffiċċji tal-ISO/IEC/ITU b'mod partikolari għall-intrapriżi ż-żgħar, il-konsumaturi u l-ambjent – u fil-fora multilaterali u ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

4.5.1. F'konformità mal-approċċ tal-Kumitat fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari, il-KESE jqis li anke l-għażla li tappoġġja l-armonizzazzjoni tal-politiki dwar il-mobilità hija pass importanti lejn mobilità sostenibbli fl-Ewropa ⁽²⁷⁾.

4.6. Il-KESE jqis li l-kwistjoni tal-ħeffa li biha jiġu indirizzati l-bżonnijiet tas-sistema produttiva Ewropea fil-qasam tal-istandardizzazzjoni hija kruċjali. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jitkompla l-irkupru mid-dewmien strutturali akkumulat fejn jidħlu l-metodi ġodda ta' ħidma.

⁽²¹⁾ Punti 1/2/3 tal-Anness COM 486, previst mid-Direttiva 2005/32/KE, riformulata fid-Direttiva 2009/125/KE.

⁽²²⁾ COM(2016) 773 final.

⁽²³⁾ Bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/125/KE.

⁽²⁴⁾ Ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2019/2013, (UE) 2019/2014, (UE) 2019/2015, (UE) 2019/2016, (UE) 2019/2017, (UE) 2019/2018, (UE) 2019/2019, (UE) 2019/2020, (UE) 2019/2021, (UE) 2019/2022, (UE) 2019/2023, (UE) 2019/2024 (ĠU L 315, 5.12.2019).

⁽²⁵⁾ C(2016) 7770.

⁽²⁶⁾ ĠU C 303, 19.8.2016, p. 81.

⁽²⁷⁾ ĠU C 62, 15.2.2019, p. 254.

4.7. Il-Kumitat jaqbel dwar l-oqsma strateġiċi identifikati mill-Kummissjoni, jiġifieri l-intelliġenza artifiċjali, l-Internet tal-oġġetti, il-blockchain, iċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastruttura kritika, bħan-netwerks ta' komunikazzjoni u trasport, l-aċċessibbiltà, l-ġhajjnuna fil-bini ta' sistemi ta' skambju diġitali siguri fis-settur tas-saħħa fil-livell Ewropew (Saħħa elettronika).

4.8. Il-KESE jtenni dak li sostna diversi drabi dwar il-bżonn urġenti li jkun hemm negozjati kontinwi mal-kompetituri internazzjonali l-oħrajn. Il-konklużjoni tal-ftehim internazzjonali mal-Ġappun, u d-djalogu previst li jkompli mal-Istati Uniti u ċ-Ċina, il-Ftehim ta' Kummerċ Fieles mal-Awstralja, in-New Zealand, l-Indoneżja u l-pajjiż tal-Mercosur għandhom ikunu l-pilastri tal-azzjoni tal-Kummissjoni għall-2020 u s-snin ta' wara.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta’ armi (Kodifikazzjoni)”

(COM(2020) 48 final — 2020/0029 (COD))

(2020/C 311/06)

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 9.3.2020 Kunsill, 27.2.2020
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	210/0/4

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li barra minn hekk diġà ta fehmtu fl-Opinjoni tiegħu CES 1166/1987 ⁽¹⁾, CESE 1157/2006 ⁽²⁾ u CESE 6789/2015 ⁽³⁾, iddeċieda, matul il-552 sessjoni plenarja tiegħu tal-10 u tal-11 ta’ Ġunju 2020 (seduta tal-10 ta’ Ġunju), b’210 voti favur u 4 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti imsemmija.

Brussel, l-10 ta’ Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁾ ĠU C 35, 8.2.1988, p. 5.

⁽²⁾ ĠU C 318, 23.12.2006, p. 83.

⁽³⁾ ĠU C 264, 20.7.2016, p. 77.

Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1628 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tranżitorji tiegħu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19”

(COM(2020) 233 final — 2020/0113 (COD))

(2020/C 311/07)

Relatur: **Gerardo LARGHI**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 8.6.2020 Parlament Ewropew, 17.6.2020
Bażi legali	Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum
Deċiżjoni tal-Bureau	9.6.2020
Adottata fil-plenarja	11.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	226/0/2

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

- 1.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Proposta għal Regolament, li fil-fehma tiegħu hija rispons adatt u proporzjonat għall-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19.
- 1.2. Il-Proposta tissodisfa l-għan doppju li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà pubblika u protezzjoni ambjentali.

2. Il-kontenut tal-proposta tal-Kummissjoni

- 2.1. Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ jistabbilixxi limiti ġodda tal-emissjonijiet (“Stadju V”) li huma maħsuba biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja mill-magni tal-makkinarju mobbli mhux tat-triq, u jistabbilixxi limitu ta' żmien għal din it-tranżizzjoni.
- 2.2. Il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat tfixkil kbir fil-katina tal-provvista, li kellu impatt fuq il-kapaċità tal-manifatturi ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq li li jilhqax xi wħud mid-dati ta' skadenza imposti mir-Regolament.
- 2.3. Il-Proposta għandha l-għan li tipposponi bi 12-il xahar id-dati tal-produzzjoni u r-rilaxx fis-suq ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq u tratturi mgħammra b'magni ta' tranżizzjoni, u b'hekk tgħin lill-manifatturi jindirizzaw tfixkil li ma setax jiġi previst.

3. Kummenti ġenerali

- 3.1. Il-KESE jtenni l-konvizjoni tiegħu li t-tnaqqis tal-emissjonijiet dannużi tal-monossidu tal-karbonju, l-ossidi tan-nitroġenu, l-idrokarburi u l-partikolati mill-magni ta' tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija huwa pass indispensabbli biex jintlaħqu l-livelli tal-UE rigward il-kwalità tal-arja.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/1628 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-reqwiziti relatati mal-limiti tal-emissjonijiet ta' inkwinanti gassużi u partikolati u l-approvazzjoni tat-tip għall-magni b'kombustjoni interna għal makkinarju mobbli mhux tat-triq, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1024/2012 u (UE) Nru 167/2013, u li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 97/68/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 53) – Opinjoni tal-KESE (ĠU C 251, 31.7.2015, p. 31).

3.2. Fl-Opinjoni tiegħu ⁽²⁾ dwar ir-Regolament (UE) 2016/1628, il-KESE rrakkomanda l-approvazzjoni mill-iżjed fis tar-Regolament il-ġdid, minħabba t-tħassib serju dwar is-saħħa pubblika fir-rigward tan-nanopartiċelli li jirriżultaw mill-proċessi ta' kombustjoni u l-livell għoli ta' protezzjoni li jista' jinkiseb bl-implimentazzjoni tal-Istadju V proposta għall-magni ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq.

3.3. Madankollu, il-KESE jagħraf sew li l-kriżi tal-COVID-19 ħolqot ċirkostanzi eċċezzjonali li għandhom impatt fuq għadd ta' oqsma. B'mod partikolari, il-kriżi wasslet għal interruzzjonijiet totali fil-provvista ta' spare parts u komponenti, u b'hekk il-manifatturi tħallew b'ħażniet ta' magni u bi prodotti mhux lesti.

3.4. B'hekk, ħafna manifatturi tal-magni u tal-makkinarju mhux se jkunu jistgħu jissodisfaw l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament mingħajr ma jsofru dannu ekonomiku serju.

3.5. Barra minn hekk, il-KESE huwa għalkollox konxju mill-fatt li l-kriżi ma kenitx u ma setgħetx tiġi prevista.

3.6. Għalhekk, il-KESE jappoġġja l-estensjoni ta' sena prevista fil-proposta li, skont il-KESE, hija miżura raġonevoli u proporzjonata biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u livell għoli ta' sigurtà pubblika u protezzjoni ambjentali.

Brussell, il-11 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽²⁾ ĠU C 251, 31.7.2015, p. 31.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża”

(COM(2020) 22 final — 2020/0006 (COD))

u dwar “Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta’ Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi”

(COM(2020) 23 final — 2018/0196 (COD))

(2020/C 311/08)

Relatur: **Ester VITALE**

Korelatur: **Petr ZAHRADNÍK**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 23.1.2020 Parlament Ewropew, 29.1.2020
Bażi ġuridika	L-Artikoli 175(3) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	13.5.2020
Adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	210/1/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE huwa konvint ħafna li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jirrappreżenta l-ewwel strument tanġibbli li jikkontribwixxi għall-mira ambizzjuża ħafna tan-newtralità tal-karbonju sal-2050, u huwa kompatibbli mal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

1.2. Il-KESE huwa mħasseb li l-investment ipplanat għat-tranżizzjoni ġusta ma jikkorrispondix mal-Patt Ekoloġiku ambizzjuż tal-Kummissjoni Ewropea u jemmen li għandhom jifittxu riżorsi addizzjonali permezz ta’ żieda fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali, jew billi jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda jew billi tiżdied il-kontribuzzjoni mill-Istati Membri. Jeħtieġ li l-UE turi livell ta’ ambizzjoni li jirrifletti l-isfida tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jeħtieġ li tiġi allokata medja ta’ 40 % tal-baġit globali tagħha (QFP 2014-2020) għal dan l-għan;

1.3. Il-KESE jirakkomanda li jiġi speċifikat b’mod aktar preċiż il-qafas finanzjarju tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, peress li EUR 30 biljun biss huma garantiti, skont il-proposta, u l-bqija huwa bbażat fuq deċizzjoni volontarja li tittieħed mill-Istati Membri. Il-KESE mhuwiex konvint li l-qafas finanzjarju huwa bbażat fuq approċċ konservattiv u prekondizzjonijiet.

1.4. Il-KESE huwa konxju li s-suċċess tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (u l-Pjan kollu ta’ Investment għal Ewropa Sostenibbli) jiddependi fuq sħubija ġdida bejn is-settur privat u dak pubbliku f’termini ta’ finanzjament kif ukoll ta’ responsabbiltajiet kondiviżi. Hemm bżonn ta’ patt ġdid bejn is-settur pubbliku u dak privat, inklużi l-atturi kollha fl-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali, li jiddefinixxi l-finanzjament u r-responsabbiltajiet kondiviżi. Peress li l-ħtieġa finanzjarja tal-Patt Ekoloġiku Ewropew hija enormi u s-sorsi baġitarji komuni tal-UE huma pjuttost limitati, ir-rwol tas-settur privat ser ikun sostanzjali. L-NGOs għandhom ikunu strumentali biex jiggwidaw l-użu tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta b’mod li jinkludi bis-sħiħ il-gruppi kollha fis-soċjetà, u li jimxi id f’id mat-titjib tal-aċċessibbiltà għall-persuni b’diżabilità u l-persuni anzjani.

1.5. Il-KESE jaqbel mal-approċċ olistiku li jqis id-dimensjoni ekonomika, soċjali, industrijali u teknoloġika tal-proċess ta' trasformazzjoni lejn ekonomija newtrali, bl-involvement tal-atturi lokali, l-imsieħba soċjali u l-NGOs. L-imsieħba soċjali għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji għal tranżizzjoni ġusta. It-trejdjunjins għandhom ikunu preżenti fl-istadji kollha tal-proċess ta' tranżizzjoni ġusta sabiex jiproteġu l-interessi tal-ħaddiema fl-livelli differenti.

1.6. Il-KESE jittama li d-djalogu bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri relatat mas-Semestru Ewropew jinkludi l-involvement attiv u sostanzjali tal-imsieħba soċjali u l-NGOs.

1.7. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-pjani territorjali u kwalunkwe programm speċifiku għandhom jiġu segwiti minn kumitati ta' sorveljanza bl-istess regoli bħal dawk stabbiliti fir-Regolament li jistipula dispożizzjonijiet komuni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li l-pjani territorjali u kwalunkwe programm speċifiku tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jkollhom l-involvement sħiħ u sostanzjali tal-imsieħba soċjali u l-NGOs.

1.9. Il-KESE jilqa' bi pjaċir il-flessibilità fir-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat u l-konsegwenzi impliċiti mistennija, li għandhom jirriflettu wkoll l-importanza tal-Patt Ekoloġiku, partikolarment fl-Istati Membri u r-reġjuni intensivi fl-użu tal-faħam u l-karbonju. L-ġhajjnuna mill-Istat, speċjalment l-ġhajjnuna ekoloġika mill-Istat, għandha tassisti lit-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u inklużiva, b'konċessjoni kontinwa u aktar ambizzjuża għall-użu tal-ġhajjnuna mill-Istat biex jiġi promoss l-impjeg fost dawk li spiss jinqatgħu mis-suq tax-xogħol miftuħ, bħall-persuni b'diżabilità.

1.10. Billi l-iżvilupp sostenibbli u l-azzjoni klimatika għandhom impatt pożittiv fuq l-infiq pubbliku u jeliminaw għadd ta' esternalitajiet negattivi (is-saħħa, riabilitazzjoni, ir-rikostruzzjoni, eċċ.), l-investiment pubbliku għall-protezzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima għandhom jiġu esklużi mir-restrizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà. Issa huwa aktar importanti minn qatt qabel fid-dawl ta' din il-kriżi mingħajr preċedent. Il-COVID-19 jista' jkollha impatt kbir fuq iċ-ċittadini tal-UE, is-saħħa tagħhom u l-ekonomija b'mod ġenerali.

1.11. Attwalment, il-pandemija tal-COVID-19 tirrappreżenta l-ewwel prijorità; qed tnaqqar il-ħajja soċjali u ekonomika tagħna, u qed tinfluwenza wkoll il-politika fiskali attwali u futura tal-UE. B'mod parallel, qed toħloq inċertezza bla preċedent li tista' konsegwentement twassal għal bidla b'saħħitha fl-orjentazzjoni u l-allokazzjoni tal-baġit tal-UE. L-aktar dokumenti reċenti tal-Kummissjoni jipproponu u jirrakkomandaw l-allokazzjoni tal-parti li jifdal tar-riżorsi baġitarji disponibbli tal-UE għall-2014-2020 b'mod predominanti biex jittaffew il-konsegwenzi tal-pandemija. Il-KESE ser jirrispetta kwalunkwe bidla raġonevoli meħtieġa fin-negożjati tal-QFP li jmiss li tista' tgħin issolvi s-sitwazzjoni fatali.

1.12. "Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-KE "Next Generation EU" biex jissaħħaħ il-mekkaniżmu ta' tranżizzjoni b'reazzjoni għall-kriżi u l-proposta l-ġdida tagħha għall-baġit li jmiss fit-tul tal-UE.

1.13. Il-KESE jilqa' l-possibilità li l-Istati Membri jistabbilixxu programm speċifiku għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Il-KESE jirrispetta u jappoġġja r-rwol importanti tar-reġjuni fil-proċess ta' programmar, governanza u implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Barra minn hekk, il-KESE jirrakkomanda li jitqiesu l-livelli differenti ta' thejġija fl-Istati Membri u r-reġjuni għat-tranżizzjoni għan-newtralità karbonika, kif ukoll il-potenzjal differenti għall-produzzjoni ta' enerġija nadifa fl-UE. Għandhom jitqiesu wkoll l-attitudnijiet differenti taċ-ċittadini fl-Istati Membri u r-reġjuni biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-protezzjoni tal-klima.

1.14. Il-KESE japprezza ħafna l-pubblikazzjoni ta' lista ta' proġetti sostenibbli, bil-ħsieb li jiġu kondiviżi l-aħjar Prattiki. L-appoġġ ipprovdut minn awtoritajiet maniġerjali partikolari għandu wkoll jiġi ppubblikat, sabiex jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet li jiffavorixxu l-investiment. Dan ser iżid it-trasparenza u jevita r-riskju ta' informazzjoni mhux uniformi.

1.15. Il-KESE jindika l-ħtieġa li tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn il-miżuri ffinanzjati mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u dawk kofinanzjati mill-InvestEU taħt il-Pilastru 2 u mill-faċilità ta' self tas-settur pubbliku taħt il-Pilastru 3 tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

1.16. Il-KESE jwissi li jeħtieġ li jinstab bilanċ tajjeb bejn il-miżuri ta' ristrutturar ekonomiku u l-miżuri li jiżguraw il-protezzjoni u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema affettwati mill-proċessi ta' tranżizzjoni.

1.17. Is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija essenzjali biex jiġu appoġġjati l-proċessi ta' tranżizzjoni. Il-KESE jirrakkomanda li jiżdedu r-riżorsi għall-politika ta' koeżjoni biex tissaħħaħ u terġa' titnieda s-sistema tal-edukazzjoni sekondarja u universitarja permezz ta' linji gwida xjentifiċi u teknoloġiċi mmirati u orjentati lejn il-bżonnijiet attwali.

1.18. Il-KESE jittama li parti sostanzjali tar-riżorsi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tkun iddedikata sabiex jiġu ġġenerati investimenti li jeħtieġu l-ħaddiema biex jakkumpanjaw it-tranżizzjoni bejn impjeg u ieħor. Jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll bilanċ bejn l-investment fit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li jiċċaqilqu għal forom ġodda ta' impjeg aktar ekoloġiku, u t-tħejjija ta' dawk fil-komunitajiet affettwati li għadhom kif daħlu fis-suq tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa għall-forom ta' xogħol emerġenti. Għandha ssir enfasi partikolari fuq li jiġi appoġġjat l-impjeg ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol bħaż-żgħażaġh u l-persuni b'diżabbiltà.

2. Sfond

2.1. Il-Kummissjoni Ekonomika ppreżentat il-viżjoni strateġika fit-tul tagħha għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima sal-2050. Kif ġie stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni tippromovi Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta li jiżded mal-proposti leġiżlattivi u baġitarji li diġà ġew ippreżentati għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027. Bejn l-2021 u l-2027 ser jitqassam pakkett ta' EUR 100 biljun għall-Mekkaniżmu kollu ta' Tranżizzjoni Ġusta biex jappoġġja u jiffaċilita l-konverżjoni ta' attivitajiet li jikkawżaw emissjonijiet li jagħmlu l-ħsara, it-tnaqqis fil-konsum tal-faħam fossili, il-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u t-tranżizzjoni lejn teknoloġiji aktar nodfa fis-setturi kollha tal-produzzjoni. Il-Fond ser ikollu baġit inizjali ta' EUR 7,5 biljun, li għandu jiżded sa massimu ta' EUR 100 biljun permezz tal-kofinanzjament nazzjonali, tal-fergħa finanzjarja tal-InvestEU u tal-Bank Ewropew tal-Investment.

2.2. Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta fih tliet pilastri:

- Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, implimentat fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni. Il-Fond inħoloq permezz ta' regolament apposta li jistipula l-għanijiet speċifiċi tiegħu, l-estensjoni ġeografika tiegħu, il-metodu li għandu jiġi segwit biex jiġu allokati r-riżorsi finanzjarji u l-kontenut tal-pjani territorjali għal tranżizzjoni ġusta, li huma meħtieġa biex jiġi sostnut l-ipprogrammar. Prinċipalment, il-Fond ser jagħti sussidji lir-reġjuni biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema, billi jgħinjom, pereżempju, jiksbu ħiliet u kompetenzi li jistgħu jintużaw fis-suq tax-xogħol tal-futur, l-SMEs, l-istart-ups u l-inkubaturi ta' intrapriżi li joperaw biex joħlqu opportunitajiet ekonomiċi ġodda f'dawn ir-reġjuni. Ser jappoġġja wkoll l-investimenti fit-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa, inklużi fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.
- Skema ddedikata taħt l-InvestEU, li tkopri proġetti relatati mal-infrastruttura tal-enerġija u t-trasport, inkluża l-infrastruttura tal-gass u t-tisħin distrettwali, kif ukoll il-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni.
- Strument ta' self lis-settur pubbliku, implimentat mill-BEI biex jipprovdi riżorsi finanzjarji lill-awtoritajiet lokali għar-reġjuni kkonċernati. Il-baġit tal-UE jista' jiġi kkomplementat minn sussidju tar-rata tal-imgħax jew sussidju għall-investment flimkien ma' self mogħti mill-BEI.

2.3. Ser jiġu lliberati riżorsi pubbliċi u privati addizzjonali u hemm previsti standards settorjali dwar l-għajnuna mill-Istat, sabiex jiġi ffaċilitat l-użu ta' fondi nazzjonali għal proġetti konsistenti mal-għanijiet tat-tranżizzjoni ġusta.

2.4. Il-pariri u l-assistenza teknika għar-reġjuni ser ikunu parti integrali mill-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta.

2.5. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ser ikun soġġett għal skema ta' ġestjoni kondiviża u ser ikun disponibbli għall-Istati Membri kollha. L-allokazzjonijiet ser iqisu l-isfidi minħabba t-tranżizzjoni li għandhom iħabtu wiċċhom magħhom ir-reġjuni bl-ogħla emissjonijiet tal-karbonju, u l-isfidi soċjali li jirriżultaw mit-telf potenzjali tal-impjegi.

2.6. L-Istati Membri ser jintegraw l-finanzjament tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta allokata lilhom mar-riżorsi tagħhom li jiġu mill-FEŻR u mill-FSE+. Dawn it-trasferimenti ser ikunu mill-inqas darba u nofs u massimu ta' tliet darbiet l-allokazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Madankollu, kull Stat Membru ma għandux juża aktar minn 20 % tal-allokazzjonijiet inizjali tiegħu tal-FEŻR u l-FSE, u għandu jiġġustifika dawn ir-riżorsi addizzjonali. L-Istati Membri ser jikkontribwixxu wkoll bir-riżorsi tagħhom.

2.7. Il-proċess ta' programmar, inkluża l-identifikazzjoni tat-territorji, ser jiġi miftiehem bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru u ser ikun iggwidat mill-proċess tas-Semestru Ewropew. L-Istati Membri huma mistiedna jippreżentaw il-pjani territorjali tagħhom, u jiddefinixxu l-proċess ta' tranżizzjoni sal-2030. F'dan il-kuntest, għal kull territorju, huma ser jiddefinixxu l-isfidi ekonomiċi soċjali u ambjentali kif ukoll il-ħtiġijiet għat-taħriġ mill-ġdid professjonali u r-riabilitazzjoni ambjentali. Il-Fond ser jiffoka l-appoġġ fuq it-territorji li jikkorrispondu għar-reġjuni tal-livell NUTS 3.

2.8. L-approvazzjoni tal-pjani territorjali ser tippermetti l-appoġġ taħt il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u ser tagħti bidu għall-mekkaniżmi għall-użu tal-InvestEU u tal-BEL. Il-programmi appoġġjati ser ikunu soġġetti għal rieżami ta' nofs it-terminu bl-istess mod bħall-programmi kollha tal-politika ta' koeżjoni.

2.9. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ser jinkludi l-fondi tal-politika ta' koeżjoni. Għalhekk hemm bżonn li tiġi modifikata l-Proposta għal Regolament li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi biex jiżied il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta bħala fond ġdid għall-politika ta' koeżjoni.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jappoġġja l-strateġija tal-UE sabiex jitnaqqsu fit-tul l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u l-objettiv tagħha li l-Unjoni Ewropea ssir ekonomija newtrali għall-klima sal-2050. Il-KESE jaqbel li l-mira ekoloġika tirrappreżenta waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-politika ta' koeżjoni futura, b'allokazzjoni għal dan il-għan ta' mill-inqas 30 % tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u 37 % tal-Fond ta' Koeżjoni. Madankollu, il-KESE jesprimi t-tħassib tiegħu li l-investment ipplanat għat-tranżizzjoni ġusta ma jikkorrispondix mal-Patt Ekoloġiku ambizzjuż tal-Kummissjoni Ewropea. Il-finanzjament propost għal għaxar snin huwa dak li jkun meħtieġ kull sena biex tinkiseb in-newtralità klimatika b'mod ġust sal-2050. Il-KESE jemmen li l-previżjonijiet tan-nefqa tal-QFP għandhom jiżiedu. Jekk tabilhaqqu iridu jintlaħqu l-miri ambizzjużi stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku, il-baġit tal-UE jeħtieġ li jiżied, jew billi jiġu introdotti riżorsi proprji ġodda jew billi tiżied il-kontribuzzjoni mill-Istati Membri.

3.2. Il-KESE japprezza l-isforz li jiġi aġġustat il-QFP 2021-2027 tal-UE għall-ħtiġijiet u l-isfidi klimatiċi permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u, b'mod aktar wiesa', permezz tal-Pjan ta' Investment għall-Ewropa Sostenibbli kollu, li tiegħu l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa l-aktar parti sostanzjali. Filwaqt li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa l-ewwel pass tanġibbli biex tiġi indirizzata l-kwistjoni finanzjarja u tal-investment, il-KESE jinnota u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati fil-prattika anke l-kompiti l-oħra previsti fil-ftehim dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Jekk dan ma jsirx, l-effettività tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tkun limitata.

3.3. Kif diġà ġie indikat f'Opinjonijiet preċedenti⁽¹⁾, il-KESE jaqbel li fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni għandu jiġi pprovdut finanzjament immirat, permezz tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta. Madankollu, il-finanzjament għandu jiġi minn allokazzjonijiet ad hoc adegwati biex jiġi evitat aktar tnaqqis fid-disponibbiltà tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni.

3.4. Barra minn hekk, fil-każ tal-FSE+, trasferiment obbligatorju jista' jikkawża kunflitti ta' interess mhux intenzjonati. Pereżempju, jistgħu jqumu kwistjonijiet bħall-appoġġ tal-persuni friskju ta' faqar jew il-ħaddiema industrijali, li huma mhedda li jitilfu l-impjieg tagħhom. Kunflitti ta' interess bħal dawn jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-aċċettazzjoni tal-politika dwar il-klima kollha inġenerali. Fi kwalunkwe każ, it-twessigħ tal-ambitu tal-FSE+ għandu jimxi id fid ma' żieda fir-riżorsi.

3.5. Billi l-iżvilupp sostenibbli u l-azzjoni klimatika għandhom impatt pożittiv fuq l-infiq pubbliku u jeliminaw għadd ta' esternalitajiet negattivi (is-saħħa, riabilitazzjoni, ir-rikostruzzjoni, eċċ.), l-investment pubbliku għall-protezzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima għandhom jiġu esklużi mir-restrizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà. Issa huwa aktar importanti minn qatt qabel fid-dawl ta' din il-kriżi mingħajr preċedent. Il-COVID-19 jista' jkollha impatt kbir fuq iċ-ċittadini tal-UE, is-saħħa tagħhom u l-ekonomija b'mod ġenerali.

⁽¹⁾ Ara l-Opinjoni tal-KESE dwar ir-Regolament dwar dispożizzjonijiet komuni 2021-2027 (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 83).

3.6. Il-KESE huwa konvint li hemm ħafna interessi u miri komuni bejn is-sett ta' soluzzjonijiet għall-kriżi pandemika u l-isfidi tal-Patt Ekoloġiku. Madankollu, jidher xieraq li jiġi ddefinit mill-ġdid it-twassil ta' xi miri mill-Patt Ekoloġiku speċjalment fir-rigward tal-iskeda tagħhom. Huwa ferm irrakkomandat xi tip ta' flessibilità (komparabbli ma' dik għar-regoli fiskali u dwar l-għajnuna mill-Istat).

3.7. Ma jistgħux jiġu maħsuba investimenti kbar għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għat-tranżizzjoni ekoloġika jekk jibqgħu jippersistu restrizzjonijiet tad-defiċit. Ovvjament, dan ma jfissirx li jiġu abbandunati r-rekwiżit tas-soltu li jiġu stabbilizzati l-finanzi pubbliċi, iżda dan ifisser li ssir l-għażla bejn żewġ alternattivi: jew li verament irridu nreġġgħu lura l-proċess tat-tiġhin globali u allura rridu nsibu somom kbar għall-investment, jew irridu sempliċement nintroduċu miżuri korrettivi biex l-kuxjenza tibqa' nadifa u l-finanzi pubbliċi jibqgħu sodi.

3.8. Il-KESE jemmen li sabiex it-tranżizzjoni ssir ekonomikament aktar robusta u politikament aktar kredibbli, għandha tittieħed azzjoni kemm jista' jkun malajr sabiex tiġi eliminata l-iskema ta' sussidji diretti u indiretti għas-settur tal-karburanti fossili li huwa responsabbli għall spejjeż ambjentali, soċjali u ekonomiċi enormi, li jistgħu jġibu fix-xejn il-progress li sar fl-azzjoni klimatika.

3.9. Billi b'mod gradwali jitneħħa s-sussidju tal-enerġija fossili u tingħata spinta lis-settur emerġenti bħall-enerġiji rinnovabbli u billi jinħolqu kundizzjonijiet ekwi, l-enerġija rinnovabbli tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi f'termini ta' affordabilità, il-prospertà ekonomika, u s-sostenibilità tal-klima.

3.10. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jirrappreżenta simbjożi bbilanċjata bejn is-sussidji u l-istrumenti finanzjarji, bejn approċċ koordinat u approċċ ġestit ċentralment. Hemm bżonn ta' patt ġdid bejn is-settur pubbliku u dak privat, inklużi l-atturi kollha fl-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali, li jiddefinixxi l-finanzjament u r-responsabbiltajiet kondiviżi. Madankollu, dan ser ikollu bżonn kapaċitajiet ġodda ta' ġestjoni u governanza għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea ser tgħin lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-promoturi ta' proġetti sostenibbli matul l-istadji kollha ta' dawn il-proġetti, mill-ippjanar sal-implimentazzjoni.

3.11. Hemm bżonn li jitħeġġeġ li l-kapital privat jidħol fis-sistema biex dan il-kunċett jirnexxi. Ser ikun hemm bżonn li tinbena sħubija ġdida bejn is-settur pubbliku u dak privat, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' riżultati li jgawdi minnhom kulħadd.

3.12. Il-KESE jaqbel mal-approċċ olistiku li jqis id-dimensjoni ekonomika, soċjali, industrijali u teknoloġika tal-proċess ta' trasformazzjoni lejn ekonomija newtrali, bl-involvement tal-atturi lokali, l-imsieħba soċjali u l-NGOs. Jeħtieġ li l-iżvilupp sostenibbli jiġi indirizzat f'kull qasam ta' politika b'mod koerenti u għandu jimmira lejn mudell ta' konverġenza bejn l-Istati Membri. Il-KESE jirrakkomanda li tiġi żgurata b'mod effettiv il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha fil-livelli kollha u li r-riperkussjonijiet fuq l-impjieġ minħabba l-bidla fil-mudell ekonomiku jiġu indirizzati u ġestiti permezz ta' djaloga soċjali li jorbot flimkien il-livell nazzjonali u dak Ewropew.

3.13. Il-KESE jemmen li l-proċess ta' trasformazzjoni lejn ekonomija newtrali fil-karbonju jiddependi wkoll mill-investment f'sistemi tat-trasport pubbliku aċċessibbli u sostenibbli u fl-ambjenti mibnija. Flimkien mal-FEŻR, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għandu jintuża biex jippromovi n-newtralità karbonika permezz ta' investment f'dawn l-oqsma b'mod li jiżgura li jkun jistgħu jintużaw mill-membri kollha tas-soċjetà, u li jkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u għall-persuni anzjani.

3.14. Il-KESE jemmen li tranżizzjoni ġusta mill-perspettiva soċjali hija essenzjali biex jinkisbu l-appoġġ u l-fiduċja tal-ħaddiema, tan-negozji u tas-soċjetà ċivili u biex jiġu ffaċilitati l-bidliet ekonomiċi ewlenin meħtieġa biex tiġi salvata d-dinja mit-tibdil fil-klima. It-tmiem tal-era tal-karburanti fossili fl-Ewropa jrid ikun akkumpanjat b'investimenti neċessarji sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tal-ħaddiema tagħha, il-ħolqien ta' impjieġi ġodda u l-appoġġ għall-iżvilupp lokali. Il-proċessi ta' tranżizzjoni għandhom jiġu nnegozjati mal-imsieħba soċjali u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u jkun relatati ma' politiki ta' trasparenza u ta' komunikazzjoni effettiva.

3.15. Il-KESE jwissi li jeħtieġ li jinstab bilanċ tajjeb bejn il-miżuri ta' ristrutturar ekonomiku u l-miżuri li jiżguraw il-protezzjoni u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema affettwati mill-proċessi ta' tranżizzjoni. Jenħtieġ li jiġi żgurat ukoll bilanċ bejn l-investment fit-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li jiċċaqilqu għal forom ġodda ta' impjieġi aktar ekoloġiku, u t-tiejija ta' dawk fil-komunitajiet affettwati li għadhom kif daħlu fis-suq tax-xogħol bil-ħiliet meħtieġa għall-forom ta' xogħol emerġenti. Għandha ssir enfasi partikolari fuq li jiġi appoġġjat l-impjieġ ta' dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol bħaż-żgħażaġh u l-persuni b'diżabilità.

3.16. Il-KESE japprezza l-fatt li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta qed jimmira lejn soluzzjonijiet għall-konsegwenzi marbuta mat-tnaqqis fl-industrija tal-minjieri tal-faħam u mal-ħtieġa li jiġu appoġġjati s-setturi tal-manifattura goffa sabiex ikunu jistgħu jżommu l-attivitajiet tagħhom b'mod sostenibbli, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-impatti soċjali rilevanti, iżda jinnotta li l-Fond ma għandux jillimita ruħu li jiffinanzja l-proċessi ta' dekarbonizzazzjoni. Il-KESE jittama li parti mir-riżorsi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tkun iddedikata sabiex jiġi ġġenerat l-investment li jeħtieġu l-ħaddiema u l-komunitajiet affettwati mill-katina tal-valur tal-proċessi ta' dekarbonizzazzjoni, biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni bejn impjeg u ieħor.

3.17. Is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ hija essenzjali biex jiġu appoġġjati l-proċessi ta' tranżizzjoni. Il-KESE jirrakkomanda li jiżiedu r-riżorsi biex tissaħħaħ u terġa' titnieda s-sistema tal-edukazzjoni sekondarja u universitarja permezz ta' linji gwida xjentifiċi u teknoloġiċi mmirati u orjentati lejn il-bżonnijiet attwali, waqt li jintużaw ir-riżorsi kollha disponibbli tal-politika ta' koeżjoni.

3.18. Il-KESE jappoġġja d-deċizzjoni li jiġu promossi u appoġġjati privattivi u start-ups innovattivi u sostenibbli. L-appoġġ għall-intrapriżi impenjati fattivitajiet responsabbli u sostenibbli u li jiżviluppaw soluzzjonijiet ekoloġiċi għall-benesseri tal-komunità għandu jiġi ppremjat.

3.19. L-ipprogrammar tar-riżorsi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta ser ikun marbut mill-qrib mal-qafas tas-Semestru Ewropew, kif diġà previst fir-Regolamenti għall-fondi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027. Il-KESE huwa ċert li, apparti l-monitoraġġ previst taħt ir-regoli tal-politika ta' koeżjoni, il-qafas ta' governanza ekonomika tal-UE ser jintuża biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta fl-Istati Membri permezz tad-djalogu strutturat annwali bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. Għal dan il-għan, il-KESE jittama li dan id-djalogu bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri jinkludi l-involvement attiv u sostanzjali tal-imsieħba soċjali u l-NGOs.

3.20. Il-KESE jilqa' d-dispożizzjoni li l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jkun ipprogrammat permezz ta' pjan territorjali wieħed jew aktar għal tranżizzjoni ġusta, waqt li jiġi definit il-proċess ta' tranżizzjoni sal-2030, f'konformità mal-pjani nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u mat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima. Il-KESE jappoġġja l-possibbiltà li l-Istati Membri jistabbilixxu programm speċifiku għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

3.21. Il-KESE jirrakkomanda li l-pjani territorjali u kwalunkwe programm speċifiku tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jkollhom l-involvement sħiħ u sostanzjali tal-imsieħba soċjali u l-NGOs.

3.22. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-pjani territorjali u kwalunkwe programm speċifiku għandhom jiġu segwiti minn kumitati ta' sorveljanza bl-istess regoli bħal daww stabbiliti fir-Regolament li jistipula dispożizzjonijiet komuni għall-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. Il-KESE huwa konvint li l-qafas finanzjarju għandu jifassal b'mod aktar preċiż mhux biss għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, iżda wkoll għall-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Pjan ta' Investment għal Ewropa Sostenibbli kollha kemm huma. Il-KESE jżid li l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi li huma aktar mit-EUR 30 biljun mhijiex garantita (jiġifieri trasferimenti li jaqbz u d-darba u nofs l-allokazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta mhumiex obligatorji). Hemm ukoll ħafna kwistjonijiet pendenti rigward ir-reġim speċjali fil-programm InvestEU u l-istrument ta' self tal-BEI għas-settur pubbliku.

4.2. Il-KESE huwa mħasseb li l-għażla li f'għaxar snin jiġu ddedikati madwar EUR 1 000 biljun għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż permezz tal-mobilizzazzjoni tal-investment pubbliku u privat permezz tal-użu tal-InvestEU, tista' tneħħi riżorsi minn setturi oħra li kienu qegħdin jibbenefikaw minn dan il-Fond. Il-KESE jindika l-ħtieġa li tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn il-miżuri ffinanzjati mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u daww kofinanzjati mill-InvestEU taħt il-Pilastru 2 u mill-faċilità ta' self tas-settur pubbliku taħt il-Pilastru 3 tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

4.3. L-għanijiet tal-Pakkett Ekoloġiku ser ikunu appoġġjati wkoll minn riżorsi tal-Politika Agrikola Komuni, li ser talloka 40 % tal-allokazzjoni totali tagħha biex jiġu appoġġjati l-għanijiet tal-klima. F'dan ir-rigward, ser ikun importanti li jinżamm l-impenn tal-gvernijiet nazzjonali u tal-istituzzjonijiet tal-UE li jinvestu fil-koeżjoni kif ġara fil-passat.

4.4. Il-KESE japprezza ħafna l-proċeduri proposti marbuta mal-fehim aktar flessibbli tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat u s-semplifikazzjoni kontinwa proposta mill-Kummissjoni bħala parti mill-qafas ta' politika usa' stabbilit fil-Komunikazzjoni dwar il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa Sostenibbli. Hemm bżonn ta' regoli differenti biex ikun hemm lok għal investimenti li għandhom iwasslu għal tkabbir ġdid.

4.5. Il-KESE jifhem is-sett ta' kriterji kkwantifikati tajjeb dwar l-eliġibbiltà għall-finanzjament taħt il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u jaqbel magħhom.

4.6. Għajnuna ekoloġika mill-Istat:

- jiġu applikati kundizzjonijiet ekoloġiċi għall-għajnuna mill-Istat għal kumpaniji fsetturi b'marka għolja tal-karbonju u/jew materjali;
- jiġu applikati kundizzjonijiet ekoloġiċi simili għal self minn banek ġdid u estiż (b'garanziji pubbliċi jew mingħajrhom) għal dawn is-setturi;
- tiġi rifjutata għajnuna mill-Istat lil kumpaniji u setturi li ma jistgħux jew li ma jridux jadottaw teknoloġiji ċirkolari b'livell baxx ta' karbonju, u li jħarrġu mill-ġdid lill-ħaddiema tagħhom għal impjieg ġdid;
- jitħaffu l-proċeduri tal-ippjanar għall-enerġija rinnovabbli, it-tranżitu pubbliku u l-proġetti u l-infrastrutturi tal-bini ċirkolari. Il-kumpaniji qed isibuha bi tqila biex jibqgħu haġġin u jeħtieġ li jirċievu l-għajnuna mill-Istat malajr.

Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv bil-quddiem, il-gvernijiet jistgħu jagħżlu li japplikaw test ekoloġiku ħafif meta jagħtu l-għajnuna mill-Istat, flimkien ma' test ekoloġiku aktar iebs ex post. Jekk kumpanija tikser il-kundizzjonijiet ekoloġiċi miftiehma, l-għajnuna mill-Istat trid titħallas lura parzjalment jew kompletament, skont il-gravità tal-ksur. Huwa propost ukoll li jiġu mmirati setturi kruċjali li huma intensivi fil-karbonju u l-materjali biex il-burokrazija tinżamm kemm jista' jkun possibbli flivell minimu (?).

4.7. Il-KESE jilqa' wkoll l-indikazzjoni tas-setturi li fihom ir-riżorsi tal-Fond jistgħu jiġu allokatu għal tranżizzjoni ġusta u ta' dawk fejn il-finanzjament ma jstax jiġi pprovdut. Il-metodu ta' allokazżjoni ser jgħin jiżgura li l-fondi jkunu kkonċentrati biżżejjed fuq l-Istati Membri li qegħdin jindirizzaw l-aktar sfidi impenjattivi, filwaqt li jipprovdi wkoll appoġġ sinifikanti lill-Istati Membri kollha. B'mod speċifiku, l-Istati Membri li d-DNG per capita tagħhom huwa inqas minn 90 % tal-medja tal-UE jirċievu madwar żewġ terzi tal-fondi tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

4.8. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-KESE jirrakkomanda li jingħata aktar spazju lil entitajiet li mhumiex SMEs, peress li hemm tendenza li l-kumpaniji ewlenin tal-minjieri u tal-industrija goffa milquta mill-azzjoni klimatika jkunu kbar. Barra minn hekk, dawn l-intrapriżi, b'mod partikolari, spiss jipprovdu ammont kbir ta' impjieg deċenti u huma kruċjali għall-benesseri ekonomiku tar-reġjuni. Il-prevenzjoni tal-qgħad għandha ssir oġġettiv ewlieni tal-pjani territorjali. Dan għandu jinkludi mhux biss l-assistenza lill-ħaddiema attwali fit-tranżizzjoni lejn forum ġodda ta' impjieg, iżda wkoll l-appoġġ għaż-żgħażagħ u l-persuni maqtugħa mis-suq tax-xogħol miftuħ, bħall-persuni b'diżabilità, biex isibu xogħol f'dawn is-setturi li qed jiżviluppaw.

4.9. Il-KESE japprezza l-possibbiltajiet ġodda miftuħa għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jassumu direttament ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-proġetti u biex jimplementaw b'mod konkret approċċ ibbażat fuq il-post, peress li l-unitajiet bażiċi għall-pjani territorjali għat-tranżizzjoni ġusta huma r-reġjuni NUTS 3.

4.10. L-imsieħba soċjali u l-NGOs li jaħdmu f'dan il-qasam jenħtieġ li jkunu involuti fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' politiki u strateġiji għat-tnaqqis ambizzjuż tal-emissjonijiet biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta li tiggarrantixxi impjieg deċenti u li tilħaq bilanċ bejn is-sistemi ta' enerġija nadifa u l-kwalità sostenibbli tal-impjieg. It-trejdjunjins għandhom ikunu preżenti fl-istadi kollha tal-proċess ta' tranżizzjoni ġusta sabiex jiproteġu l-interessi tal-ħaddiema fl-ivvelli differenti.

(?) Is-setturi li ġejjin għandhom marki relattivament għoljin ta' karbonju u materjal: (1) Trasport: it-trasport bit-triq, bl-ajru u bl-ilma huwa prinċipalment immexxi mill-fjuwils fossili; (2) Manifattura: ħafna manifatturi għadhom jużaw teknoloġiji li huma intensivi fl-enerġija u l-materjal; (3) Kostruzzjoni: ħafna benneġja għadhom jużaw materjali mhux riċiklabbli u li jużaw ħafna enerġija, bħas-siment; (4) Enerġija: il-bidla mill-fjuwils fossili għal enerġija rinnovabbli hija gradwali ħafna.

- 4.11. Sabiex jinkisbu r-riżultati previsti, l-approċċ tal-Kummissjoni għall-eliġibbiltà tat-territorji huwa restrittiv peress li l-finanzjament jista' jiġi allokat biss lill-pajjiżi li japplikaw u jippreżentaw pjani territorjali ta' tranżizzjoni ġusta. Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Istati Membri kollha jħejju l-pjani tagħhom malajr kemm jista' jkun sabiex ikunu jistgħu jiġu appoġġjati ħafna ħaddiema fl-Ewropa kollha fir-reġjuni identifikati fil-pjani.
- 4.12. Il-KESE jilqa' l-adattament tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni biex tinħoloq bażi legali ċara u trasparenti għall-politika ta' koeżjoni futura tal-UE u l-linji gwida tagħha dwar il-klima.
- 4.13. Minħabba l-livell għoli ta' inċertezza dwar l-impatt tat-tranżizzjoni fuq l-impjieg u d-distribuzzjoni ġeografika possibbli tagħha, il-KESE jinnota li kien ikun preferibbli li kieku ma kien hemm l-ebda preallokazzjoni ġeografika tal-fondi mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Tħassib ieħor huwa l-governanza tal-Fond. L-għażla taż-żoni eliġibbli u l-firxa tal-allokazzjonijiet bejniethom għandhom ikunu fdati kompletament lill-gvernijiet nazzjonali. Minħabba li mhux ser ikun hemm allokazzjonijiet reġjonali, hemm riskju li dan jista' jwassal għal żbilanċi fid-distribuzzjoni tal-finanzjament fil-livell sottonazzjonali u li ż-żoni li huma inqas vulnerabbli għall-impatti negattivi tal-għanijiet tat-tibdil fil-klima mhux ser jirċievu riżorsi.
- 4.14. Il-KESE jinnota li l-intenzjoni li jintużaw l-InvestEU u l-BEI biex jiġu mmobilizzati EUR 45 biljun u EUR 25-30 biljun rispettivament għandha tiġi mmonitorjata mill-qrib sabiex ma jerġgħux jiġu ripetuti l-problemi tal-investimenti tal-FEIS⁽³⁾. Jeħtieġ li jiġi żgurat li dawn l-investimenti jkunu allinjati bis-sħiħ mal-Ftehim ta' Pariġi u li l-għanijiet tal-UE jagħmlu l-Ewropa l-ewwel kontinent b'impatt żero.
- 4.15. Il-KESE jappoġġja l-proposta tal-KE "Next Generation EU" biex jissaħħa il-mekkaniżmu ta' tranżizzjoni b'reazzjoni għall-kriżi u l-proposta l-ġdida tagħha għall-baġit li jmiss fit-tul tal-UE. Il-KESE jittama li l-baġit totali tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta żdied għal EUR 40 biljun u li tissaħħa l-iskema t-tajba ta' tranżizzjoni fi ħdan InvestEU. Il-KESE japprova wkoll il-proposta tal-Kummissjoni għal self għas-settur pubbliku, li ser jimmobilizza bejn EUR 25 biljun u EUR 30 biljun. B'dan il-mod, il-mekkaniżmu t-tajjeb ta' tranżizzjoni ser ikun jista' jimmobilizza mill-inqas EUR 150 biljun ta' investment pubbliku u privat.
- 4.16. Iż-żamma ta' baġit ambizzjuż għall-politika ta' koeżjoni wara l-2020 għandha tibqa' l-prijorità ewlenija fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima fil-livell territorjali. Fi kliem ieħor, l-istabbiliment ta' fond addizzjonali m'għandux jintuża bħala skuża biex jiġi ġġustifikat aktar tnaqqis fil-baġit tal-politika ta' koeżjoni fil-kuntest tan-negozjati tal-QFP.
- 4.17. Il-KESE għandu xi tħassib dwar il-proċess ta' programmar, peress li t-test legali għad irid jiġi adottat u r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għad irid jiġi emendat. Il-Kummissjoni tistenna li l-pjani territorjali ser jiġu approvati fit-tieni nofs tal-2020 u li l-programmi relatati mal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jiġu adottati matul l-2021. Dan jista' jwassal għal dewmien fl-implimentazzjoni ta' xi programmi tal-politika ta' koeżjoni.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(³) Rapport Speċjali Nru 03/2019 tal-Qorti tal-Awdituri. Xi għajnuna tal-FEIS ħadet post biss finanzjament ieħor tal-BEI u tal-UE; xi finanzjament ingħata lil proġetti li setgħu użaw sorsi oħra ta' finanzjament pubbliku jew privat. Fl-aħħar mill-aħħar, l-istimi ta' investimenti addizzjonali attirati mill-FEIS xi drabi kienu sopravvalutati u l-biċċa l-kbira tal-investimenti marret għand xi wħud mill-Istati Membri l-kbar tal-UE-15, li għandhom banek nazzjonali konsolidati.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni — Il-Pjan ta’ Investiment għal Ewropa Sostenibbli — Il-Pjan ta’ Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew”

(COM(2020) 21 final)

(2020/C 311/09)

Relatur: **Carlos TRIAS PINTÓ**

Korelatur: **Petr ZAHRADNÍK**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 6.2.2020
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sezzjoni	13.5.2020
Adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni	220/1/8
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Bħalissa, il-pandemija tal-coronavirus hija l-ewwel prijorità għall-Ewropa, biex tiffaċċja inċertezza li tista' konsegwentement twassal għal bidla sostanzjali fl-orjentazzjoni u l-assenjazzjoni tal-baġit tal-UE. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa t-tisħiħ tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss u l-espansjoni temporanja tal-limitu massimu tal-infiq tal-baġit għal 2 %, li għandu jipprovdli l-mezzi fiskali meħtieġa u jista' jappoġġja l-ħruġ ta' bonds komunitarji bħala parti minn pjan ta' rkupru qawwi.

1.2. Il-Kumitat jilqa' l-ftehim reċenti tal-Grupp tal-Euro⁽¹⁾ li ressaq EUR 540 biljun bħala appoġġ għall-ħaddiema, in-negozji u l-Istati Membri; filwaqt li ġiet aċċettata aktar flessibbiltà fir-regoli tal-UE dwar il-Patt Fiskali Ewropew.

1.3. Il-Kunsill tal-UE għandu jilħaq qbil dwar il-Fond għall-Irkupru⁽²⁾ u l-QFP qabel il-ferjat tas-sajf, f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tas-27 ta' Mejju, sabiex iwitti t-triq għall-irkupru ekonomiku tal-Ewropa, kif ukoll isaħħaħ it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali previsti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew.

1.4. Il-Kumitat ifaħħar ukoll ir-rispons rapidu u allinjat ta' solidarjetà tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE kkonċernati⁽³⁾.

1.5. It-tifqigħa tal-coronavirus se jkollha impatt profond u negattiv fuq il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) u l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Għal din ir-raġuni, il-KESE jinsisti fuq il-ħtieġa li nindirizzaw din it-theddida urġenti mill-aktar fis possibbli u li niffukaw l-isforzi ta' rkupru tagħna mingħajr dewmien żejjed fuq l-SDGs u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.

⁽¹⁾ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2020/04/09/report-on-the-comprehensive-economic-policy-response-to-the-covid-19-pandemic>.

⁽²⁾ Next Generation EU ta' EUR 750 biljun

⁽³⁾ B'mod partikolari: il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġi ottimizat l-użu tal-baġit attwali b'mod komprensiv, aċċessibbli u flessibbli, jiġifieri l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus (pakketti I & II) u l-attivazzjoni mill-ġdid tal-Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza (ESI); Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riski ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE), il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, il-Programm ta' Xiri ta' Emerġenza għall-Pandemija tal-Bank Ċentrali Ewropew (PEPP), b'assi eliġibbli estiżi u rilassament tal-kollaterali; ir-rwol tal-awtoritajiet superviżorji fi trattament f'waqt tar-riżorsi finanzjarji regolatorji; l-inizjattiva tal-Bank Ewropew tal-Investiment (IEB) biex jinholq fond ta' garanzija pan-Ewropew li jiffoka fuq l-SMEs, l-Inizjattiva għar-Rispons għall-Kriżi tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija.

1.6. Lil hinn mill-miżuri ta' solidarjetà temporanji, il-KESE jappella għall-irkupru tal-Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti (EISF) kif ukoll l-implimentazzjoni immedjata tal-Istrument Baġitarju għall-Konverġenza u l-Kompetittività (BICC), u li jiżied l-ammont tiegħu fil-QFP 2021-2027.

1.7. Hemm bżonn ta' patt ekoloġiku u soċjali ġdid sabiex iċ-ċittadini kollha jingħaqdu fid-diversità tagħhom, mal-awtoritajiet nazzjonali, regionali u lokali, l-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili organizzata u l-industrija li jaħdmu mill-qrib flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE u ma' korpi konsultattivi.

1.8. Il-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli (SEIP) huwa l-ewwel miżura politika komprensiva sabiex jintlaħqu l-miri ambizzjużi haġna ta' newtralità f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050 k'konformità mal-Patt Ekoloġiku tal-UE.

1.9. Filwaqt li jfaħħar l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku, il-KESE jiddispjaċih għan-nuqqas ta' konsistenza mal-allokkazzjoni baġitarja, fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, li hija ferm anqas mill-1,3 % tal-ING tal-Istati Membri mitlub mill-Parlament Ewropew u mill-KESE sabiex jiġi żgurat li kull azzjoni speċifika tkun tista' tilħaq it-tir sħiħ tagħha mingħajr ma tissagrifika oħrajn.

1.10. Il-KESE jesprimi wkoll id-dubji tiegħu dwar l-effikaċja tal-integrazzjoni tal-klima fil-programmi kollha tal-UE u jistieden lill-Istati Membri jinvolvu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex jippromovu nfiq tal-UE reżistenti għat-tibdil fil-klima. Il-passi ewlenin fejn il-gruppi tad-drittijiet ambjentali u ċivili jistgħu jinvolvu ruħhom jinkludu l-Pjani Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima (NECPs) u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR).

1.11. Il-KESE jilqa' l-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta (JTM) iżda jiddeplora l-insuffiċjenza ċara tad-dispożizzjonijiet baġitarji tal-JTF (EUR 7,5 biljun sabiex jinkiseb finanzjament b'valur ta' EUR 100 biljun). Dan ser ikollu jiġi kopert minn trasferimenti mill-FEŻR/FSE+ u mill-kofinanzjament tal-Istati Membri, kif ukoll, kif inhu tmat, minn investiment privat kbir u mill-faċilità ta' self għas-settur pubbliku mal-BEI.

1.12. Hawnehk is-suċċess jiddependi mill-alleanzi (SDG 17 tan-NU *Sħubija għall-Għanijiet*) bejn is-setturi privati u pubbliċi f'termini tal-finanzjament u tar-responsabbiltajiet kondiviżi, kif rifless fil-boom tas-swieq tal-bonds ekoloġiċi.

1.13. Il-KESE japprova l-approċċ olistiku u jilqa' bi ħġaru l-inċentivi għall-investiment u għall-finanzjament pubbliċi u privati, b'mod partikolari għall-akkwist pubbliku ekoloġiku u għall-appoġġ mistenni permezz ta' regoli aktar flessibbli dwar l-għajnuna mill-Istat.

1.14. Il-KESE jagħti l-appoġġ tiegħu wkoll għat-titjib tal-governanza fiskali tal-UE b'kunsiderazzjoni tar-riskji għas-sostenibbiltà, filwaqt li jittieħdu t-tagħlimiet mill-iskrinjar tal-aħjar prattiki dwar l-ibbaġitjar ekoloġiku u l-pjani fiskali. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' trattament tat-taxxa xieraq għall-finanzjaturi kollettivi u għad-donaturi sabiex il-politika ta' stimolu titlesta kollha kemm hi.

1.15. It-tlestija tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa (riforma tat-Trattat dwar il-MES, flimkien mal-BICC kif ukoll l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, EDIS) hija meħtieġa wkoll sabiex jiġu żviluppati Unjoni tas-Swieq Kapitali u Unjoni Bankarja effiċjenti u integrati, li jkopru lill-Istati Membri kollha u mmirati lejn armonizzazzjoni ulterjuri.

1.16. Il-KESE jappella sabiex il-proċess tas-Semestru Ewropew relatat mal-Patt Ekoloġiku jittejjeb billi l-SDGs jitqiegħdu fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politiki tal-UE, kif ukoll tassonomija aktar komprensiva tal-UE li tinkorpora d-dimensjoni soċjali.

1.17. Il-KESE jqis li kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat għandhom jużaw l-istess standards, mhux biss f'termini tat-tassonomija iżda wkoll fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja. Il-KESE jilqa' r-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar ir-Rappurtar mhux Finanzjarju (NFRD), li tkun fonda biżżejjed biex thegġegħ lill-kumpaniji jiffaċċjaw il-fehim tal-impatti reali tagħhom. Dan għandu jkun marbut mal-implimentazzjoni ta' klawżoli ambjentali u soċjali standardizzati fl-akkwist pubbliku.

1.18. Il-KESE jappella għal użu approfondit u aħjar tas-sorsi statistiċi pubbliċi, b'tali mod li jissaħħaħ ir-rwol tal-Eurostat u tar-reġistri pubbliċi sabiex tiġi pprovduta data solida relatata mal-prestazzjoni "f'termini ta' sostenibbiltà".

1.19. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza li l-utenti potenzjali kollha jiġu pprovduti b'informazzjoni preċiża u faċilment aċċessibbli sabiex tkompli tiġi ffaċilitata l-assistenza konsultattiva u teknika ppersonalizzata. Ħadd ma għandu jitħalla jaq' lura!

1.20. Il-ħiliet it-tajbin għall-impjiegi ekoloġiċi huma prerekwiżit sabiex isseħħ it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u ġusta. Il-KESE japprova strateġiji ċari dwar il-previżjoni tal-ħiliet u t-taħriġ vokazzjonali bi pjani direzzjonali assoċjati biex jagħmlu u jżommu l-forza tax-xogħol adattata għall-ħtiġijiet futuri fis-setturi kollha.

1.21. Il-KESE jissuġġerixxi li l-Istati Membri tal-UE jtejbu l-programmi ta' edukazzjoni finanzjarja billi jinkludu finanzjament sostenibbli, filwaqt li jinkoraġġixxu lill-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha biex jintroduċu inċentivi tat-taxxa għall-kumpaniji u l-individwi biex jinvestu f'inizjattivi ekoloġiċi b'impatt soċjali.

2. Qafas kuntestwali

2.1. Il-Pjan ta' Investiment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, magħruf ukoll bħala l-Pjan ta' Investiment għal Ewropa Sostenibbli (SEIP), jirrappreżenta l-ewwel reazzjoni ta' politika konkreta sabiex jiġu akkomodati l-miri ambizzjużi ħafna ta' newtralità f'termini ta' emmissjonijiet tal-karbonju kif iddefiniti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew. Huwa l-pilastru tal-investment tal-Patt Ekoloġiku Ewropew li essenzjalment jaħdem b'allokazzjoni ta' investment addizzjonali mistennija ta' EUR 260 biljun fis-sena sal-2030, madwar 1,5 % tal-PDG tal-2018 f'termini ta' investment annwali addizzjonali fis-sistema tal-enerġija u t-trasport u infrastruttura relatata biss bejn l-2020 u l-2030.

2.2. Sabiex dan il-kunċett jirnexxi, huwa ta' importanza assoluta li s-sorsi ta' kapital privat ikunu involuti fih. Fil-fatt, dan il-kunċett jirrappreżenta tip ġdid ta' kuntratt soċjali bejn is-setturi privati u pubbliċi għall-finanzjament ta' proġetti tal-akbar importanza li huma ta' benefiċċju għall-interess pubbliku.

2.3. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 stabbilixxa mira ġenerali ta' 25 % għall-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-programmi kollha tal-UE. Ma jistax jintilef il-momentum fil-mixja lejn implimentazzjoni reali u approfondita tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jrid jindirizza din l-isfida planetarja enormi b'ambizzjoni politika u b'livell għoli ta' effiċjenza teknika. Tabilħaqq, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jista' jitqies li huwa s-sinsla tal-konfigurazzjoni ekonomika tal-UE, il-bidu potenzjali ta' bidla fundamentali u punt ta' żvolta. Jista' jkun simbolu għal valur miżjud Ewropew komuni u għat-tmexxija globali tal-UE.

2.4. Riżorsi finanzjarji u strumenti adattati jridu jinġabru u jiġu kkoordinati flimkien mal-Istati Membri, mar-reġjuni u mal-bliet tagħhom, filwaqt li ssir estensjoni lejn l-ambjent internazzjonali. Għal dan l-għan, il-pjan direzzjonali tal-Patt Ekoloġiku jinkludi azzjonijiet importanti fuq il-klima, l-enerġija, il-mobilità, strateġija industrijali għal ekonomija nadifa u ċirkolari, il-politika agrikola, il-bijodiversità u d-diġitalizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-sostenibbiltà permezz ta' Pjan ta' Investiment għal Patt Ekoloġiku Ewropew u strateġija sostenibbli mġedda dwar il-finanzjament. Dan huwa komponent fundamentali tal-mekkaniżmu, li għandu l-għan li jimmobilizza EUR 1 triljun ta' investimenti privati u pubbliċi sostenibbli sal-2030, kif ukoll li jqis l-impatti soċjali konsegwenti.

2.5. Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta (JTM), inkluż Fond ta' Tranżizzjoni Ġusta (JTF) ⁽⁴⁾ li jżied mal-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss, għandu l-ambizzjoni li jilħaq EUR 100 biljun ta' investment li għandu jiġi mmobilizzat matul il-perjodu 2021-27. Dan għandu jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku, fuq ix-xogħol u ambjentali tat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika tal-Unjoni fil-livell reġjonali.

2.6. Barra minn hekk, għat-tranżizzjoni tal-UE lejn in-newtralità klimatika, il-Fondi għall-Innovazzjoni u għall-Modernizzazzjoni se jiġu ffinanzjati wkoll permezz ta' parti mid-dħul mill-kwoti tal-karbonju (mill-inqas EUR 25 biljun matul l-għaxar snin li ġejjin); madankollu, il-Fond għall-Modernizzazzjoni se jaffettwa biss 10 Stati Membri tal-UE.

⁽⁴⁾ COM(2020) 22 final.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Bħalissa l-Ewropa qed tesperjenza emerġenza tas-saħħa u ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-Coronavirus. Ir-reazzjoni għat-tnejn li huma trid tkun ikkoordinata mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha għat-tul ta' żmien meħtieġ.

3.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżorsi sinifikanti pprovduti biex tiġi indirizzata l-kriżi tas-saħħa u dik ekonomika, filwaqt li tingħata għajjnuna lill-Istati Membri biex isaħħu r-riżorsi maħsuba għall-investment, biex tiġi garantita l-likwidità tal-kumpaniji ⁽⁵⁾, sabiex jinżammu l-impjegji u biex jiġu protetti l-persuni qiegħda. Dawn il-passi rilevanti għandhom jiġu segwiti bl-approvazzjoni tal-Iskema Ewropea ta' Riassigurazzjoni tal-Benefiċċju tal-Qgħad.

3.3. L-20 miljun kumpanija fl-Ewropa huma kruċjali għas-suċċess f'dan il-qasam, iżda l-iskala tal-investimenti mmobilizzati jeħtieġ li tkun proporzjonata għall-iskala tal-isfidi. F'dan ir-rigward huwa ta' importanza enormi li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jkunu lesti sabiex jegħlbu d-diviżjonijiet tagħhom.

3.4. Sadanittant, il-finanzjament mill-UE għandu jkun strutturat b'tali mod li jevita duplikazzjoni u trikkib, sabiex jirrifletti l-proposti tal-Kummissjoni ⁽⁶⁾.

3.5. Il-KESE jixħet f'dubju l-kapaċità reali tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-QFP 2021-2027 li jissodisfa d-domandi tal-Pjan ta' Investment għal Patt Ekoloġiku Ewropew. Wara li ddikjara li hemm bżonn ta' EUR 2,6 triljun f'"investimenti addizzjonali" sal-2030, it-EUR 1 triljun li l-pjan qed ifittex li jikseb għadu 'l bogħod mill-ilħiq tal-għan tiegħu. Minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni ta' wħud mill-mekkaniżmi u mill-proġetti pplanati, huwa diffiċli jkun magħruf l-kamp ta' applikazzjoni veru tiegħu.

3.6. Il-KESE jirrakkomanda li jiġu pprovduti aktar dettalji dwar il-qafas finanzjarju tal-SEIP. Pereżempju, it-tliet pilastru ewlenin kollha kemm huma tal-JTM jiddependu minn rekwiżiti ambizzjużi ħafna, jiġifieri l-JTF innifsu kif ukoll l-effett ta' lieva mistenni tal-mekkaniżmu bbażat fuq il-BEI għas-settur pubbliku.

3.7. Il-KESE jappella għal deskrizzjoni aktar speċifika tal-arranġament speċjali għall-Patt Ekoloġiku li ġie propost għall-Programm InvestEU.

3.8. Il-KESE japprezza ferm il-ħolqien ta' prekondizzjonijiet addizzjonali u s-simplifikazzjoni għal investimenti privati aktar robusti, jiġifieri għall-bonds ekoloġiċi. L-analiżi empirika turi biċ-ċar li fis-snin riċenti, il-bonds tassew qed isiru ekoloġiċi. L-użu tal-bonds ekoloġiċi jsahħa ir-reputazzjoni tal-emittent (sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet klimatiki u impenn favur is-sostenibbiltà). Il-bonds ekoloġiċi saru popolari fost firxa wiesgħa ta' investituri – domestiċi, internazzjonali kif ukoll investituri msejħa ESG (ambjentali, soċjali, ta' governanza). Barra minn hekk, il-banek tal-investment il-kbar qed juru rieda akbar li joħorġu bonds ekoloġiċi u qed jgħinu sabiex ikatru l-attitudnijiet ekoloġiċi b'dan il-mod.

3.9. Il-KESE jilqa' sett flessibbli ta' regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-investimenti minħabba l-kontribut tagħhom għall-ilħiq tal-miri dwar il-Patt Ekoloġiku, u jirrakkomanda li jingħata aktar lok lill-SMEs sabiex ikunu jistgħu jittrasformaw f'kumpaniji ċirkolari. Matul l-irkupru wara l-kriżi tal-coronavirus, l-UE għandha tikkunsidra wkoll, bħala għodda temporanja, dik li tista' tissejjaħ "regola tad-deheb soċjali u ekoloġika", fejn l-investimenti li jkunu mmirati direttament lejn il-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjali u l-faqar (li mill-kriżi finanzjarja 'l hawn fil-biċċa l-kbira tagħhom baqgħu mhux indirizzati) jiġu eżentati mir-regoli fiskali. Dan għandu jżid l-investment ferm meħtieġ matul l-irkupru ekonomiku wara l-COVID-19 u fl-istess ħin jgħin biex jiġu indirizzati fl-istess ħin l-effetti tat-tibdil fil-klima u l-koeżjoni soċjali madwar l-UE.

3.10. L-impenn tal-Kummissjoni sabiex jinkisbu finanzjament u investment ekoloġiċi filwaqt li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għas-setturi u għar-reġjuni affettwati għandu jippermetti lit-tipi kollha ta' intrapriżi jibbenefikaw minnu, u għandu jitħeġġeġ u jintuża bħala opportunità sabiex l-awtoritajiet lokali jissieħbu ma' inizjattivi tal-komunitajiet bħal kooperattivi tal-enerġija rinnovabbli.

⁽⁵⁾ Aġġustamenti fir-Regoli Prudenzjali Bankarji biex tiġi massimizzata l-kapaċità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jsejlfu u jassorbu t-telf filwaqt li xorta jiggwarantixxu r-reżiljenza kontinwa tagħhom.

⁽⁶⁾ Opinjoni tal-KESE tad-19 ta' Settembru 2018 dwar *Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal wara l-2020* (ĠU C 440, 6.12.2018, p. 106).

3.11. L-ambizzjoni ambjentali tal-pjan direzzjonali dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew sabiex jixpruna lill-partijiet terzi tal-UE jaġixxu billi tiġi żgurata komparabbiltà tal-azzjonijiet għandha tiegħu l-forma ta' koalizzjoni ta' pajjiżi għall-klima li, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rebbieħa tal-Premju Nobel Tirole (2017) u Nordhaus (2018), tikklassifika l-pajjiżi skont il-gassijiet serra li jemmettu, sabiex tingħata spinta lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) favur tariffa fuq il-karbonju. Mekkaniżmu ta' "prezz minimu tal-karbonju" jista' jiġi implimentat kemm permezz tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-UE jew tad-direttiva dwar it-tassazzjoni tal-enerġija, li hija rreveduta bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew.

4. Kummenti speċifiċi

4.1. L-iżgurar ta' effettività baġitarja

4.1.1. Sabiex tittaffa l-pandemija tal-COVID-19, il-KESE japprezza l-miżuri kollha proposti li għandhom l-għan li jipprovdu appoġġ ta' likwidità għal setturi u kumpaniji permezz tal-istrumenti bbażati fuq il-garanzija tal-BEI, li jistgħu wkoll irawmu t-trasformazzjoni tiegħu fil-bank tal-klima tal-UE.

4.1.2. Bħala waħda mil-lezzjonijiet ewlenin li ttieħdu fir-rigward tal-kriżi straordinarja umana u ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-Coronavirus, hemm bżonn ta' Funnzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti (FESI) imsaħħa li hija kapaċi tirreaġixxi b'investiment pubbliku adegwat għall-isfidi speċifiċi ta' kull pajjiż. Hemm bżonn ukoll ta' miżuri li jgħinu lill-Istati Membri jtejbju l-użu tas-sistemi tat-tassazzjoni tagħhom u l-inċentivi ta' politika pubblika⁽⁷⁾ biex jerġgħu jqajmu l-ekonomiji tagħhom.

4.1.3. Il-KESE jindika wkoll li r-riforma ppjanata tat-Trattat dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) għandha ssir id fid mal-BICC u mal-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti (EDIS). Diġà saru sforzi konsiderevoli f'termini tat-tnaqqis tar-riskju fis-settur bankarju (tnaqqis tas-self improduktiv, rekwiżiti minimi għall-fondi proprji u akkumulazzjoni ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, reġim dwar l-insolvenza, eċċ.).

4.1.4. Il-KESE jaqbel ferm mar-rwol tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) bħala l-bank tal-klima tal-Unjoni, u l-importanza tal-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, hemm bżonn li tiġi żgurata biżżejjed likwidità għall-banek potenzjali kollha li jistgħu jkun involuti f'operazzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku.

4.2. L-ottimizzazzjoni tal-prestazzjoni tal-istrumenti u tal-għodod ippjanati li jiffokaw mill-ġdid il-proċess tas-Semestru Ewropew billi jixħtu lill-SDGs fil-qalba tat-tfassil tal-politika u tal-azzjoni tal-UE

4.2.1. Hemm bżonn ta' tassonomija solida u aktar ambizzjuża tal-attivitajiet sostenibbli, inklużi l-aspetti soċjali u l-ħolqien ta' sinerġiji u ta' konfluwenzi mal-progress min-Nazzjonijiet Uniti permezz ta' integrazzjoni xierqa tal-SDGs fis-Semestru Ewropew. Id-deċizzjonijiet dwar kif għandhom jintefqu l-fondi tal-irkupru tal-UE għandhom ikunu ggwidati minn tassonomija ta' finanzi ekoloġiċi fl-UE kollha, li għandha l-għan li tippremja l-investimenti f'teknoloġiji nodfa.

4.2.2. Il-KESE jappella għal użu approfondit u aħjar tas-sorsi statistiċi pubbliċi, b'tali mod li jissaħħaħ ir-rwol tal-Eurostat fil-provvista ta' data solida relatata mal-prestazzjoni "f'termini ta' sostenibbiltà". Ir-rabta mal-indikaturi tal-prestazzjoni tal-SDGs tan-NU u mad-dispożizzjonijiet tal-BEI għandha tissaħħaħ.

4.2.3. Huma meħtieġa soluzzjonijiet teknoloġiċi biex tinkiseb "data granulari" ta' provenjenza varjata (sa lokazzjoni ġeospazjali) u biex issir ħidma fuq il-komparabbiltà bejn il-pajjiżi. Fl-istess waqt, rieżami tad-direttiva NFI (Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju) jista' jikkontribwixxi għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni standardizzata ta' kwalità għolja li tkun aktar kompluta, rilevanti u komparabbli bis-saħħa ta' metodoloġija armonizzata⁽⁸⁾, b'kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force dwar id-Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima (TCFD).

⁽⁷⁾ Sabiex jiġu indirizzati l-esternalitajiet pożittivi.

⁽⁸⁾ Opinjoni tal-KESE tas-17 ta' Ottubru 2018 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni: Il-Finanzjament tat-Tkabbir Sostenibbli (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 73).

4.2.3.1. Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja għandha tkun miftuħa għall-SMEs, billi tiġi pprovduta assistenza sabiex tkun koperta data importanti li tista' tinkiseb faċilment (sabiex talimenta l-KPIs⁽⁹⁾).

4.2.4. Tassonomija dinamika tal-attivitajiet sostenibbli: prattiki tas-suq li jakkumpanjaw indikaturi b'saħħithom tal-impatt għandhom jingħataw importanza u jiġu integrati. Il-KESE jisħaq fuq l-importanza tat-testijiet tas-suq fl-għażla tal-proġetti adatti⁽¹⁰⁾.

4.2.4.1. Il-KESE jisħaq li l-użu ta' metodoloġiji aktar preċiżi huwa imperattiv fejn dawn ikunu disponibbli, bl-għan li jiġu żviluppati sistemi ta' evalwazzjoni bbażati fuq informazzjoni affidabbli pprovduta mill-kumpanji sabiex jiġu rrispettati l-istandards tal-prodotti finanzjarji kollha (tikketi, bonds ekoloġiċi u l-parametri referenzjarji dwar is-sostenibbiltà) imfassla fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli.

4.2.4.2. Hemm bżonn tal-feedback dwar il-proċess ta' rieżami tal-kalkoli tal-impatt minn gruppi tal-abbozzar differenti tan-Nazzjonijiet Uniti (b'mod partikolari, dak relatat mat-taxxa fuq il-karbonju u l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-karbonju, aspett importanti għal parametri referenzjarji sostenibbli affidabbli).

4.2.5. Il-KESE jilqa' l-pjan bil-valutazzjoni tal-impatt sabiex jizjed l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE għall-2030 li huwa skedat li se jiġi pplanat sas-sajf 2020, u li jinkludi analiżi tal-ħtiġijiet ta' investiment. Barra minn hekk, il-KESE jesiġi wkoll speċifikazzjoni tal-impatt relatat mal-progress fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU u tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

4.2.6. L-istituzzjonijiet tal-awditjar u korpi pubbliċi oħrajn ta' monitoraġġ, bħall-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għandu jkollhom ukoll rwol komplementari fil-monitoraġġ tal-impatti soċjali tal-miri ta' tnaqqis imsemmija hawn fuq.

4.2.7. Il-KESE jenfasizza l-potenzjal tal-big data u tal-intelliġenza artifiċjali biex il-preferenzi tal-investituri jiġu allinjati mad-destinazzjoni tal-investimenti. Soluzzjonijiet ta' tagħlim awtomatiku għandhom jiġu analizzati wkoll sabiex jidderieġu mill-ġdid il-flussi ta' investiment lejn setturi jew attivitajiet speċifiċi li jinkludu l-prinċipji Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG).

4.3. Assistenza teknika

4.3.1. Il-bini ta' kapaċità preċedenti tal-KE u taċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti huwa bażi tajba għall-ħolqien ta' medda ta' proġetti sostenibbli, iżda jridu jiġu applikati metodoloġiji aktar robusti li jippermettu riorjentazzjoni vera tal-flussi finanzjarji lejn l-ekonomija ekoloġika.

4.3.2. Il-KESE jaqbel mal-provvista ta' punt uniku ta' dħul sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament permezz ta' promoturi tal-proġetti pubbliċi u privati u permezz ta' intermedjarji finanzjarji. Fil-każ tal-SMEs, il-KESE jappoġġja l-kollaborazzjoni strutturali mal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tiegħu.

4.4. Edukazzjoni finanzjarja (id f'id mal-assistenza teknika)

4.4.1. Għaċ-ċittadini, sa mill-istadju tal-iskola preprimarja: iċ-ċittadini Ewropej qed ikunu dejjem aktar interessati li t-tfaddil u l-investimenti tagħhom ikunu marbutin ma' objettivi soċjali u ambjentali. Il-litteriżmu finanzjarju (fehim fil-fond ta' kif jaħdmu l-finanzi) jista' jkun ta' għajjnuna sabiex iċ-ċittadini jingħataw is-setgħa u jsiru informati aktar dwar kwistjonijiet relatati mal-finanzjament sostenibbli, inkluża d-definizzjoni tar-rwol xieraq tal-finanzjament fis-soċjetà.

4.4.2. Dan huwa rilevanti għall-korpi tekniċi kollha involuti fil-proċess tal-Patt Ekoloġiku u għall-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili.

⁽⁹⁾ Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni.

⁽¹⁰⁾ Opinjoni tal-KESE tas-17 ta' Ottubru 2018 dwar *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm InvestEU* (ĠU C 62, 15.2.2019, p. 131).

4.5. *Is-sostenibbiltà tal-ħiliet għan-negozju*

4.5.1. Il-KESE jenfasizza li l-adozzjoni u t-tixrid ta' teknoloġiji ġodda jesiġu ħiliet fl-applikazzjoni, fl-adattament u fil-manutenzjoni tat-teknoloġija. Il-ħiliet huma kruċjali wkoll għall-ekonomija u għan-negozji, għall-ħaddiema u għall-intraprendituri, sabiex jadattaw rapidament għat-tibdil miġjub minn politiki ambjentali jew mit-tibdil fil-klima. Il-ħiliet it-tajbin għall-impjiegi ekoloġiċi huma prerekwiżit sabiex isseħħ it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika.

4.5.2. Il-KESE jindika li objettiv importanti għall-adattament għal impjiegi u għal rekwiżiti tal-impjiegi li qed jinbidlu huwa li l-ħaddiema għandhom jinżammu aġġornati bil-ħiliet il-ġodda meħtieġa fl-ekonomija ekoloġika. Għandu jkun hemm strateġija ċara dwar it-tbassir tal-ħiliet u pjan direzzjonali dwar il-ħiliet sabiex il-forza tax-xogħol issir u tinżamm adatta għall-ħtiġijiet industrijali tal-ġejjieni, u, għalhekk, l-investment fl-edukazzjoni u fit-taħriġ kif ukoll it-tisħiħ tal-kultura tat-tagħlim tul il-ħajja għandhom ikunu pedament ta' tranżizzjoni reġjonali ġusta.

4.6. *Akkwist pubbliku soċjalment responsabbli*

4.6.1. L-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli huwa l-bażi għat-tranżizzjoni ekoloġika mill-amministrazzjonijiet u għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, inkluża l-promozzjoni ta' Prattika responsabbli permezz tal-fornituri ta' servizzi.

4.6.2. Il-KESE jappoġġja l-kriterji jew il-miri ekoloġiċi obligatorji minimi għall-akkwist pubbliku fl-inizjattivi settorjali, fil-finanzjament mill-UE jew fil-leġislazzjoni speċifika għall-prodotti permezz ta' indikaturi ambjentali fid-dawl tal-progress tal-UE fit-tassonomija. F'dan ir-rigward, hemm bżonn ta' Skemi ta' Informazzjoni dwar it-Tikkettar Ambjentali (ELIS) aktar olistiċi, trasparenti u simplifikati, li juru konformità ma' għanijiet sostenibbli stretti.

4.7. *Il-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta*

4.7.1. Il-KESE jilqa' l-JTM, li għandu potenzjal kbir sabiex jiffaċilita t-tranżizzjoni ekoloġika f'setturi u f'reġjuni speċifiċi. Huwa jinnotta li ma jridx jillimita lill-nnifsu għall-finanzjament tal-proċessi ta' dekarbonizzazzjoni u għandu jiġi implimentat b'mod parallel mal-mekkaniżmi ta' stabbilizzazzjoni ad hoc, filwaqt li jibbenefika lil setturi u reġjuni oħra li qed jesperjenzaw sitwazzjonijiet ekonomiċi avversi u jeħtieġu riformi strutturali.

4.7.2. Il-JTM jirrappreżenta taħlita bbilanjata ta' sussidji u ta' strumenti finanzjarji, bejn programmi li huma ġestiti fuq bażi ċentrali jew kondiviżi, bejn tipi differenti ta' sorsi finanzjarji kif ukoll kompetenzi u responsabbiltajiet f'diversi livelli (tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali kif ukoll muniċipali). Għaldaqstant, din it-taħlita oriġinali se tkun tesiġi livell ġdid ta' governanza u ta' ġestjoni.

4.7.3. Il-JTM għandu joħloq impjiegi ta' kwalità ġodda fir-reġjuni affettwati. Il-KESE jindika li d-diskrepanzi fil-ħiliet diġà huma rikonoxxuti mill-ILO bħala limitazzjoni kbira f'numru ta' setturi, bħall-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u fl-użu tar-riżorsi, it-tiġdid enerġetiku tal-bini, il-kostruzzjoni b'enerġija żero, is-servizzi ambjentali, u l-manifattura.

4.7.4. Il-KESE jappella għal koerenza b'saħħitha bejn il-Pjan ta' Azzjoni ppjanat għall-Ekonomija Soċjali fl-2021 u l-Pjan ta' Investment għal Patt Ekoloġiku Ewropew sabiex dawn jinvolvu investimenti tal-ekonomija soċjali fl-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta.

4.7.5. Il-JTM irid iqis ukoll l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni preċedenti li ħa kull pajjiż u r-reġjuni tiegħu mill-1990 'l hawn⁽¹¹⁾, sabiex dawn ikunu jistgħu jaċċessaw il-fondi wkoll u ma jkunux ippenalizzati talli għamli dan ix-xogħol qabel. Għal dan l-għan, il-Eurostat għandu jtejjeb il-pubblikazzjoni tal-indikaturi tiegħu tal-konverġenza u tad-diverġenza reġjonali (inklużi t-telf u t-tixjiħ tal-popolazzjoni) sabiex dawn it-territorji jkun jistgħu jibbenefikaw ukoll.

⁽¹¹⁾ Provinċji affettwati mill-għeluq tal-operazzjonijiet tal-estrazzjoni tagħhom skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/787/UE.

4.8. *Sforz globali permezz ta' kooperazzjoni internazzjonali*

4.8.1. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien riċenti tal-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzjament Sostenibbli ⁽¹²⁾, li qed tkattar il-kapital privat favur il-finanzjament ambjentalment sostenibbli fil-livell globali. Dan il-forum għandu jintuża wkoll sabiex ihegġegħ l-adozzjoni internazzjonali tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet.

4.8.2. Il-KESE jinnota wkoll li huma meħtieġa investimenti ambjentali u klimatiċi sabiex jiġu appoġġjati azzjonijiet barra mill-UE, speċjalment fi ħdan il-qafas tal-istrateġija għall-Afrika.

4.8.3. Fil-qafas tar-Rispons Globali għall-Coronavirus, il-KESE jappoġġja bil-qawwa l-kampanja ta' mobilizzazzjoni globali biex jinġabru fondi għad-dijanostika, it-trattament u l-vaċċin b'rabta mal-coronavirus.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹²⁾ Il-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzjament Sostenibbli tnediet fit-18 ta' Ottubru 2019 mill-awtoritajiet pubbliċi mill-Arġentina, mill-Kanada, miċ-Ċili, miċ-Ċina, mill-Indja, mill-Kenja, mill-Marokk u mill-Unjoni Ewropea, li flimkien jirrappreżentaw kważi nofs l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tad-dinja

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward tal-aġġustamenti, b’rispons għall-pandemija tal-Covid-19”

(COM(2020) 310 final — 2020/0066 (COD))

(2020/C 311/10)

Relatur ġenerali: **Giuseppe GUERINI**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 6.5.2020 Parlament Ewropew, 13.5.2020
Bażi legali	Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	L-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Deċiżjoni tal-Bureau	30.4.2020
Adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	208/2/5

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-KESE jilqa’ l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea li tintroduċi emendi għar-Regolamenti (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward tal-aġġustamenti b’rispons għall-pandemija tal-COVID-19.

1.2. Peress li l-UE qed tiffaċċja kriżi mingħajr preċedent, huwa meħtieġ rispons daqstant straordinarju. Il-proposta għandha tiġi adottata malajr kemm jista’ jkun sabiex il-flus rilaxxati jkunu jistgħu jintużaw bl-aktar mod effettiv biex jiġi indirizzat l-impatt li l-COVID-19 qed ikollu u se jkompli jkollu.

1.3. Il-KESE jaqbel mad-deċiżjoni li tiġi posposta l-implimentazzjoni ta’ Basel 3+ introdotta mill-Kumitat ta’ Basel u approvata mill-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, dan il-posponiment ma għandux sempliċement jikkonferma r-regoli eżistenti, u għalhekk il-proposta għar-reviżjoni tad-direttivi u r-regolamenti hija xierqa.

1.4. Il-KESE jissuġġerixxi wkoll li, qabel ma jerġa’ jinbada l-proċess ta’ implimentazzjoni, il-valutazzjoni bir-rekka tal-bidliet li se jseħħu fl-istituzzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji f’dan il-perjodu diffiċli tkun tal-akbar importanza għall-adattament tas-sistema regolatorja Ewropea. Jista’ jkun hemm bżonn ta’ valutazzjonijiet tal-impatt ġodda.

1.5. Bl-istess mod, il-KESE jinsab imħasseb dwar l-impossibbiltà immaġinabbli li jintlaħqu skadenzi regolatorji oħra li jinsabu f’dan l-istadju, minħabba l-isfidi operattivi li l-banek (u l-awtoritajiet) qed jiffaċċjaw. Dan huwa b’mod ċar il-każ tal-qafas il-ġdid dwar ir-riskju tar-rata tal-imgħax fil-Portafoll Bankarju (IRRBB), li għandu jibda jiġi applikat minn Ġunju 2021, filwaqt li r-regolamenti ta’ implimentazzjoni relatati għadhom mhumiex disponibbli. Dan huwa wkoll il-każ tal-NSFR (li huwa mistenni li jibda japplika minn Ġunju 2021).

1.6. Għalhekk jista’ jkun xieraq li jiġu stabbiliti posponiment raġonevoli għall-aspetti CRR II u CRD5, kif ukoll għal-linji gwida tal-EBA dwar l-oriġinazzjoni u l-monitoraġġ tas-self u l-linji gwida dwar id-definizzjoni l-ġdida ta’ inadempjenza. Inkella, bħal fil-każ tal-NSFR, jista’ jkun xieraq li jiġi previst perjodu ta’ introduzzjoni gradwali ta’ tliet snin (simili għal-LCR), li jippreserva l-intenzjoni oriġinali tal-leġislaturi li l-banek jingħataw sena minn wara l-adozzjoni biex jimplementaw ir-regoli l-ġodda.

1.7. Għandhom isiru konsiderazzjonijiet simili fir-rigward tal-konformità mal-obbligi introdotti mid-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament u tal-Kunsill kif ukoll mir-Regolament (UE) 2019/877 dwar il-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u r-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Minħabba l-pressjoni fuq l-attività ta' kreditu u t-talbiet mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nfishom biex jużaw ir-riservi kapitali biex tiġi evitata l-kriżi tal-kreditu, ikun xieraq li jiġu riveduti u posposti l-iskadenzi stabbiliti mid-direttiva u mir-regolament imsemmija hawn fuq biex jintlaħqu l-oġettivi vinkolanti tal-MREL.

1.8. Il-KESE jaqbel mal-proposta tal-Kummissjoni li jiġu adattati d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali li jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jtaffu l-impatt fuq il-fondi tagħhom stess tad-dispożizzjonijiet u l-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu (ECL) skont l-IFRS 9. Madankollu, il-KESE jemmen li l-proposta hija biss l-ewwel pass lejn l-għan li jittaffew l-impatti tar-reċessjoni, iżda li mhijiex effettiva u adegwata biex iżżomm kundizzjonijiet ekwi fost l-intermedjarji Ewropej. Għal din ir-raġuni, jemmen li l-proposta tista' tiġi integrata bil-miżuri li ġejjin:

- l-estensjoni tal-komponent dinamiku "għdid" imkejjel fl-1 ta' Jannar 2020 inkluż għall-kreditu li beda jiddeterjora mill-1 ta' Jannar 2020 (jew data oħra aktar tard meqjusa utli u f'konformità mad-data tal-bidu tal-pandemija);
- in-nuqqas ta' sostituzzjoni tal-fattur ta' skala bl-ipeżar uniku ta' 100 %, intervent għal self lil klijenti fil-livell tal-konsumatur. Tali intervent ma jirrikonossix ir-riskju differenti inerenti fil-kategoriji ta' dawk li għeneralment jissellfu għall-maġġoranza tal-banek kummerċjali u, b'mod ħafna aktar sinifikanti, tal-banek lokali. Dan jirreferi speċifikament għall-familji u l-SMEs. L-esponimenti assoċjati ma' din il-kategorija ta' dawk li jissellfu jgawdu minn trattament prudenzjali speċifiku għall-finijiet tar-rekwiżiti kapitali. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni tal-fattur ta' skala bl-ipeżar uniku ta' 100 % tirriżulta fi profili sinifikanti, jekk mhux kompletament insormontabbli, ta' profili ta' applikazzjoni għall-banek li japplikaw il-metodu standard u jagħmlu użu mill-proċess tal-protokoll għal finijiet ta' rappurtar. Bħala alternattiva għad-dispożizzjoni proposta mill-Kummissjoni, intervent rigward it-trattament ta' tassazzjoni assoċjata msemmija fil-punt a) tal-istess paragrafu 7 jista' jitqies bħala miżura ta' simplifikazzjoni operattiva effettiva minflok il-kanċellazzjoni tal-punt b);
- l-estensjoni tal-perjodu ta' introduzzjoni gradwali wkoll għall-komponent statiku, imkejjel fl-1 ta' Jannar 2018, bl-introduzzjoni tal-istandard il-għdid tal-IFRS 9 (Standards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju), li tirrikjedi li l-banek jagħtu attenzjoni partikolari lill-impatt fil-kuntest tal-Adozzjoni għall-Ewwel Darba (FTA), għandha impatti fuq il-valutazzjoni fix-"xenarju tal-bejgħ" anke tal-pożizzjonijiet improduttivi u li illum jirrappreżentaw l-akbar komponent tal-ammont kollu tal-FTA.

1.9. Il-KESE jqis li huwa utli li jiġi estiż it-trattament applikabbli bħalissa għall-esponimenti fuq self improduttiv (NPE) iggarantiti jew assigurati minn aġenziji uffiċjali ta' kreditu għall-esportazzjoni, għall-NPEs determinati bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 u li huma koperti mid-diversi garanziji stabbiliti mill-Istati Membri. Madankollu, jekk l-għan ta' din l-emenda huwa li jinkiseb rikonossiment li l-garanziji pubbliċi għandhom l-istess effett ta' mitigazzjoni tar-riskju bħal dawk ipprovduti mill-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECA), il-limiti ta' żmien għandhom ikunu allinjati wkoll. Fil-fatt, jekk l-għan huwa li jinkiseb allinjament sħiħ fit-trattament ta' dawn il-garanziji, il-limitu ta' 7 snin għall-applikazzjoni ta' dan it-trattament, propost mill-Kummissjoni, għandu jiġi emendat.

1.10. Filwaqt li jikkunsidra li kull sforz huwa meħtieġ biex il-banek jingħataw spinta biex jappoġġjaw aħjar l-ekonomija reali, il-KESE jappoġġja l-proposta li għandha l-għan li tantiċipa d-dati tal-applikazzjoni ta' wħud mill-aktar kalibrazzjonijiet korretti tal-assorbiment tal-kapital maħsuba fis-CRR (Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital) iżda li għandhom ma japplikawx, bħad-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ta' ċerti tipi ta' self iggarantiti minn pensjonijiet jew salarji, jew il-fattur ta' sostenn għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jew il-fattur ta' sostenn għid għall-finanzjament tal-infrastruttura.

1.11. L-investimenti fl-infrastruttura se jkollhom importanza kbira fil-perjodu li jmiss, u għalhekk il-KESE jemmen li huwa xieraq li jiġu ssimplifikati l-kriterji kumplessi u ta' piż definiti mill-Artikolu 501a tas-CRR relatati ma' proġetti li jippermettu rikonossiment aktar faċli għall-applikazzjoni ta' trattamenti prudenzjali preferenzjali pprovduti f'dan ir-rigward (pereżempju, billi jiġu eliminati r-rekwiżiti definiti fil-punti b), d), g), i), l), tal-paragrafu 1 u l-punt a) tal-paragrafu 2).

1.12. Fil-kuntest usa' tar-reviżjoni tal-baġit pluriennali Ewropew, hija kruċjali l-istrateġija l-għdida ta' rkupru ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea fit-28 ta' Mejju bil-pjan #NextGenerationEU, li rriżultat f'interventi straordinarji b'reazzjoni għall-kriżi kkawżata mill-pandemija. Din l-istrateġija għandha tikkomplementa l-Pjan ta' Investiment għall-Patt Ekoloġiku, imniedi fl-ewwel tliet xhur tal-2020 b'appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea sostenibbli.

1.13. Fir-rigward tal-fatturi ta' sostenn fis-CRR, il-KESE jappoġġja l-ħtieġa li jiġi introdott fattur ta' sostenn ekoloġiku u soċjali, li jippermetti li jitnaqqas l-assorbiment tal-kapital, għas-self żborżat mill-banek favur l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u dawk verament involuti fi programmi ta' żvilupp sostenibbli u inklużivi.

1.14. B'referenza għall-qafas regolatorju dwar dejn li ma jstax jitħallas lura, ta' min jinnota li l-COVID-19 inevitabbilmment se jinfluwenza s-suq tas-self improduttiv (NPL) f'ħafna modi. F'dan il-kuntest, u meta wieħed iqis li l-emerġenza attwali inevitabbilmment taffettwa s-suq u tnaqqas ir-ritmu tal-proċeduri ta' ċessjoni, il-KESE jitlob modifika temporanja tar-Regolament (UE) 2019/630 tal-Parlament u tal-Kunsill fir-rigward tal-kopertura minima ta' telf fuq esponimenti indeboliti.

1.15. Huwa estremament importanti li jiġu stabbiliti swieq privati tas-self improduttiv, bl-ikbar numru ta' parteċipanti u xerrejja possibbli, sabiex jiġi evitat kull trasferiment ta' ġid mis-settur bankarju għas-settur tal-fondi (li mhux soġġett għall-istess regoli), mill-ekonomiji lokali, nazzjonali u Ewropej lil operaturi bi kwartieri ġenerali reġistrati u fiskali f'kuntesti oħra.

1.16. Il-KESE jqis l-introduzzjoni temporanja tal-hekk imsejjaħ "filtru prudenzjali", diġà maħsub fil-qafas ta' Basel II, bħala neċessarja biex jitneħħew il-qligħ jew it-telf mhux realizzati rappurtati fir-rapporti finanzjarji. Fil-fatt, fost l-effetti tal-pandemija, hemm żieda notevoli fil-volatilità inkluż għal titoli li huma tradizzjonalment inqas sensitivi. F'dawn il-kundizzjonijiet tas-suq, u filwaqt li jitqies l-appoġġ sinifikanti mogħti mill-banek għad-dejn pubbliku, sabiex tiżdied l-istabbiltà tal-kapital regolatorju, għandhom jitnaqqsu l-effetti tal-volatilità fuq it-titoli minbarra dawk li jinsabu fil-portafoll tan-negożjar.

1.17. Wara l-proposta tal-Kummissjoni u b'referenza għar-riskju tas-suq, f'konformità mal-linji gwida tal-BĊE maħruġa fis-16 ta' April, il-qafas tal-livell 1 għandu jiġi mmodifikat sabiex jitneħħew ir-rabtiet attwali bejn il-volatilità u l-assorbiment tal-kapital fil-banek (il-multiplikatur tal-VaR). Dan huwa meħtieġ peress li, minħabba l-COVID-19, is-suq diġà wera livell għoli ta' volatilità, li rriżulta f'żieda sinifikanti fl-assorbiment tal-kapital tal-istituzzjonijiet.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Il-konsegwenzi serji li se jkollha l-pandemija tal-COVID-19 se jeħtieġu t-teħid ta' miżuri urġenti biex jappoġġjaw l-ekonomija Ewropea u jergġhu jibdeu l-attivitajiet ekonomiċi fil-Istati Membri tal-UE. F'dan il-kuntest, huwa importanti ħafna li jiġi evitat li r-reċessjoni, mingħajr protezzjoni leġislattiva xierqa, tispiċċa tkisser aktar il-varjetà diġà mdgħajfa tas-settur bankarju tal-UE: b'mod partikolari, aħna nemmnu li l-funzjoni speċifika tal-banek komunitarji u territorjali, speċjalment għal dawk b'parteċipazzjoni qawwija mifruxa u tipika tal-banek kooperattivi, għandha tkun protetta u msaħħa.

2.2. Fit-28 ta' April 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pakkett ta' miżuri bankarji li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kompitu tal-banek fil-promozzjoni ta' finanzjamenti għan-negożji u l-familji mmirati biex itaffu l-impatt ekonomiku sinifikanti tal-COVID-19. Il-pakkett jikkonferma d-dikjarazzjonijiet reċenti dwar l-użu tal-flessibilità fl-istandards tal-kontabilità u dawk prudenzjali maħruġa minn korpi tal-istandards internazzjonali u mill-awtoritajiet Ewropej rilevanti, kif ukoll minn diversi emendi proposti għall-istandards bankarji tal-UE. Dawn l-emendi għandhom jiġu adottati mingħajr dewmien sabiex tittejjeb il-kapaċità tas-sistema bankarja li toħroġ self u tassorbi t-telf matul il-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li tinżamm konsistenza mar-regoli prudenzjali.

2.3. Il-KESE jilqa' b'mod favorevoli l-ewwel miżuri deċiżi u l-ewwel indikazzjonijiet espressi mill-awtoritajiet settorjali Ewropej, jiġifieri l-EBA, l-ESMA u l-BĊE/MSU. Dawn id-deċiżjonijiet u linji gwida li għandhom l-għan li jżguraw flessibilità akbar fil-qafas regolatorju attwali jmorru fid-direzzjoni t-tajba biex jindirizzaw l-ewwel fażi ta' din l-emerġenza. Il-KESE jaqbel mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni li għandha l-għan li tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-miżuri adottati mid-diversi entitajiet li jiffurmaw is-sistema Ewropea tas-superviżuri. L-uniformità tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tiżgura effettività akbar tal-miżuri nfishom.

2.4. Madankollu, il-KESE jemmen li l-miżuri proposti mhumiex konklużivi fir-rigward tat-tbassir tar-reċessjoni li hija mistennija wara l-impatti tal-pandemija. Il-COVID-19 hija emerġenza straordinarja b'riperkussjonijiet ekonomiċi u soċjali sinifikanti. L-istituzzjonijiet Ewropej kollha jridu jirreaġixxu biex inaqqsu l-impatt fuq l-ekonomija reali, anke b'għażliet kuraġġużi ta' diskontinwità.

2.5. F'dan il-qasam, il-KESE jinnota li ngħatat attenzjoni partikolari lill-applikazzjoni ta' miżuri ta' tolleranza u strumenti ta' inadempjenza u l-impatt tagħhom fuq ir-riklassifikazzjoni potenzjali tad-debituri skont ir-regoli prudenzjali u l-istandards tal-kontabilità tal-IFRS u għat-trattament tal-garanziji pubbliċi u tas-self improduttiv (NPL).

2.6. Biex ilaħħqu mal-emerġenza, il-KESE jenfasizza li l-istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej kollha qed jipprovdu għodod differenti biex jappoġġjaw l-ekonomija reali. Fost l-oħrajn, il-banek qed jipprovdu strumenti ta' inadempjenza, miżuri ta' tolleranza, ħlas bil-quddiem fuq il-benefiċċji tal-qgħad u għajnnuna straordinarja oħra lil korporazzjonijiet, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, SMEs u familji. Din l-għajnnuna finanzjarja hija bbażata fuq digrieti nazzjonali jew fuq skemi volontarji.

2.7. Madankollu, minħabba l-impatt serju u mingħajr preċedent tal-pandemija, il-KESE jtenni li l-miżuri msemmija hawn fuq mhumiex biżżejjed.

2.8. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-KESE jilqa' l-"Proposta fir-rigward tal-aġġustamenti, b'rispons għall-pandemija tal-Covid-19" immedija mill-Kummissjoni fit-28 ta' April li għadda.

2.9. Il-KESE huwa tal-fehma li, minbarra li għandu jittieħed vantaġġ sħiħ mill-flessibilità permessa fil-qafas eżistenti, ċerti bidliet limitati għal aspetti speċifiċi tas-CRR huma neċessarji sabiex tiġi massimizzata l-abbiltà tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jappoġġjaw l-ekonomija u fl-istess ħin jassorbu t-telf marbut mal-pandemija tal-COVID-19, filwaqt li jibqgħu jiggwarantixxu r-reżiljenza kontinwa tagħhom. Barra minn hekk, fil-livell internazzjonali, il-BCBS għamel ftehim dwar dewmien ta' sena fl-iskadenza għall-implimentazzjoni tal-elementi finali tal-qafas Basel III, li xi elementi minnhom kienu diġà ġew inkorporati fis-CRR, kif ukoll flessibilità akbar tal-impatt tal-IFRS 9 fuq il-kapital. Dawn il-bidliet għandhom jiġu riflessi fir-regoli eżistenti.

2.10. L-impatt tal-pandemija se jaffettwa s-suq tas-self improduttiv b'diversi modi: il-proċedimenti ġudizzjarji ġew sospiżi u/jew differiti għall-ġimgħat li rriżultaw f'dewmien fil-proċeduri ta' rkupru tas-self improduttiv. Proċessi ta' rkupru mhux ġudizzjarji wkoll se jkunu mġiegħla jnaqqsu r-ritmu.

2.11. Bħala konsegwenza, il-proċessi ta' żvestiment tas-self improduttiv se jiġu affettwati wkoll u t-tnaqqis fil-prezzijiet tas-self improduttiv se jdum għal tal-anqas 24 xahar. Dan jista' jkun ukoll ta' vantaġġ għax-xerrejja mhux bankarji li jispeċjalizzaw fis-self improduttiv. Dawn ix-xerrejja mhumiex soġġetti għar-regolamentazzjoni prudenzjali Ewropea, li jpoġġi l-banek tal-UE fi żvantaġġ evidenti u jwassal għal trasferiment ta' ġid mis-settur bankarju lil entitajiet mhux regolati, eżattament fi żmien meta għandna bżonn li l-banek jappoġġjaw l-irkupru ekonomiku, speċjalment wara li kkanċellaw id-dividendi.

2.12. F'dan il-kuntest, u meta wieħed iqis li l-emerġenza attwali inevitabbilmment taffettwa s-suq u tnaqqas ir-ritmu tal-proċeduri tat-tkeċċija, il-KESE jitlob emenda temporanja tar-regolament ta' garanzija ta' kontinġenza fiskali dwar is-self improduttiv kif deskritt hawn fuq.

2.13. L-Artikolu 473(a) tal-CRR fih dispożizzjonijiet tranżizzjonali li jippermettu lill-istituzzjonijiet jintegraw mill-ġdid parti mill-impatt tad-dispożizzjonijiet fil-kapital primarju tagħhom minħabba l-introduzzjoni tal-mudell ta' indeboliment tal-ECL skont l-IFRS 9. Id-dispożizzjonijiet introdotti jippermettu, l-ewwel nett, li jiġi newtralizzat parzjalment l-impatt miġsub bl-applikazzjoni tal-mudell il-ġdid ta' indeboliment fuq skoperturi, u, it-tieni nett, li jittaffa l-impatt taż-żieda addizzjonali fit-tniżil fil-valur registat minn żmien għal żmien.

2.14. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi avviċinament lejn l-għan li jittaffew l-impatti tar-reċessjoni, li huma konsiderevolment kritiċi, iżda mhix biżżejjed biex tiggarrantixxi li jinżammu l-kundizzjonijiet ekwi ta' istituzzjonijiet tal-kreditu Ewropej. Peress li waħda mill-konsegwenzi ewlenin tal-kriżi se tkun iż-żieda fil-livelli ta' deterjorament, il-mitigazzjoni tal-impatt tal-kriżi b'referenza għall-komponent tal-esponimenti produttivi biss għandha tiġi estiża għall-kreditu li ddeterjora wara li tfaċċat il-pandemija fl-Ewropa (Jannar 2020).

2.15. Kif intqal diġà, is-sistema soċjoekonomika tal-Unjoni se tkun ittestjata sew bl-impatt li l-pandemija se jkollha fuq l-ekonomija reali fix-xhur li ġejjin. Huwa meħtieġ li jiġi kkunsidrat mill-ġdid it-tessut produttiv Ewropew. Aħna għalhekk nemmnu li din l-isfida enormi tista' tinbidel f'opportunità biex jinbena mudell ekonomiku Ewropew li jkun aktar sostenibbli mil-lat ambjentali u aktar inklużiv mill-perspettiva soċjali. F'dan ix-xenarju, il-banek lokali li għandhom kwalunkwe natura legali (kemm tal-kapital kif ukoll ta' individwi jew kooperattivi), min-natura tagħhom stess deċentralizzati u mqasma

b'mod wiesa' fit-territorju kollu, jistgħu u għandu jkollhom rwol fundamentali fit-tqassim ta' inċentivi, u jadattaw perfettament għar-rwol tal-katina tad-distribuzzjoni tal-valur minn istituzzjonijiet ċentrali sa realtajiet lokali aktar remoti. Għal din ir-raġuni, l-importanza strateġika tal-banek komunitarji għandha tkun rikonoxxuta u msaħħa.

2.16. Il-pandemija wriet minn naħa li, fejn hemm tessut soċjali koeżiv u preżenza importanti ta' organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, ir-rispons ta' solidarjetà, inkluż f'forma ta' intrapriżi soċjali, kien fattur importanti ta' reżiljenza; min-naħa l-oħra, il-preżenza ta' organizzazzjonijiet ta' intraprenditorija soċjali se tkun ta' importanza kbira biex terġa' titnieda sistema ekonomika inklużiva u sostenibbli, li tnaqqas ir-riskju li setturi ekonomiċi sħaħ jistgħu jiġġarfu. Għal din ir-raġuni, il-KESE jappoġġja l-hteġa li jiġi introdott fattur ta' sostenn ekoloġiku u soċjali fis-CRR, li jippermetti li jitnaqqas l-assorbiment tal-kapital, għas-self maħruġ mill-banek favur l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali.

2.17. Barra minn hekk, l-Artikolu 501(c) tas-CRR 2 jipprevedi li sal-2025 l-EBA tippromovi studju fil-fond biex tivverifika l-possibbiltà li tiġġustifika l-introduzzjoni ta' trattament prudenzjali speċifiku għal esponimenti relatati ma' assi jew attivitajiet b'dawn il-karatteristiċi.

2.18. Il-KESE jemmen li huwa utli li dan il-fattur ta' sostenn jiġi introdott qabel l-2025, meta jista' jkun tard wisq u jkollu effetti diżastrużi, biex tiġi adottata miżura ta' appoġġ li tippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu aktar kreditu u riżorsi lil dawn is-setturi strateġiċi li bħalissa jinsabu f'diffikultà.

2.19. Matul din il-fażi ta' emerġenza, ġew osservati eżempji ta' kif l-intrapriżi soċjali jistgħu jiggerantixxu reżiljenza akbar lill-komunitajiet fejn huma jagħtu s-servizzi tagħhom; f'ħażna każi saħansitra jingħaqdu jew jissostitwixxu amministrazzjonijiet pubbliċi fejn dawn ma jkunux jistgħu jlaħħqu mal-bżonnijiet. Aħna għalhekk nissuġġerixxu li titqassar konsiderevolment l-iskadenza tal-mandat mogħti lill-EBA mil-leġislaturi u jitħaffef il-proċess ta' stabbiliment ta' fattur ta' sostenn għas-sostenibbiltà. Il-perspettiva mikroprudenzjali għandha f'dan il-każ tiġi kkoreġuta u bbilanċjata mill-ġdid permezz ta' perspettiva sistemika, makroprudenzjali u fl-istess ħin soċjali.

2.20. Il-KESE jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li l-antiċipazzjoni għall-1 ta' Lulju tad-data tal-applikazzjoni taż-żewġ fatturi ta' sostenn, it-trattament preferenzjali ta' ċerti assi tas-software u t-trattament preferenzjali ta' ċertu self iggarantit mill-pensjonijiet jew il-pagi, għandha tirrilaxxa l-fondi proprji tal-istituzzjonijiet, li jippermettilhom iżidu s-self meħtieġ waqt il-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha. It-tmexxija 'l quddiem sal-1 ta' Jannar 2021 tal-fatturi ta' appoġġ⁽¹⁾ għall-ekonomija soċjali reali u l-ekonomija ekoloġika wkoll għandu jkollha b'mod ċar effett pożittiv.

2.21. Il-bidliet proposti mill-Kummissjoni mhux se jibdlu sostanzjalment il-qafas regolatorju prudenzjali u jiffaċilitaw l-isforzi kollettivi biex itaffu l-impatt tal-pandemija u għalhekk irkupru mgħaġġel. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li jkun xieraq li jiġu posposti l-kurvi ta' proviżjonament attwali relatati ma' self indebolit għal perjodu ta' 24 xahar biex jirrispondu għall-hteġa li jiġu żgurati flussi ta' finanzjament adegwati li kapaċi jillimitaw l-impatt tal-pandemija. Mingħajr dan l-intervent, il-banek isibu ruħhom f'sitwazzjoni b'żewġ sistemi ta' inċentivi kontradittorji inerenti fir-regoli: minn naħa, dawk il-miżuri kollha li għandhom it-tendenza li jirrilaxxaw il-kapital tal-banek għal self ġdid jew, fi kwalunkwe każ, biex jevitaw pressjoni eċċessiva fuq l-istess kapital (bħal pereżempju, ir-reviżjoni tar-regoli tranżitorji dwar l-IFRS9) u, min-naħa l-oħra, dawk ir-regoli li l-eżitu finali tagħhom jista' jipproduċi pressjoni enormi fuq il-kapital jew, fi kwalunkwe każ, jiskoraġġixxi lill-banek milli jipprovdu self f'ekonomija taħt stress biex jiġu evitati effetti negattivi fuq il-kapital. Jekk ma tiġix riveduta, il-garanzija ta' kontinġenza prudenzjali tista' tikkostitwixxi standard simili, li huwa ta' skoraġġiment f'xenarju ta' stress ekonomiku u ta' reċessjoni. L-aġġustament għandu japplika kemm għal self improduttiv garantit kif ukoll mhux garantit.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(1) Ara l-Artikolu 501(c) It-trattament prudenzjali ta' skoperturi relatati ma' oġġettivi ambjentali u/jew soċjali.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE biex tiġi indirizzata l-ħtieġa urġenti li jiġu posposti ċerti limiti ta’ żmien għall-preżentazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19”

(COM(2020) 197 final — 2020/0081 (CNS))

dwar “Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 fir-rigward tad-dati tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni minħabba t-tifqigħa tal-kriżi tal-COVID-19”

(COM(2020) 198 final — 2020/0082 (CNS))

dwar “Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2454 f’dak li jirrigwarda d-dati tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19”

(COM(2020) 201 final — 2020/0084 (CNS))

(2020/C 311/11)

Relatur ġenerali: **Petru Sorin DANDEA**

Konsultazzjoni	Kunsill, 13.5.2020 u 15.5.2020
Bażi legali	Artikoli 113 u 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonnement tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Deċiżjoni tal-President tal-KESE	14.5.2020
Adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni tal-plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	218/2/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Fid-dawl tal-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u t-tfixkil sinifikanti għall-ambjent tan-negozju minħabba l-miżuri ta’ eċċezzjoni li ttieħdu mill-Istati Membri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew japprova l-pakkett ta’ miżuri propost mill-Kummissjoni Ewropea, li għandu l-għan li jestendi ċerti skadenzi għall-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (id-Direttiva DAC) u li jipposponi l-pakkett dwar il-VAT applikabbli għall-kummerċ elettroniku transfruntier.

1.2. Skont l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-posponiment tal-iskadenzi previsti għall-applikazzjoni tal-iskema tal-VAT fuq il-kummerċ elettroniku transfruntier se jikkawża telf finanzjarju għall-Istati Membri li jqarreb lejn EUR 3 biljun. Madankollu, il-Kummissjoni turi li s-sistema ma tistax tiffunzjona tajjeb qabel id-data meta l-Istati Membri jkunu ppreparati kollha. Il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex is-sistema ssir operattiva hekk kif tingħeleb il-kriżi attwali.

1.3. Id-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (id-Direttiva DAC) u l-pakkett tal-VAT applikabbli għall-kummerċ elettroniku transfruntier huma parti mir-regoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. Il-KESE jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tiġġieled dawn il-fenomeni negattivi, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri tippermetti li jinkisbu riżultati tassew sinifikanti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex ifittxu jilhq u l-akbar kunsens possibbli fl-iqsar żmien possibbli, biex jagħmlu dawn il-miżuri applikabbli malajr.

1.4. Il-KESE jqis li l-Kummissjoni għandha tippovdi wkoll assistenza għat-taħriġ tal-persunal li ser juża s-sistema l-ġdida meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-iskema l-ġdida tal-VAT applikabbli għall-kummerċ elettroniku transfruntier.

2. Kuntest tal-proposta

2.1. Wara li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) ikklassifikat l-epidemija tal-COVID-9 bħala pandemija, numru ta' Stati Membri indikaw lill-Kummissjoni li minħabba miżuri ta' eċċezzjoni introdotti fil-livell nazzjonali, mhux se jkunu f'pożizzjoni la li japplikaw ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva DAC u lanqas li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tal-pakkett tal-VAT dwar il-kummerċ elettroniku.

2.2. Il-Kummissjoni nediet sett ta' proposti biex tappoġġja lill-Istati Membri f'dan il-kuntest ta' sfida. Il-proposti tal-Kummissjoni Ewropea ⁽¹⁾ huma maħsubin biex jipposponu ċerti skadenzi għall-implimentazzjoni jew it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet previsti skont id-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (id-Direttiva DAC) u d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995, kif ukoll ir-Regolament (UE) 2017/2454 li jirregola l-iskema tal-VAT applikabbli għall-kummerċ elettroniku transfruntier.

2.3. Fir-rigward tad-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (DAC), il-Kummissjoni tipproponi li l-iskadenzi għad-DAC2 u d-DAC6 jiġu posposti bi tliet xhur. B'mod aktar speċifiku, l-iskambju ta' informazzjoni taħt iż-żewġ Direttivi, li huma relatati rispettivament mal-kontijiet finanzjarji li l-benefiċjarji tagħhom huma residenti fi Stat Membru ieħor għal finijiet ta' taxxa, u mal-arranġamenti transkonfinali tat-taxxa, se jseħħ wara d-data sa meta l-Kummissjoni tipproponi d-differiment. F'każ li l-Istati Membri jkunu kostretti jrawlu l-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżuri ta' eċċezzjoni, il-Kummissjoni tipproponi li l-adozzjoni ta' atti delegat għandha tkun tista' testendi l-iskadenzi stabbiliti fil-pakkett attwali.

2.4. Fir-rigward tat-traspożizzjoni tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku, il-Kummissjoni tipproponi li tipposponi b'sitt xhur il-bidu tal-applikazzjoni. Is-sistema tal-VAT għall-kummerċ elettroniku tirrikjedi sistema tal-IT kompletament ġdida fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' Punt Uniku ta' Servizz tal-Importazzjoni.

2.5. L-inizjattiva tal-Kummissjoni hija konsistenti mal-miżuri l-oħra stabbiliti sal-lum u tindirizza t-talbiet ġustifikati minn ċerti Stati Membri, iżda wkoll minn kumpaniji ta' operaturi ta' servizzi postali u ta' servizzi ta' kurrier li, fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, esperjenzaw diffikultajiet biex jadattaw is-servizzi tagħhom għall-iskema l-ġdida tal-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-kriżi tas-saħħa relatata mal-COVID-19 ikkawżat f'fxkil soċjali u ekonomiku kbir. L-Istati Membri ħabbtu wiċċhom ma' sfidi mingħajr preċedent f'haġna oqsma. L-amministrazzjonijiet tat-taxxa indikaw li, f'dan il-kuntest kumpless, mhux ser ikunu f'pożizzjoni li japplikaw ċerti regolamenti. Il-pakkett regolatorju propost mill-Kummissjoni jestendi ċerti skadenzi previsti skont id-Direttiva DAC, iżda wkoll l-iskadenza għat-traspożizzjoni tal-iskema tal-VAT applikabbli għall-kummerċ elettroniku transfruntier. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iqis li l-estensjoni tal-iskadenzi hija meħtieġa u jaqbel mal-miżuri proposti mill-Kummissjoni.

3.2. Minħabba t-telf fid-dħul, kif stmat mill-Kummissjoni, li l-Istati Membri se jġarrbu minħabba l-posponimenti stipulati fis-sistema tal-VAT għall-kummerċ elettroniku transfruntier, il-KESE jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jegħlbu l-kriżi attwali u jerrġġu lura għal sitwazzjoni normali mill-aktar fis possibbli.

3.3. Minħabba l-inċertezza marbuta mal-perjodu sakemm il-ħajja u n-negozju taċ-ċittadini jerrġġu lura għan-normal, il-KESE jaqbel li l-Kummissjoni għandu jkollha l-possibbiltà li testendi l-iskadenzi stabbiliti fil-pakkett, abbażi ta' atti delegati.

3.4. Il-Kummissjoni għandha tippovdi assistenza teknika lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-IT meħtieġa għall-applikazzjoni tal-iskema tal-VAT fuq il-kummerċ elettroniku transfruntier. Il-KESE jqis li l-Kummissjoni għandha tippovdi wkoll assistenza għat-taħriġ tal-persunal li juża s-sistema l-ġdida.

(1) COM(2020) 197 final, Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE biex tiġi indirizzata l-ħtieġa urġenti li jiġu posposti ċerti limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni minħabba l-pandemija tal-COVID-19
COM(2020) 198 final, Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 f'dak li jrrigwarda d-dati tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID19
COM(2020) 201 final, Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2454 f'dak li jirrigwarda d-dati tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19

3.5. L-oġġettiv prinċipali tad-Direttiva DAC u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-sistema tal-VAT applikabbli għall-kummerċ elettroniku transfruntier huwa l-ġlieda kontra l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa. Il-KESE jirrikonoxxi l-isforzi li saru mill-Kummissjoni biex tiġġieled dawn il-fenomeni negattivi, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li kooperazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri tippermetti li jinkisbu riżultati tassew sinifikanti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri biex ifittxu jilhq u l-akbar kunsens possibbli fl-iqsar żmien possibbli, biex jagħmlu dawn il-miżuri applikabbli malajr.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 fir-rigward ta’ miżuri speċifiċi biex jingħata appoġġ temporanju eċċezzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR b’rispons għat-tifqigħa tal-COVID-19”

(COM(2020) 186 final — 2020/0075 (COD))

(2020/C 311/12)

Relatur uniku: **Arnold PUECH D’ALISSAC**

Konsultazzjoni	Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 12.5.2020 Parlament Ewropew, 13.5.2020
Bażi legali	Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjo- nament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adottata fis-sezzjoni	27.5.2020
Adottata fil-plenarja	L-Erbgħa, 10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	208/1/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-pandemija tal-COVID-19 qed ikollha impatt negattiv kbir fuq is-settur agrikolu u agroalimentari tal-UE. Għal din ir-raġuni, il-KESE jilqa’ l-miżura l-ġdida proposta mill-Kummissjoni Ewropea, iqisha għalkollox meħtieġa u jappella lill-istituzzjonijiet Ewropej biex jadottawha b’mod urġenti.

1.2. Il-kriżi turi n-natura ġeostrateġika tas-settur agroalimentari u l-ħtieġa li tinżamm l-awtosuffiċjenza tal-ikel fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-miżuri ta’ appoġġ għal-likwidità tal-azjendi agrikoli u l-SMEs agroalimentari huma essenzjali biex jiżguraw is-sopravivenza ekonomika tagħhom matul dan il-perjodu ta’ kriżi, b’mod partikolari fiż-żoni bi żvantaġġi u fiż-żoni iżolati bħall-gżejjer u l-muntanji.

1.3. Madankollu, peress li xi pajjiżi tal-UE diġà eżawrew il-fondi tagħhom taħt il-FAEŻR jew wettquhom, il-KESE jemmen li l-Kummissjoni Ewropea għandha tistabbilixxi fond straordinarju b’riżorsi mill-Pjan ta’ Rkupru barra mill-baġit tal-PAK biex timplimenta din il-miżura mingħajr ma jkollha tillimita l-fondi tal-FAEŻR. Fin-nuqqas ta’ dan, il-Kumitat iqis li għandhom jiġu adottati xi flessibbiltajiet addizzjonali fil-kuntest tal-FAEŻR fil-proposta leġiżlattiva inkwistjoni. Għalhekk jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew iqisu l-kummenti ġenerali msemmija f’din l-Opinjoni.

2. Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni

2.1. Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li temenda r-Regolament tal-FAEŻR sabiex l-awtoritajiet ta’ ġestjoni jkunu jistgħu jimmobilizzaw sa 1 % tal-baġit għall-2014-2020 għal miżura ġdida, imsejħa “Artikolu 39b”, appoġġ temporanju eċċezzjonali għall-bdiewa u l-SMEs attivi fl-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u/jew l-iżvilupp ta’ prodotti agrikoli partikolarment affettwati mill-pandemija tal-COVID-19.

2.2. Il-miżura proposta tikkonsisti f’għajjnuna b’rata fissa sa EUR 5 000 għal kull impriża agrikola u EUR 50 000 għal kull SME, imqasma skont kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, li għandha titħallas qabel il-31 ta’ Diċembru 2020.

3. Kummenti ġenerali

3.1. Il-KESE jilqa’ l-proposta għal regolament u l-veloċità li biha l-Kummissjoni Ewropea rreaġixxiet sabiex ittaffi l-fluss tal-flus ta’ kumpaniji f’diffikultajiet finanzjarji minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

3.2. Il-Kumitat jaqbel mal-miżura proposta u jqis li huwa importanti ħafna li l-istituzzjonijiet Ewropej jadottawha malajr kemm jista' jkun.

3.3. Madankollu, il-KESE jemmen li xi aspetti jistgħu jittejbu:

3.3.1. Sabiex ma jġugx limitati r-riżorsi tal-FAEŻR, għandu jiġi propost fond speċifiku addizzjonali b'riżorsi mill-Pjan ta' Rkupru futur biex jiffinanzja din il-miżura.

3.3.2. F'din l-aħħar sena tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, il-fondi disponibbli taħt il-FAEŻR ivarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor. Il-limitu massimu propost ta' 1 % tal-pakkett huwa meħtieġ u jiżgura armonizzazzjoni Ewropea li l-Kumitat dejjem jixtieq li jintlaħaq.

3.3.3. Madankollu, dan il-limitu massimu għandu jkun eżentat mir-restrizzjonijiet baġitarji tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, sabiex jippermetti lill-Istati Membri jiksibu dan il-limitu. Għalhekk, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jużaw il-fondi disponibbli u li jiksibu deroga mill-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, tkun xi tkun l-oriġini tal-fondi, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed.

Brussell, il-11 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni (kodifikazzjoni)”

(COM(2020) 49 final — 2020/0022 (CNS))

(2020/C 311/13)

Konsultazzjoni tal-Kunsill	25.2.2020
Bażi legali	Artikoli 113 u 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adottata fis-sessjoni plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	221/1/3

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u diġà ta fehmtu dwar is-suġġett fl-Opinjoni preċedenti tiegħu dwar *Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar miżuri biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni amministrattiva għall-għieda kontra l-frodi tal-VAT* adottata fil-15 ta' Mejju 2019 ⁽¹⁾, *Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward tal-arranġamenti transkonfinali rapportabbli* adottata fit-18 ta' Jannar 2018 ⁽²⁾, *Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni u Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern* adottati fit-28 ta' April 2016 ⁽³⁾, *L-ikkompletar tal-UEM – Ir-rwol tal-politika tat-tassazzjoni* adottata fl-10 ta' Diċembru 2014 ⁽⁴⁾ u *Il-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni* adottata fis-16 ta' Ottubru 2013 ⁽⁵⁾, iddeċieda, fil-552 sessjoni plenarja tal-10 u l-11 ta' Ġunju 2020 (laqgħa tal-10 ta' Ġunju 2020), b'221 vot favur, 1 kontra u 3 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokumenti imsemmijin hawn fuq.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

⁽¹⁾ ĠU C 240, 16.7.2019, p. 29.

⁽²⁾ ĠU C 197, 8.6.2018, p. 29.

⁽³⁾ ĠU C 264, 20.7.2016, p. 93.

⁽⁴⁾ ĠU C 230, 14.7.2015, p. 24.

⁽⁵⁾ ĠU C 67, 6.3.2014, p. 68.

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta’ miżuri speċifiċi għall-indirizzar tal-kriżi tal-COVID-19”

(COM(2020) 223 — 2020/0105 (COD))

(2020/C 311/14)

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 17.6.2020 Kunsill, 8.6.2020
Bażi legali	Artikolu 175(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Opinjoni adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni tal-plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	225/2/3

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li, barra minn hekk, diġà ta fehmtu fid-dokument ta’ pożizzjoni tiegħu SOC/651 – *Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD)/Kriżi tal-COVID-19* (EESC-2020-01741-00-01-PAC-TRA-EN), li ntbagħat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fil-15 ta’ April 2020, iddeċieda, matul il-552 sessjoni plenarja tiegħu tal-10 u l-11 ta’ Ġunju 2020, b’225 vot favur, 2 voti kontra u 3 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost u li jagħmel referenza għall-pożizzjoni li ħa fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Brussell, l-10 ta’ Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għall-allokazzjoni speċifika għall-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ”

(COM(2020) 206 final — 2020/0086 (COD))

(2020/C 311/15)

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 27.5.2020 Kunsill, 2.6.2020
Bażi legali	Artikolu 177(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Opinjoni adottata fil-plenarja	10.6.2020
Sessjoni plenarja Nru	552
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	219/0/2

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti, iddeċieda, matul il-552 sessjoni plenarja tiegħu tal-10 u l-11 ta' Ġunju (seduta tal-10 ta' Ġunju), b'219-il vot favur, l-ebda vot kontra u 2 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, l-10 ta' Ġunju 2020.

Luca JAHIER
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT